# IL-ĦAJJA f'Għawdex

€2

Jannar 2014 * LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 69 SENA * Nru. 954



# Madwar Għawdex fix-Xitwa



# Il-'Computer' u t-'Television' qegħdin jieħdu l-ħin tal-qari tal-kotba?

Din hi mistoqsija ta' min jikkonsidraha bis-serjetà. Huwa fatt li ħafna Għawdxin ma jħobbux jaqraw, ħlief forsi ċekċik żgħir ta' karti volanti, *leaflets* u xi ftit il-ġurnali ta' kuljum. In-nuqqas ta' nteress u mħabba għal qari ta' kotba serji u ta' valur edukattiv u formattiv jinħass sew ma' kullimkien. Il-bejgħ ta' kotba ġodda u qodma m'għand il-librara qed jonqos ħafna, anke jekk huma kotba reliġjużi utli, sempliċi, moderni jew interessanti għall-ġid veru fil-formazzjoni tal-karattru nisrani.

**X'NISTGĦU NAGĦMLU BIEX IL-POPLU TAGĦNA JIEĦU AKTAR INTERESS FIL-KOTBA U JIDRA JSIB IL-ĦIN, ALMENU TA' NOFS SIEGĦA KULJUM, GĦAL QARI TA' KOTBA TA' FORMAZZJONI RELIĠJUŻA U SPIRITWALI?**

## LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS

Fl-aħħar għoxrin sena ppubblikat aktar minn 250 ktieb b'suġġetti reliġjużi differenti u bi prezzijiet moderati ħafna. Biex aktar tgħin u tħajjar il-poplu tagħna jaqra, issa qegħda toffri

## SKONT TA' 20%

fuq kull ktieb li ppubblikat, anke jekk biex jitqassmu bħala rigali jew għall-użu personali. Din l-offerta speċjali hi bla limiti u għal kulħadd sakemm iservi l-istokk ta' kotba li baqgħalna.

## LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex Tel: 2156 0496

*Jiftaħ il-Ħamis, il-Ġimgħa u s-Sibt, 9.00am - 12.00pm*

# Il-Ħajja f'Għawdex

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945

*Ħarġa nru. 954 – Jannar 2014*



4 Editorjal
**Il-Libertà mill-Gidba Politika**
*Joseph W. Psaila*

5 Kronaka
**Mill-Ħajja fid-Djoċesi**
*Francesco Pio Attard*

7 X'Jgħidilna l-Isqof
**"Ġesù għandu mħabba kbira lejn min hu mqareb!"**

8 Kummentarju (1)
**Il-Valuri ta' Franġisku**
*Joe Rapa*

10 Aħbarijiet Lokali
**X'għadda minn għalina**
*Charles Spiteri*

15 Riflessi
**Serati Letterarji f'Għawdex**
*Kav. Joe M. Attard*

16 Kummentarju (2)
**Il-Jum tal-Ħadd fin-nisġa ta' Eko-Għawdex**
*Mons Salv Grima*

18 Kummentarju (3)
**Il-Poter u l-Leġittimità Tiegħu**
*Dr Alfred Grech*

20 Kummentarju (4)
**Politika Ġdida**
*Charles Magro*

21 Għawdex 150 sena Djoċesi (1)
**Għawdex fl-aħħar tas-seklu tmintax**
*Joseph Bezzina*

22 Viżta Pastorali (3)
**Il-Viżta Pastorali: mal-medda ta' 150 sena**
*Francesco Pio Attard*

24 It-Taraġ lejn il-Qdusija (4)
**Dun Mikiel u l-Ħajja Kontemplattiva**
*Fra Ġorġ Grech OSCO*

26 Dawl għall-Ħajja
**"Il-Fraternità hi l-Pedament u l-Għerq tal-Paċi"**
*Arċipriet C. Mercieca*

28 Esperjenza
**International Visitors Leadership Program**
*Ryan Mercieca*

29 Rapport
**Ġieħ Għawdex 2013**

30 Folklor Għawdxi
**Il-Ħabsijiet ta' Għawdex u Xogħol il-Kalzriera u l-Gwardjana**
*Anton F. Attard*

32 Reminixxenzi (13)
**Ministru għal Għawdex – "Hekk Alla Jgħinni!"**
*Anton Tabone*

34 Tieqa fuq l-Ambjent (54)
**L-għasfur ta' Għawdex**
*Joe Sultana*

36 Kultura
**'The Granny Project'**

37 Mixxellanja
**Is-Siġġu Vojt tan-Nannu Mill-Karru għall-Kompjuter**
*George N Cassar u MJX*

38 Passiġġata Biblika (87)
**Siġar u Pjanti fil-Bibbja**
*Fr Charles Buttigieg*

40 Għawdex Qabel ir-Ritratti (61)
**Interess fil-Ġgantija mill-barranin**
*John Cremona*

41 Paġni mill-Arkivju Nazzjonali (219)
**B'tabib Għawdxi, ikunu iktar moqdija**
*Joseph Bezzina*

42 Għawdex Online (55)
**Gozoviews.com**
*Salvu Felice Pace*

43 L-Istorja Tgħallimna (8)
**Iż-Żmien tad-Deheb tal-Iżlam u r-Rinaxximent fl-Ewropa**
*Dr Mario Saliba*

45 Esperjenza
**Fi Triqti lejn il-Vjetnam**
*Angelo Portelli (037)*

49 Għawdex Sportiv
**Futbol – Gozo Cup**
*Joe Bajada*

50 Snajja tal-Imgħoddi
**Il-Mastrudaxxa u l-Ħaddied**
*Fr Geoffrey G. Attard*

*Suppliment fin-nofs:*

- **Diskors tal-Isqof Mario Grech fil-Kunsill tal-Konferenzi Episkopali tal-Ewropa**
- **Ebda persuna ma hija ġebla skartata**
- **Messaġġ tal-Isqof Mario Grech fl-okkażjoni tal-ftuħ tad-dar ta' Karmni Grima**


*Ritratt tal-Qoxra:* **Salini fix-Xwejni.** Ħajr lil Joe Attard.


**Rivista maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

Direzzjoni u Amministrazzjoni:
Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579 Tel. 21560496/7 Fax. 21561860
e-mail: gozopress@onvol.net

Abbonament Annwali: €15 Sostenitur: €20

Issettjata u Stampata: "Gozo Press" Tel.21551534


*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

# Il-Libertà mill-Gidba Politika



**Joseph W. Psaila**
*jwpsaila@melita.com*

**Id-drammaturgu famuż Norveġiż, Henrik Ibsen, kiteb dramm bl-isem "Il-Pilastri tas-Soċjetà". Fin-nisġa tal-istorja jagħti prova li soċjetà biex tirnexxi teħtieġ li tinbena fuq żewġ pilastri: "il-libertà" u "il-verità". Jekk wieħed minnhom ikun nieqes, is-soċjetà tkun marida. Iżda f'ħafna soċjetajiet – fosthom din tagħna – hawn, toħroġ il-għaġeb, min jaħseb li jista' jsostni l-libertà billi javvelena l-verità.**

Jekk ikollok żewġ partiti politiċi, kull wieħed ixandar mill-istazzjon televiżiv tiegħu, u li l-istess aħbar politika jagħtuha b'mod sfaċċatament l-oppost wieħed mill-ieħor, ma jkunux għajr qegħdin jissuġġerixxu lis-semmiegħa li wieħed minnhom qiegħed jigdeb. Għax ikunu żewġ partiti li jridu jiksbu l-fiduċja tal-poplu billi jisfiduċjaw wieħed lill-ieħor. Dan l-istat ta' fatt f'pajjiżna, ilu sejjer hekk għal ħafna snin. Tant ilu li partitarji ħorox taż-żewġ naħat - u dan ifisser persentaġġ għoli ħafna tal-poplu Malti u Għawdxi – saru jaċċettaw bi drawwa u b'indifferenza li fil-politika tista' tiġdeb, basta ma tinqabadx b'xi *mano in pasta*. Għaliex lanqas jimporta jekk politiku jinqabad li gideb xi żmien wara l-mument deċiżiv tal-kampanja elettorali. Niftehmu, dan ma jiġrix f'fostna biss. Peter Teeley, is-Segretarju għall-Istampa ta' George W. Bush meta dan kien Viċi President, hu magħruf li qal: "Meta f'dibattitu hemm 80 miljun jisimgħuk, inti tista' tgħid li trid. Jekk jirriżulta li xi ħaġa li tkun għedt tkun gidba, u l-ġurnalisti jikkoreġuha, b'daqshekk x'ikun ġara! Jista' jkun li jaqrawha 200, jew 2,000 jew 20,000."

Iżda dak li jiġri f'pajjiżi oħra, m'għandux iħajjarna ngħollu spallejna għal dak li kien u għadu jiġri fostna. **Il-verità hi dejjem waħda. Il-gidba għandha numru infinit ta' forom u suriet. Issib min jaħbi l-verità billi jgeżwira fl-ispekulazzjoni b'mod li min jisma' ma jibqax jagħraf fejn jintemm il-fatt u tibda l-finzjoni. B'hekk issir verità li taqbel lil min ikun qed ixandar. U l-partiti politiċi, permezz tat-televizjoni tagħhom, li minn elezzjoni għall-oħra ma jagħtuniex nifs, jeżaġeraw jew ixejnu, jaħbu jew iperrċu, idawru u jbellgħu, iqasqsu jew iżejnu l-aħbar politika skont l-aġenda li taqbel lilhom. M'għandniex xi ngħidu – jew, fiż-żminijiet li qed ngħixu, ara ma jfettlilniex ngħidu – li dan il-logħob bil-kliem huwa 'l bogħod ħafna mill-prinċipju Evanġeliku : "Iva, iva u le, le."**

Huma kollha gradi ta' ipokrisija – ipokrisija li t-televiżjoni partiġġjana tferrex bħax-xita fis-soċjetà, u din mhix xita fejjieda imma tixbah lil xi wieħed mill-flaġelli bibliċi tal-Eġittu, xita li tmarrad bla ma nintebħu. U jekk naslu li naċċettaw li għall-politika tista' tbażwar, ma tantx nistgħu, imbagħad insibuha bi tqila biex nuru wiċċ b'ieħor, meta se mmorru minn taħt, f'xi faċenda oħra tal-ħajja. Anzi, il-gidba ssir għata għal korruzzjoni oħra. M'għandniex għax nistgħaġbu li pajjiżna dejjem nieżel fil-klassifika tal-*Corruption Perception Index*; jew li "l-ekonomija s-sewda" ta' Malta hija waħda mill-għola fl-Ewropa; jew li l-Isqof Mario Grech deherlu li għandu jgħolli leħnu kontra dawk li jippożaw u jiġu ċertifikati bħala persuni b'diżabbiltà sabiex jieħdu l-benefiċċju soċjali. **Biex tagħqad għalina l-Maltin u l-Għawdxin – li fl-elezzjonijiet nivvotaw b'aktar minn 90%, il-politika mhix xi ħaġa ta' xejn, imma xi ħaġa li qisu minnha jiddependu l-ġenna u l-infern. Għaldaqstant, il-gideb minn fuq l-istazzjonijiet tal-partiti politiċi jikxef nuqqas kbir ta' responsabbiltà.**

Mur għidlu li qiegħed inaqqar il-libertà lil xi wieħed mill-partiti politiċi tagħna. Kieku ħoll xagħrek u ġib iż-żejt għax din tkun kritika ma tinħafirx malajr. Imma sadattant, fis-soċjetà tagħna l-pilastru tal-verità huwa dgħajjef u qiegħed għaldaqstant jiddgħajjef ukoll il-pilastru tal-libertà. Għandna bżonn urġenti tal-libertà mill-gidba!

**Irridu niftakru wkoll li dawn l-istazzjonijiet, miżmumin b'dispett għall-verità, qegħdin jerdgħu l-finanzi tal-partiti. Fost ir-riformi *in the pipeline* fiż-żewġ partiti b'kapijiet moderni, xi riforma għalihom m'hemmx?**



*"Il-Ħajja f'Għawdex"*

**AVVIŻ**

**Minn Jannar 2014**
**l-Abbonament Annwali sar €15,**
**għax il-posta għoliet minn 22c**
**għal 50c kull kopja fix-xahar.**

*L-Amministrazzjoni*



# Mill-Ħajja fid-Djoċesi

www.gozodiocese.org

**Francesco Pio Attard**





## Is-seminaristi Għawdxin iħabbtu l-bibien fil-Qala

***Ġimgħa Vokazzjonali organizzata mis-Seminarju ta' Għawdex***

Matul it-tielet ġimgħa ta'Novembru li għadda, il-komunità tas-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù f'Għawdex organizzat Ġimgħa Vokazzjonali fil-parroċċa tal-Qala, bit-tema *"Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej" (Salm 34:9).* Dan bħala parti minn programm ta' inizjattivi li s-Seminarju ta' Għawdex qed jieħu biex jippromovi iktar vokazzjonijiet fid-Djoċesi. Fil-fatt, fl-4 ta' Novembru li għadda, jum l-anniversarju mit-twaqqif tas-Seminarju ta' Għawdex, ġie ppreżentat uffiċjalment id-dokument tal-Pjan ta' Ħidma għall-Vokazzjonijiet Saċerdotali fid-Djoċesi Għawdxija.

Wara l-esperjenza pożittiva tas-sena l-oħra fir-raħal tal-Għasri, għat-tieni darba s-seminaristi għażlu li jħallu l-ħitan qodma tas-Seminarju biex joħorġu jiltaqgħu man-nies fi djarhom u fil-parroċċi. Il-Qala hi waħda mill-komunitajiet Insara mdaqqsin li hemm fil-gżira, b'popolazzjoni ta' fuq 1,700 ruħ.

Għal ġimgħa sħiħa, flok il-programm tagħhom tas-soltu, is-seminaristi akkumpanjati mis-superjuri tagħhom ħarġu jiltaqgħu mad-diversi realtajiet pastorali fil-Qala, bħall-gruppi tat-tfal, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ, inkluż ukoll iċ-ċentri tad-duttrina, l-iskejjel u anki l-Istitut tal-Istudji Turistiċi li jinsab f'dan ir-raħal. Kull ġurnata kienet tibda b'mument ta' adorazzjoni Ewkaristika fil-knisja parrokkjali, mbagħad waqt li din tkompli fis-skiet b'talb speċjali għall-vokazzjonijiet, is-seminaristi kienu jmorru jħabbtu l-bibien tad-djar fejn hemm l-adolexxenti. Kuljum is-superjuri tas-Seminarju ċċelebraw ukoll Quddiesa fil-parroċċa.

L-iskop ta' din il-Ġimgħa kien li titqajjem iżjed kuxjenza vokazzjonali, speċjalment billi l-komunità Nisranija tiġi mħeġġa titlob iżjed għall-vokazzjonijiet u toħloq ambjent li jiffavorixxi t-tweġiba għas-sejħa ta' Alla. Anki l-morda tal-parroċċa ġew mitluba joffru t-tbatijiet tagħhom għall-istess għan. Barra minn hekk, inħolqu mumenti ta' fraternità fejn is-seminaristi setgħu jaqsmu l-esperjenzi tagħhom man-nies, speċjalment maż-żgħażagħ li għandhom bżonn iħossuhom qrib tagħhom.

Inizjattiva oħra fl-istess linja li ħa dan l-aħħar is-Seminarju ta' Għawdex kienet dik ta' disa' Ħamisijiet ta' talb għall-vokazzjonijiet fil-Kappella tas-Seminarju fil-Belt Victoria. Kull l-ewwel Ħamis tax-xahar, jum tradizzjonalment iddedikat lit-talb għas-saċerdoti, il-pubbliku qed jiġi mistieden jingħaqad mal-komunità tas-Seminarju f'talb għall-vokazzjonijiet. Il-kappella tkun miftuħa l-jum kollu għall-adorazzjoni, mis-7.30am sa l-10.00pm, u min jixtieq jista' jagħżel li jitlob flimkien mas-seminaristi bil-Quddiesa, il-Liturġija tas-Sigħat jew f'mumenti oħra ta' adorazzjoni.

## Ktejjeb tat-tpinġija dwar il-wirt reliġjuż tax-Xewkija

It-tfal mix-Xewkija li qegħdin fit-tielet u r-raba' sena tal-primarja, issa jistgħu jitgħallmu iżjed dwar il-wirt artistiku reliġjuż ta' raħalhom permezz ta' ktejjeb tat-tpinġija li għadu kemm ġie ppubblikat mill-Kunsill Lokali tax-Xewkija.

L-idea oriġinali li tiġi mxandra serje ta' kotba ta' tpinġija fuq din il-lokalità – magħrufa l-iżjed għar-Rotunda Monumentali li nbniet fis-seklu l-ieħor fil-ġebla Maltija – biex jitqassmu lit-tfal ta' etajiet differenti, kienet ta' Dr Monica Vella, is-Sindku preċedenti. Bl-għajnuna tal-kittieb Dr Raymond C. Xerri u grazzi għad-disinni ħelwin li pprepara l-artist żagħżugħ Xewki Paul Falzon, fl-aħħar ġimgħat dan il-proġett immaterjalizza ruħu biex hekk issa t-tfal Xewkin għandhom f'idejhom l-ewwel ktieb fis-serje.






Fl-erbgħin paġna ta' din il-pubblikazzjoni t-tfal jistgħu jikkuluraw l-istampi imma wkoll jaqraw tagħrif interessanti dwar aspetti differenti tal-wirt reliġjuż fix-Xewkija, kif irrappreżentat f'opri differenti tal-arti li bihom jiftaħar dan ir-raħal, bħalma hi l-iskultura fina tal-knisja parrokkjali l-qadima, il-kwadri ta' Gioacchino Loretta u Francesco Zahra, niċeċ qodma li kienu jżejnu dan ir-raħal, l-istatwa titulari ta' San Ġwann Battista maħduma minn Pietru Pawl Azzopardi, u, ma jistax jonqos, il-binja impressjonanti tar-Rotunda mtellgħa frott l-għaraq u l-għaqal tax-Xewkin.

Is-serje – li għandha l-għan li tlaqqa' lit-tfal sa minn età ċkejkna mal-wirt storiku, artistiku u kulturali tax-Xewkija – tkompli fis-snin li ġejjin b'kotba dwar aspetti oħra ta' dan ir-raħal li jista' jiftaħar bi storja twila u għadd ta' mkejjen interessanti.

Kopji jinkisbu mill-Kunsill Lokali tax-Xewkija fi Triq it-Torri Tingi, ix-Xewkija (21558822).

## Nomina Pontifiċja lil Mons Alfred Xuereb



Il-Papa Franġisku ħatar lil Monsinjur Alfred Xuereb bħala Delegat tal-Kummissjoni dwar l-Istitut għax-Xogħlijiet ta' Reliġjon, magħruf aħjar bħala l-Bank tal-Vatikan, u bħala Delegat tal-Kummissjoni dwar l-organizzazzjoni tal-istruttura ekonomika u amministrattiva tas-Santa Sede. Fil-preżent, Mons. Xuereb huwa s-Segretarju Privat tal-Papa Franġisku.

Il-ħidma li ġiet fdata lilu mill-Papa titlob li, f'kollaborazzjoni mas-Segretarjat tal-Istat, huwa jsegwi b'reqqa u jinforma lill-Papa direttament dwar il-ħidma ta' dawn iż-żewġ kummissjonijiet f'dak li jikkonċerna l-proċedura ta' xogħol u inizjattivi li jistgħu jittieħdu mill-istess kummissjonijiet.

Il-Papa Franġisku waqqaf dawn iż-żewġ kummissjonijiet biex iwettqu r-riformi meħtieġa fil-ħidma tal-Bank tal-Vatikan u fl-istruttura ekonomika u amministrattiva tas-Santa Sede.

## Żjara ta' Mons. Isqof fiż-Żebbuġ

L- Isqof ta' Għawdex, Mons. Mario Grech, għamel żjara lill-Kunsill Lokali Żebbuġ bħala parti mill-programm taż-Żjara Pastorali tiegħu fiż-Żebbuġ. Mal-wasla tiegħu, Mons. Isqof ġie milqugħ mis-Sindku Nicky Saliba u l-Kunsilliera l-oħra kif ukoll mir-rappreżentant tal-Kunsill Amministrattiv ta' Marsalforn flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Mons. Isqof Grech kellu wkoll laqgħa mal-Kunsill taż-Żgħażagħ Żebbuġ, fl-istess uffiċċju tal-Kunsill.



Fir-ritratt mix-xellug għal-lemin jidhru, Arċipriet Dun Ruben Micallef, Joseph Camilleri - Kunsillier, Mario Cassar - Viċi Sindku, Victor Refalo - Kunsillier, Mons. Isqof Grech, Nicky Saliba - Sindku, Marija Saliba - Kunsilliera, George Sacco - membru KAM u Diane Tagliaferro - Segretarju Eżekuttiv.

**Alexander Saliba**
Computer Sales and Services
65, Ta' Said Street Nadur, Gozo
alexandersaliba@gmail.com
21 555 358
99 864 262

Repairs Desktop PC's and Laptops - Android Phones and Tablets / iPads and iPhones

# "Ġesù għandu mħabba kbira lejn min hu mqareb!"

## *L-Għawdxin iċċelebraw Kristu Re u Għeluq is-Sena tal-Fidi fir-Rotunda tax-Xewkija*



"Ġesù għandu mħabba kbira lejn min hu mqareb". Hekk fetaħ u għalaq l-omelija tiegħu l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech fiċ-Ċelebrazzjoni Djoċesana ta' Kristu Re li saret fir-Rotunda tax-Xewkija l-Ħadd, 24 ta' Novembru 2013, hekk kif it-temp kiesaħ ħassar il-pjan oriġinali li l-għeluq tas-Sena tal-Fidi fid-Djoċesi ta' Għawdex jinżamm fi Pjazza Santu Wistin fir-Rabat.

"F'mument fejn id-dixxipli kienu mħawda, il-ħalliel it-tajjeb joħroġ b'dik l-istqarrija kbira tal-fidi, li seta' jagħmilha biss għax tefa' għajnejh fuq il-Kurċifiss u daq il-ħniena infinita ta' Alla". It-test Grieg jenfasizza li l-ħalliel maġenb il-Mulej fuq is-salib sejjaħ isem Ġesù kemm-il darba, u dan l-isem ifisser "Alla jsalva". Fil-fatt, kif jgħidilna San Pawl, m'hemmx isem ieħor li bih nistgħu nsalvaw: irridu nemmnu li tassew isem Ġesù jsalva! Il-ħalliel it-tajjeb ra lil Kristu u ntlaqat mill-ħniena tiegħu. Jekk irridu nagħmlu evanġelizzazzjoni mal-bniedem 'imqareb' ta' żmienna, rridu ngħinuh iduq il-ħniena infinita ta' Alla li tiġi qabel kull konverżjoni, kompla l-Isqof bi kliem li jixbah ħafna lil dak li spiss qed itenni l-Papa Franġisku.

"Din hi s-sejħa tal-Knisja llum", qal l-Isqof Grech, "li tperreċ lil Ġesù Kurċifiss, li bih Alla reġa' ħabbibna miegħu u ma' xulxin. Ejjew inħarsu lejh biex għajnejna jiltaqgħu






ma' tiegħu". Mons. Grech qal li quddiem l-istqarrija ta' fidi tal-ħalliel, tant hi qawwija l-fidi ta' bniedem quddiem Alla, li Ġesù saħansitra jieħu ġurament: "*Illum* tkun il-Ġenna miegħi". Din il-*kelma illum* hi spiss użata fil-Vanġelu, għax Alla mhux iwegħedna biss Ġenna fil-futur, imma din tista' tkun issa u hawn jekk aħna nħallu lil Ġesù jgħix magħna fil-preżent. "Din hi l-bxara t-tajba li nixtieq li tasal fi qlubna", spiċċa jgħid l-Isqof, waqt li rrifera għal dak li kien kiteb fl-Ittra tiegħu dwar il-Viżta Pastorali f'Ottubru li għadda, meta awgura li l-Knisja tkun kapaċi ssib kanali ġodda li bihom tasal il-ħniena ta' Alla u hekk qlubna jiċċarrtu bl-imħabba għal Kristu.

Fi tmiem il-Quddiesa, li fiha kkonċelebraw mal-Isqof Grech il-kappillani Għawdxin, hu għadda lil kull parroċċa salib tal-injam biex jitqiegħed f'nofs il-komunità, ħalli hekk l-Insara kollha jżommu ħarsithom fissa fuq Ġesù Kurċifiss wieqaf quddiemhom "li jgħinhom jistqarru li Hu l-uniku Feddej tal-umanità". Is-salib fih fuqu l-kliem "Niltaqgħu mal-Imħabba ta' Alla", il-motto tal-Viżta Pastorali li għaddejja bħalissa f'Għawdex.

(Għall-Quddiesa kienu preżenti wkoll it-tfal li matul din is-sena ħa jkunu qed jirċievu l-Ewwel Tqarbina fil-parroċċi Għawdxin. Wara l-omelija, dawn inġabru qaqoċċa madwar l-Isqof li talab fuqhom u ppreżentahom lill-ġemgħa li ħonqot ir-Rotunda. L-Isqof ħa l-okkażjoni biex jirringrazzja lill-ġenituri, il-katekisti u s-saċerdoti li jgħinu lill-poplu ta' Alla biex il-fidi fih ma tiġix nieqsa.)

*(ritratti: Frans Galea)*

# Il-Valuri ta' Franġisku



Joe Rapa

**Intervista lil Papa ħadd ma kien joħlomha fl-imgħoddi. Ġwanni Pawlu II biddel it-tradizzjoni u, fl-ewwel xhur tal-pontifikat-sorpriża tiegħu, Franġisku diġà ta iktar minn waħda. Dik li ta lill-editur tal-*Corriere della Sera* ħasdet lil ħafna b'mod pożittiv, imma l-iktar li laqtet il-'headlines' tad-dinja, kif sikwit qed jagħmel dan il-Papa, kienet l-intervista lid-direttur ta' *Civiltà Cattolica* ta' sħabu l-Ġiżwiti.**

## Interpretazzjonijiet

Hija ħaġa ċara li hawn għandna bniedem kuraġġuż, "bin il-Knisja", li lest li jmur fejn ħafna oħrajn jibżgħu jirfsu, basta għall-ġid ta' "Ommu". Ma tantx jidher li qed iħabbel rasu għall-interpretazzjonijiet li ħafna jistgħu jagħtu għall-għemil jew għall-kliem tiegħu. Hu jaf li qed jimxi f'għalqa imminata, imma jidher li għandu fiduċja għamja f'Dak li ssorprendih bis-sejħa li għamillu.

Hu tal-għaġeb kif aġenziji kbar tal-aħbarijiet bħal *Reuters, AP, APF* eċċ, kull darba li jagħtu aħbar fuq il-Knisja, anke jekk tkun ħaġa pożittiva, dejjem jirrepetu '*ad nauseam*' l-elenku tal-problemi tagħha: il-ġerħa tal-pedofolija, it-taħwid fil-Kurja Rumana u l-bqija. Ma jimpurtax. Alla jdawwar kollox għall-ġid tal-magħżulin tiegħu u llum inħossu arja ta' urġenza ta' riforma fil-Knisja.

**L-interpretazzjoni ġenerali ta' ħafna li għandhom interessi partikulari skont il-grupp tagħhom u ftit iħabblu rashom mill-ġid u l-awtentiċità tal-Knisja, kienet li dan il-Papa mhux tant ċert mill-ġlieda morali li l-Knisja ilha tagħmel kontra d-dekadenza fil-valuri ta' soċjetà fejn ir-relattiviżmu hu kollox u l-verità hi "opinjoni". Laqtet l-iktar il-kwotazzjoni li l-Knisja ma tistax tingħalaq f'ossessjoni fuq tagħlim dwar l-abort, kontraċezzjoni, omosesswalità, ewtanasja, divorzju eċċ. Malajr ġera s-suspett li l-Knisja lesta tibdel id-duttrina tagħha fuq dawn il-kwistjonijiet għax qed tinduna li l-battalja ntilfet.**



## Bidla fl-istil pastorali

Naturalment, il-Papa nnifsu jwarrab din l-interpretazzjoni. Hu jaċċenna li dak li qed ixekkel il-Knisja llum huwa problema ta' stil u mhux ta' duttrina u ħareġ b'dik il-frażi famuża tal-Knisja bħala tinda tar-"Red Cross" fil-kamp tal-battalja. Kemm jagħmel sens dan l-eżempju! Qal li meta t-tobba u l-infermiera jġibulhom lill-midrubin quddiemhom, mhux se joqogħdu jintilfu jittestjawhom fuq jekk għandhomx kolesterol, dijabete jew pressjoni għolja. L-importanti, l-ewwel, hu li jiġu indirizzati l-feriti li jistgħu jikkawżaw il-mewt. L-affarijiet l-oħra huma importantissimi wkoll, imma jiġu indirizzati wara.

Din hija bomba anke jekk ma qal xejn ġdid. Jien iltqajt ma' dan il-prinċipju fl-edukazzjoni Nisranija 34 sena ilu meta bdejt Mixja lejn il-Fidi fi ħdan komunità Neokatekumenali. Il-bniedem jersaq lejn il-Knisja-Sptar mimli ġrieħi tal-ħajja, bħalma ersaqt jien. Importanti li jitfejqu l-ġrieħi l-ewwel imbagħad tgħidlu biex iqum mis-sodda u jibda jaħdem u jgħix ħajja normali. Importanti li l-bniedem jiltaqa' ma' Kristu l-ewwel, li jemmen l-Aħbar it-Tajba l-ewwel, imbagħad wara turih il-ħajja morali li Dak li fejqu qed jistenna minnu. **L-ewwel il-Fidi mbagħad l-opri tal-Fidi! Għall-ewwel xejn mhu mitlub mill-bniedem miġruħ, lanqas li jibdel ħajtu! Il-ħaġa urġenti mitluba minnu hi li jibda jemmen dak li wettaq Kristu għalih; jemmen f'dak li miet għalih appuntu għax hu midneb, għax hu mbiegħed, għax hu għadu ta' Alla. Din hija s-Sorpriża Qaddisa li tfejjaq il-ġrieħi li jikkawżaw il-mewt spiritwali. Imma tant hu dgħajjef il-bniedem, tant hu mjassar mill-problemi u mill-qagħda mwaqqa' tiegħu li anke li jemmen hi grazzja. Huwa Alla li jagħti l-Fidi. Kollox grazzja. Ma tistax titlob minn paralitiku li jimxi bħan-nies. Ma tistax titlob minn ħafna, ħafna aħwa li jgħixu ħajja xierqa, li jkollhom valuri Nsara, jekk għad lanqas għandhom Fidi u dak li għandhom hu biss tiċlieqa kulturali li mingħalihom hi Kristjaneżmu.**

## Nagħrfu r-realtà

F'dan li qal il-Papa hemm moħbija *question mark* enormi dwar l-istruttura tal-Knisja Lokali, tal-Parroċċa. Il-Papa qiegħed jiċċalinġja l-Knisja. U mela jbiddel it-tagħlim tagħha!! **Hemm bżonn bidla epokali kif inħarsu lejn il-massa tagħna. Hemm bżonn niftaqru mill-ingann tal-**



**popolarità tal-festi, tat-tlellix tal-arti u mill-emozzjonijiet tal-pompi. Għandna bżonn 'naraw' ir-realtà ta' 'Fidi' li aħna mdawrin biha. Jekk m'hawnx kriżi ta' Fidi, mela nkomplu kif dejjem konna, nipprietkaw il-morali, intambru fuq in-nies x'għandhom 'jagħmlu'. Imma jekk aħna mdawrin b'Fidi infantili, mela jagħmel sens dak li qal Franġisku: "Omelija sabiħa (jew katekeżi tajba) twassal b'ħeġġa u żelu t-tħabbira tas-salvazzjoni... dan jiġi qabel l-eżiġenzi morali u reliġjużi. Ħafna drabi qed nagħmlu l-kontra."**

Kemm-il darba innutajt li ħafna mill-predikazzjoni għandha l-istil ta' wieħed iblah li jpoġġi l-karettun quddiem iż-żiemel u mhux wara. Iż-żiemel huwa l-Fidi li minnha u minnha biss tiġi s-saħħa li jinġibed it-toqol ta' ħajja skont ir-rieda ta' Alla, ħajja b'valuri Nsara tassew. Jekk mhix b'saħħitha u matura l-Fidi, għalxejn tgħabbi l-karettun. Agħar u agħar, inutli tpoġġi ż-żiemel wara, jiġifieri inutli turi l-verità dwar id-divorzju, l-abort, il-kontraċettivi, żwieġ 'gay' ecc., ecc. jekk qed tieħu l-Fidi ta' min qed jisma *'for granted'*. B'umiltà, u billi npoġġi lili nnifsi f'qagħda li nkun ikkoreġut, jiena nemmen li dan hu l-ikbar żball li qed twettaq il-Knisja. Irridu nibdew mill-bidu. Nintefgħu b'żelu nxandru l-Aħbar it-Tajba bħallikieku għadha qatt ma xxandret. Qatt mhu biżżejjed ixxandar il-Misteru ta' Kristu. Dan hu li kien jagħmel San Pawl il-ħin kollu. U dan b'umiltà mingħajr ma tippretendi li se taħsad ħafna mill-ewwel. Trid tiżra', tiżra' u tiżra'.

Huwa hawn fejn tidħol l-idea tal-Atti tal-Appostli: Knisja ffurmata minn komunitajiet żgħar. Huwa f'dawn il-komunitajiet, li dejjem jikbru fil-Fidi, fejn tista' tinftiehem is-sbuħija tat-tagħlim radikali tal-Knisja dwar iż-żwieġ għal dejjem, il-ftuħ għall-ħajja, is-Salib Glorjuż li wieħed ikollu saħħa jġorr, is-sesswalità qaddisa u tant u tant ġawhar li għandha l-Knisja. Jiddispjaċini, imma taqra l-gazzetti tagħna u tinduna li l-Knisja qed titfa' dawn il-ġawhar quddiem il-qżieqeż li jogħġobhom il-ġandar.

**Ħafna ma jafux kemm hi sabiħa l-Knisja! Ma jafux kemm hu sabiħ Kristu! Madwar id-dinja, l-idea ta' ħafna 'mibegħda' dwar il-Knisja hi li hija istituzzjoni setgħana li tiġġieled kontra l-introduzzjoni tal-abort, id-drittijiet 'gay' u l-bqija. Din hi karikatura tal-Knisja! Tassew li tiddefendi l-bniedem quddiem is-sekolarizzazzjoni, imma hi ħafna aktar minn hekk. L-ewwel u qabel kollox il-Knisja teżisti biex tagħti tama lill-bniedem li hu mfarrak billi xxandarlu lil Kristu rebbieħ fuq il-mewt u tlaqqgħu miegħu. Din hi l-evanġelizzazzjoni l-ġdida. Li tgħid lill-bniedem x'għandu jagħmel mhix evanġelizzazzjoni. Lill-bniedem tgħidlu x'għandu jagħmel, iva, u se jagħmlu mill-qalb, imma wara li jkun għaraf kemm hu maħbub minn Alla fi Kristu u jinnamra miegħu. Meta twassal il-bniedem għal dan, itolbu kollox u hu jagħmlu.**

Wieħed isqof wasal biex qal li ġratilna waħda... Immaġina lill-Knisja fir-'ring' tal-*boxing* imrekkna ġor-rokna tipprova tiddefendi ruħha b'kull mod. Fil-'boxing' li tiġi sfurzat fir-rokna tar-*ring* hi l-agħar ħaġa għax qajla tkun tista' toħroġ minn hemm. Sibna ruħna fir-rokna għax sfurzati l-ħin kollu nitkellmu biss fuq kwistjonijiet morali jaħarqu u dejjem fuq id-difiża dwarhom. Għall-kuntrarju, li l-Knisja xxandar lil Kristu bħala l-unika soluzzjoni għall-problemi fundamentali tal-bniedem, kullimkien, b'ħeġġa u żelu, jkun ifisser li ħarġet mir-rokna fejn kienet magħluqa.

**Grazzi lill-Mulej li tana Papa li l-iswed jgħidlu iswed u l-abjad, abjad. Qed jerġa' jinstema' l-mandat li qajla jinftiehem: "Franġisku, mur u ibni l-Knisja tiegħi li kif tara qegħda tiġġarraf." Ħa nifhmuh aħna wkoll dan il-kliem, inkella se jkollna nassistu għall-ispettaklu ta' soċjetà "Kattolika" li tħaddan bla wisq skossi il-permissiviżmu kollu tal-kultura dominanti.**

"Your life. My vision."



LORNE CREMONA
PHOTOGRAPHY

weddings | engagements | baptisms
portraits | social & family occasions

69, Mġarr Road, Qala - Gozo
7945 2685
info@lornecremona.com
www.lornecremona.com
follow us on facebook

# X'għadda minn għalina



Charles Spiteri



*Waqt is-seminar fil-Lukanda Grand.*

## Seminar fl-anniversarju tat-twaqqif tal-Kunsilli Lokali

Seminar intitolat "L-20 anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali - ir-rwol u r-rilevanza llum" sar fil-Lukanda Grand, f'Għajnsielem, biex ifakkru dan l-anniversarju. Is-seminar ġie indirizzat minn numru ta' kelliema, fosthom mis-Sindku t'Għajnsielem, Francis Cauchi li qasam l-esperjenza tiegħu ta' dawn l-aħħar 20 sena. Mario Cassar Viċi-Sindku taż-Żebbuġ għamel preżentazzjoni dwar l-importanza tal-attivitajiet kulturali u edukattivi fil-lokalitajiet. Preżentazzjoni oħra kienet dik ta' Michael Cohen bħala *Chairman* tal-Kumitat Vot ta' 16, li nqrat minn Mario u Charise Cutajar; żewġ ambaxxaturi għall-vot 16 għal-lokalità tal-Għasri u dik ta' Fontana rispettivament. Il-preżentazzjoni tat ħarsa tal-Kunsill Lokali f'Għawdex minn perspettiva taż-żgħażagħ. Il-Membru Parlamentari Robert Cutajar, li rrappreżenta l-Oppożizzjoni indirizza ukoll l-udjenza.

Il-President tar-Reġjun ta' Għawdex, l-Avukat Samuel Azzopardi li ppresieda s-seminar, fl-indirizz tiegħu ffoka fuq it-twelid ta' livell ieħor ta' tmexxija, jiġifieri r-Reġjuni f'Malta u Għawdex. Huwa saħaq dwar l-importanza li jiġu żviluppati aktar il-Reġjuni. Is-Segretarju Parlamentari Josè Herrera fid-diskors tiegħu ffoka fuq tliet riformi kbar li għandhom jiġu implimentati f'din il- leġiżlatura. Jibdew b'dik tal-infurzar lokali, segwita mir-riforma tar-Reġjuni u wara b'introduzzjoni ta' dħul finanzjarju mqassam proporzjonalment skont id-daqs tal-Kunsill sabiex il-Kunsilli Lokali jsiru aktar awtonomi.



*Uħud mill-Kelliema. Jidhru l-Avukat Samuel Azzopardi u s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali Josè Herrera.*



## Wirja ta' Mro. Prof Vella

Il-Ministru għal Għawdex Anton Refalo inawgura l-aħħar fis-serje ta' wirjiet temporanji fil-Mużew Il-Ħaġar | *Heart of Gozo*, tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, Victoria. Il-pitturi esebiti mill-kollezzjoni privata ta' Mro.Prof Joseph Vella, huma l-aktar dawk taż-żejt fuq it-tila, iżda wkoll jinkludu żjut fuq irħam u l-landa kif ukoll ikona Russa tas-seklu 17. Il-fattur li jgħaqqad hija t-tema: in-Nativitá u ħafna drabi, ir-Rigali tal-Maġi .

Wara li l-kritiku tal-arti Joe Camilleri ta ħarsa ġenerali tal-iżvilupp ta' dawn is-suġġetti, il-Ministru Refalo tenna l-importanza għall-arti u l-kultura li l-Ministeru tiegħu jagħti. Il-pitturi jinsabu għall-wiri fiż-żewġ swali awdjo-viżivi, fejn sistema tad-dawl addizzjonali għadha kif ġiet installata. Wieħed jista' jżur din il-wirja matul il-ħinijiet normali tal-ftuħ tal-Mużew jiġifieri l-ġimgħa kollha (inkluż il-Ħadd) mid-9.30 ta' filgħodu sal-5.00 ta' filgħaxija sal-aħħar ta' Jannar.

Fir-ritratt jidhru ċ-Chairman tal-Fondazzjoni Belt Victoria Antoine Vassallo, Mro. Prof Joseph Vella, il-Ministru Anton Refalo, il-kuratur tal-Mużew Mons Joseph Farrugia u l-kritiku tal-arti Joe Camilleri .

## Ġbir ta' fondi

L-Għaqda karitattiva *Inspire* organizzat attivitá ġbir ta' fondi fiċ-Ċentru Kummerċjali Arkadia fir-Rabat. Bl-għajnuna tal-furnara *David's Bakery* ta' Kerċem, kejk tal-frott kbir fil-forma ta' siġra tal-Milied ġie ppreparat għall-wiri fid-dħul tal-Arkadia.

Is-CEO ta' *Inspire* Nathan Farrugia flimkien mal-Kap Maniġerjali tal-Arkadia, Antoine Portelli taw bidu għall-ġbir ta' fondi billi qasmu l-kejk. Xerrejja fl-Arkadia ngħatatilhom l-opportunitá li jixtru biċċa mill-kejk tal-frott u dawn min-naħa tagħhom jagħtu donazzjoni nominali lil *Inspire*. L-avveniment ħalla s-somma ta' € 483.41 li eventwalment ingħataw lil INSPIRE biex b'hekk tkun qed tikkontribwixxi għall-finanzjament tagħhom. INSPIRE hi ħerqana biex torganizza attivitajiet simili ta' dan it-tip fil-futur qarib.



*Waqt il-qsim tal-kejk fl-Arkadia*



## Il-festa tal-Kunċizzjoni fil-Qala

Fl-okkażjoni tal-Festa Titulari tal-Immakulata Kunċizzjoni iffestiġġjata fis-Santwarju Nazzjonali tal-Immakulata Kunċizzjoni, fil-Qala, nhar il-Ħadd 8 ta' Diċembru, saret id-59 Edizzjoni tal-Pellegrinaġġ Tradizzjonali tal-muturi, roti u karozzi mill-pjazza tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu lejn is-Santwarju tal-Kunċizzjoni fil-Qala. Mal-wasla tal-pellegrinaġġ fil-pjazza tas-Santwarju, sar it-tberik tal-vetturi mill-Arċipriet tal-Parroċċa, l-Kanonku Joe Zammit. Tqassmu wkoll rikordji lis-sewwieqa.

## Serata ta' Mużika u Letteratura

Fil-Knisja ta' San Franġisk fil-Belt Victoria kienet organizzata Serata Mużiko-Letterarja bit-tema "*Christus Natus Est*". Il-kor Santa Cecilia u s-Santa Cecilia Brass Ensemble, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Antoine Mercieca ferrħu lill-udjenza b'arranġament ħelwin ta'għanjiet popolari tal-Milied u b'kompożizzjonijiet oriġinali ta' Mro. Mercieca. Kien hemm ukoll qari ta' poeżiji. Lejn tmiem is-Serata saru diskorsi tal-okkażjoni mill-Gwardjan, Patri Joseph Xerri OFM (Konv) u mill-Ambaxxatur għal UNESCO, Mgr Dr Joe Vella Gauci.





*Il-Grupp ta' studenti tal-Mediċina. Jidhru Noella Mifsud, Chantelle Said, Lara Rapa, Rachelle Attard, Abigail Hili, Rowena Zrinzo, Alexia Grech, Ruth Buttigieg, Samantha Vella, Gorgi Portelli, John Borg, Mario Frank Farrugia, Clyde Grech, Nicholas Vella.*

## Attività f'Għawdex mill-MMSA

Lejn tmiem is-sena 2013, l-MMSA ddeċidiet li twessa' l-orizzonti tagħha u tispiċċa s-sena 2013 b'attività organizzata b'kollaborazzjoni mal-Arkadia ġewwa Għawdex. Din il-kampanja kienet immexxija minn studenti Għawdxin li ħadu r-responsabbiltà li jwettqu t-tagħlim tagħhom fil-prattika. Infatti huma ħadu l-pressjoni, iċċekkjaw iz-zokkor fid-demm u qajmu kuxjenza dwar il-konsegwenzi li jġib miegħu t-tipjip kif ukoll l-obeżità.

L-MMSA hija l-Għaqda tal-Istudenti tal-Mediċina. Din l-għaqda torganizza bosta attivitajiet ġewwa Malta matul is-sena. L-għan ta' din l-għaqda huwa li jwassal messaġġ dwar l-importanza li wieħed jieħu ħsieb saħħtu. Fil-fatt l-attivitajiet li jiġu organizzati kollha jittrattaw tema speċjali dwar is-saħħa, fosthom, Jum id-Dijabete, Jum Dinji tal-Qalb, Jum l-AIDS u kampanja kontra t-Tabakk.

Tkellemna maż-żewġ organizzaturi Ruth Buttigieg u Samantha Vella. "Din hija l-ewwel attività ta' dan it-tip li saret f'Għawdex mill-MMSA. Kellna konkorrenza tajba u zgur mhix se tkun l-aħħar." qalet Samantha li tinsab fit-tielet sena tal-istudju tagħha.

Min-naħa tagħha Ruth illi tinsab ukoll fit-tielet sena tal-kors qaltilna illi "Din kienet opportunità għalina l-Għawdxin biex inwasslu l-istudju tagħna fil-prattika. Aħna norganizzaw dawn l-attivitajiet biex nuru kemm hu importanti li wieħed jibża' għal saħħtu".



*Waqt l-attivita' fil-Kumpless Arkadia, fir-Rabat, Għawdex*

Bosta nies attendew għal din l-attività u l-ġenerożità ta' dawk li marru intweriet, għaliex irnexxielhom jiġbru ammont konsiderevoli ta' flus għall-Istrina. Fil-futur mistennija aktar attivitajiet ġewwa l-gżira Għawdxija minn din il-għaqda.

## Id-Djoċesi ta' Għawdex twassal fi tmiem proġett tal-Unjoni Ewropea ta' Pannelli Fotovoltajiċi

F'dawn l-aħħar snin il-Kurja ta' Għawdex kienet impenjata biex tinstalla pannelli fotovoltajiċi fuq binjiet tal-Knisja fid-Djoċesi ta' Għawdex. Permezz ta' dan il-proġett, li huwa kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea, il-Knisja f'Għawdex qed tikkontribwixxi sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet permezz ta' enerġija rinovabbli li qed tkun iġġenerata mix-xemx, kif ukoll qed jiġu ffrankati spejjeż ta' konsum ta' dawl. Skop ieħor ta' dan il-proġett huwa li joħloq għarfien tal-potenzjal ambjentali li jeżisti f' pajjiżna.

Huwa stmat li dawn il-pannelli sejrin jiġġeneraw 33,072 kWh fis-sena li permezz tagħhom l-atmosfera ser tibbenefika billi jiġu ffrankati bejn wieħed u ieħor 28,441kg ta' $CO_2$. Dan kollu jikkontribwixxi għal arja aktar nadifa fl-ambjenti li ngħixu fihom.

Dan il-proġett ta' installazzjoni ta' sistemi ta' fotovoltajiċi, li beda fl-2012 u qed jara tmiemu f'dawn il-granet, jiswa €19,499 u tliet entitajiet Għawdxin – is-Sorijiet tal-Klarissi, il-*Lumen Christi Media Centre* kif ukoll iċ-Ċentru Parrokkjali ta' San Lawrenz – fi ħdan id-Djoċesi ta' Għawdex, qegħdin jibbenefikaw



minn dawn il-fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea.

Permezz ta' dan il-proġett, id-Djoċesi ta' Għawdex trid tilħaq żewġ għanijiet importanti: dak li tkun ta' eżempju billi tkompli tadotta miżuri ta' enerġija rinovabbli biex tikkumbatti t-tibdil fil-klima u wkoll li tkompli tikkontribwixxi għall-kunċett ta' Eko-Għawdex.

Dan il-proġett jaqa taħt OP1 – Investiment fil-Kompetittività għall-Kwalità ta' Ħajja aħjar (ERDF).

## 'A New Year's Toast'

Il-*Gaulitanus Choir,* taħt id-Direzzjoni tas-Surmast Colin Attard, laqa' s-Sena l-Ġdida 2014, bit-tieni edizzjoni ta' *"A New Year's Toast"*, kunċert li sar nhar l-1 ta' Jannar għal udjenza li mliet is-Sala tal-Ministeru għal Għawdex. Kienet udjenza li b'entużjażmu apprezzat għanjiet tal-Milied li x'uħud minnhom kienu qed jindaqqu u jitkantaw f'Malta għall-ewwel darba. Il-vjolinista żagħżugħ, Pierre Louis Attard esegwixxa mużika minn Beethoven u Johannes Brahms. Fit-tieni parti tal-kunċert, l-udjenza pparteċipat mal-Kor u mal-Orkestra bil-briju tal-mużika Napolitana u b'tazza xampanja.





## Kunċert mill-Chorus Urbanus u l-Orkestra Filarmonika ta' Malta

Fil-jiem tal-Festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, il-*Chorus Urbanus* u l-*Malta Philharmonic Orchestra* taħt id-direzzjoni tas-Surmast John Galea ppreżentaw żewġ Kunċerti, wieħed fil-Bażilika ta' Sant'Elena, Birkirkara u l-ieħor fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġużepp fil-Qala. Għal *Chorus Urbanus* dawn il-kunċerti issa saru tradizzjoni li ma qatgħet xejn għal dawn l-aħħar sittax-il sena. Tradizzjoni wkoll għall-Orkestra Nazzjonali li minn żmien għall-ieħor torganizza kunċerti bi skop filantropiku. Din is-sena, permezz ta' dawn iż-żewġ kunċerti ngħatat għajnuna lir-*Richmond Foundation* u lil *Dorthese Ellis Foundation.* Il-qofol tal-Kunċert ta' din is-sena kienet il-*Missa Ignis Charitatis* għal solisti, kor u orkestra, kompożizzjoni ta' John Galea.





## Il-Kunċert tal-Epifanija 2014

Nhar is-Sibt, 4 ta' Jannar, fil-Knisja Katidrali ta' Ghawdex kien imtella' l-KUNĊERT TAL-EPIFANIJA 2014 – b'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Kapitlu tal-Katidral.

Fil-kunċert ħadu sehem is-soprani Għawdxin Claudia Tabone u Rosabelle Pavia flimkien ma' *The Classique Orchestra*, ilkoll taħt id-direzzjoni ta' Joseph Debrincat. Kienu esegwiti diversi għanjiet sbieħ tal-Milied kif ukoll xogħlijiet klassiċi oħra bħal *Bells across the Meadows* tal-kompożitur Ingliż Albert W. Ketelbey, kompożizzjoni ispirata mill-qniepen tal-gżira Għawdxija u l-Intermezz mill-opra *Cavalleria Rusticana* ta' Pietro Mascagni.

Il-kunċert ġie fi tmiemu b'ġabra ta' għanjiet tal-Milied li fiha ħadu sehem iż-żewġ soprani flimkien tal-orkestra. L-udjenza, li mliet il-Katidral, uriet l-apprezzament tagħha b'ċapċipa fit-tul.





## Wirja ta' Kant u Pittura

Żewġ ġrajjiet marbuta mill-qrib mal-Parroċċa ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria seħħew matul il-jiem tal-Milied. Fil-Mużew ta' din il-Parroċċa, *il-Ħaġar – Heart of Gozo*, fetħet Wirja ta' Pittura msejħa *The Nativity in oil on Canvas* li tiġbor fiha mhux inqas minn 31 biċċa xogħol tal- pittura meħudin mill-kollezzjoni privata tas-Surmast il-Professur Joseph Vella. Avveniment ieħor kien meta l-Kor *Laudate Pueri* li twaqqaf għadd sabiħ ta' snin ilu mill-ex Arċipriet ta' din il-parroċċa, Monsinjur Ġużeppi Farruġia u l-Kan Dun Ġorġ Frendo, id-Direttur preżenti tiegħu, dan l-aħħar kien mistieden sabiex ikanta fil-Pontifikal tal-Epifanija mmexxi mill-Papa Francesco fl-Bażilika ta' San Pietru fil-belt eterna, Ruma, Il-Kor *Laudate Pueri* alterna mal-Kor ta' din il-Knisja, Omm il-knejjes kollha. Is-sinjorina Marija Frendo, 'leader' tal-kor kantat is-salm responsorjali minn fuq l-Ambone ta' San Pietru. Forsi l-ewwel mara fl-istorja ta' dik il-Bażilika Rumana li għamlet hekk! Żgur li kull Għawdxi u Malti ħassu kburi jara kor minn Għawdex ikanta quddiem eluf kbar ta' nsara fil-Vatikan, f'pontifikal tal-Papa li kien trasmess bit-TV mad-dinja kollha.

## "Gozo Fun Walk" għall-Istrina

Il-kumitat organizzattiv tal-attivitajiet fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex organizza *Fun Walk* bil-għan li jinġabru flus għall-Istrina. Din l-attività ma kinitx tkun possibbli mingħajr l-għajnuna tal-MCCF kif ukoll tal-*Banif Bank*. Dawk kollha li ħadu sehem taw donazzjoni ta' 10 euro kull wieħed. Is-somma li nġabret ġiet mgħoddija lill-*Community Chest Fund* tal-President ta' Malta fl-Istrina Nazzjonali li saret.



# Serati Letterarji f'Għawdex

## *Għadha tgħodd it-twiddiba tal-Poeta Nazzjonali: "Għaliex tarmih l-ilsien li tagħtek ommok?"*



*notamenti mill-*
**Kav. Joe M. Attard**



Nhar is-Sibt filgħaxija, 21 ta' Diċembru 2013, għadd ta' kittieba Għawdxin fosthom Joe Camilleri, John Cremona, Charles Bezzina, Dun Ġorġ Mercieca, Anton F. Attard, Joe W. Psaila u Patri Wistin Attard iltaqgħu flimkien fil-Librerija ta' Triq Vajringa, Victoria u qraw poeżiji, novelli u leġġendi dwar il-Milied. Jiena ħadt bi pjaċir din l-inizjattiva, l-aktar meta sibt il-koperazzjoni sħiħa tas-Sur Ġorġ Cassar, l-uffiċċjal inkarigat mil-Libreriji f'Għawdex, inkluda wkoll xi xogħlijiet ta' kittieba Għawdxin li ma għadhomx magħna, fosthom Ġorġ Pisani, Patri Mattew Sultana Kapuċċin, il-Kan Joe Mejlak, u Mary Mejlak, li nqraw minn Antoinette Grech, Francesco Pio Attard, Joseph Galea, Ġorġ Cassar Jr., u Paul Pisani. Is-serata li ħadet mas-siegħa u nofs kienet imżewqa mill-kant tal-għanjiet tal-Milied mill- kor tat-tfal, 'Piccole Stelle' taħt id-direzzjoni ta' Mariella Cefai Spiteri u mill-grupp tal-kitarri tat-tfajliet immexxi minn Monica Marie Parnis. Wara l-programm, il-mistednin flimkien mal-parteċipanti qasmu l-awguri u ħadu tazza nbid imsaħħna u xi ħelu tal-istaġun fosthom biċċiet tal-kagħak tal-għasel!

Xi ftit tal-ġimgħat qabel, dawn l-istess kittieba reġgħu ltaqgħu flimkien fiċ-*Circolo Gozitano* f'Misraħ Savina Victoria. Iċ-*Circolo Gozitano* kien ukoll lest bl-inkuraġġiment meta jien avviċinajt il-Kumitat dwar l-organizzazzjoni ta' Serata Letterarja. Il-kittieba Għawdxin qraw bejniethom xi xogħlijiet tagħhom li ntlaqgħu tajjeb minn dawk li attendew. Meta ngħid 'dawk', ara ma taħsbux li kienu ħafna, l-ewwel nett għax l-ispazju kien limitat, imma jkolli ngħid ukoll li niesna ma tantx tinteressa ruħha wisq fil-letteratura Maltija u kull meta awtur iddeċieda li jistampa xi ktieb b'xi xogħlijiet tiegħu, ibqgħu ċerti li flus tilef u mhux għamel xi profitt għax ir-*reading public* ma jagħmillekx kuraġġ wisq. Forsi għax illum hawn mezzi oħra kif tikseb l-informazzjoni u kif tgħaddi l-ħin bħal *videos*, *internet*, *face-book* u x'naf jien. Imma jien tal-idea li l-ktieb huwa l-ikbar ħabib tal-bniedem. Ktieb tajjeb huwa teżor, jinsab dejjem hemm u ma jħallasx kera. Importanti li l-imħabba lejn il-qari naraw li ninjettawha minn kmieni f'uliedna jekk irridu li dawn fil-ġejjieni jitilgħu jħobbu l-ktieb Malti. Ngħid Malti għax ilsienna għandu jiġi l-ewwel u qabel kollox; ħalli mbagħad wieħed jgħaddi biex jitgħallem ilsna oħra, imma l-karità għandha tibda mid-dar – 'ħobb iva jekk jiswewlek ilsna oħra barranija, iżda le tbarri lil min hu ta' ġewwa!'

Intant, f'dawn iż-żewġ laqgħat, il-kittieba Għawdxin ma baqgħux lura u attendew bi ħġarhom. Max-xogħlijiet tagħhom inqraw ukoll xi xogħlijiet ta' awturi li llum ma għadhomx magħna. Kemm dawk li attendew kif ukoll il-kittieba nfushom dehru sodisfatti b'dak li għamilna u urew ix-xewqa li dawn il-laqgħat ikomplu u għalhekk issa hemm il-ħsieb li ssir lejla oħra matul ir-Randan hekk kif tkun riesqa l-Ġimgħa Mqaddsa. L-ambjent tal-librerija kien wieħed ideali u allura se nżommu l-istess sala mdawra kullimkien bil-kotba u manuskritti. Żgur li dwar il-Ġimgħa Mqaddsa nkiteb ħafna u allura se nagħmlu l-almu tagħna biex inwasslulkom xi ftit minnu iktar 'l quddiem.

# Il-Jum tal-Ħadd fin-nisġa ta' Eko-Għawdex

**Mons Salv Grima**



**Il-kriżi ekoloġika tibqa' tqanqal ħsibijiet u diskors kull fejn jinsab il-bniedem. Illun anki f'rabta ta' ċerti disgrazzji naturali! Dan m'għandux ikun suġġett fejn tidħol il-politika jew ix-xjenza biss, imma għandu jmiss l-iktar u jiddependi mill-istil tal-ħajja umana, l-imġiba u r-relazzjonijiet fi ħdan l-umanità.** Jissemmew ħafna kawżi u konsegwenzi marbuta ma' dil-kriżi ambjentali: fosthom l-aspett ekonomiku, edukattiv, soċjali, turistiku u anki sanitarju. Għal dawn kollha jistgħu jinstabu xi forma ta' miżura konkreta fejn ikun hemm il-koperazzjoni meħtieġa flimkien mas-sens ta' responsabbiltà. Mhux mingħajr l-applikazzjoni ta' regoli lokali u liġijiet internazzjonali f'dan ir-rigward. Imma dawn weħidhom mhux biżżejjed. Jonqos fattur ieħor. Biex insalvaw "il-pjaneta art" meħtieġ is-sens etiku u dak reliġjuż ukoll imħaddem b'kuxjenza mħeġġa fejn jidħlu drawwiet u mġibiet oħra. Dan jitlob risposta ħabricka għal relazzjoni sinċiera bejn il-bniedem u l-ħolqien imsejsa fuq elementi reliġjużi bħalma nsibu mfisser skont il-Kelma ta' Alla.

**Hawn ma jonqosx il-valur ta' Jum il-Ħadd. Jeħtieġ naraw x'tifsira u post għandu dan fl-era ekoloġika. Irridu qabel xejn nitilqu mis-Sibt sa mill-Antik Testment li kien jiġi ċċelebrat bħala Jum li jfakkar it-tmiem bħala l-quċċata tal-ħolqien kif irrakkontat** *f'Ġen 2, 1-4*. Mhux biss. Ma' din it-tifsira żdiedet ukoll dik it-tifkira tal-Poplu Magħżul ta' Alla li beda jiċċelebra l-ħelsien tiegħu mill-jasar tal-Eġittu *(ara Dewt 5, 12-15)*. Ladarba l-ħolqien laħaq it-tkomplija tiegħu fis-seba' jum, l-istess Sibt se jkompli jgħasses u jħares din l-opra kbira minn kulma jista' jġibilha d-diżordni jew kaos. Hekk ried Alla sa mill-bidu meta ta s-sura u l-ordni lill-ħolqien flimkien mal-armonija f'kulma beda jeżisti. Dak li ħalaq kollox tajjeb, is-sema u l-art, u kompla jħarishom tul l-istorja anki permezz tal-ġrajja tal-liberazzjoni, wassal il-messaġġ li kulma ħalaq għandu jibqa' "imħares u ħieles".

Issa Alla nnifsu ried li jkun "ħieles" mat-twettiq tal-ħolqien kollu, u "jistrieħ" fis-seba' Jum, is-Sibt, u jibqa' jitħares bl-ikbar rispett u ġieħ minn ġenerazzjoni għall-oħra.

## Jum radd il-ħajr

Jum is-Sibt għalhekk baqa' jitfakkar f'rabta mal-opra kreatriċi u ma' dik salvifika bħala patt min-naħa ta' Alla mal-bniedem fl-eżistenza u l-ħelsien tiegħu. Għalhekk sar Jum ir-Radd ta' Ħajr lill-Kreatur u fih ukoll jerġgħu jġeddu t-twemmin u l-impenn tagħhom dawk kollha li jemmnu f'Dak li jmexxi l-univers u l-istorja bil-ġrajjiet kollha tagħha. Dment li l-familja kienet tqaddes Jum is-Sibt kienet taghti xhieda tal-fidi tagħha f'Alla. Għall-kuntrarju, jekk dan il-Jum kien jiġi pprofanat kien qed jingħata sinjal li l-poplu kien qed jagħti dahru 'l Alla. L-osservanza u l-ħarsien tas-Sibt beda jkollu tifsira ta' ġid u saħħa għall-poplu, fl-annimali u fil-prosperità tal-art. B'hekk il-patt tal-Jum tas-Sibt ħoloq rabta bejn Alla, il-bniedem u n-natura.

Ma kienx patt mal-bniedem biss iżda wieħed f'ordni mal-ħolqien kollu wkoll. Tnisslu għalhekk dawk id-dmirijiet morali fir-rigward ta' kull attività ekonomika, agrikola, soċjali u politika biex jiġi mħares l-ordni kożmiku kollu. Inħolqot rabta eqreb bejn is-Sibt u l-istess protezzjoni tal-ħlejjaq ta' madwar. Fejn dan kienet tinkiser, l-effetti kienu jinħassu wkoll anki fl-ordni tan-natura u fl-oqsma ambjentali. Għandna għadd ta' eżempji fil-kotba tal-profeti. Tant hu hekk li waħda mill-ħtiġijiet importanti biex l-art terġa' tintradd lura lil Israel bħala l-Poplu ta' Alla kienet li jerġa' jiġi osservat is-Sibt bid-dmirijiet l-oħra kollha miegħu.

## Tifsira Ekoloġika għall-Ħadd

Dan kollu jitfa' dawl fuq kull żmien, u jekk llum huwa l-Jum tal-Ħadd li għan-Nisrani jġorr miegħu dan il-wirt reliġjuż għall-ħarsien tiegħu f'rabta ma' Alla, Sid tal-ħolqien kollu, għandu jwassal ukoll messaġġ dwar il-kriżi


## Trid "Il-Ħajja f'Għawdex" tibqa' toħroġ? Ġedded l-Abbonament tiegħek għas-Sena 2014

Fix-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu jinġabar il-ħlas tat-tiġdid tal-abbonamenti u oħrajn ġodda mill-Kollettriċi tagħna fil-parroċċi kollha Għawdxin. Tista' ukoll tħallas l-abbonament tiegħek fl-Uffiċċju Parrokkjali jew fil-*Lumen Christi Bookshop,* Victoria, Għawdex.

**Minn Jannar l-Abbonament Annwali sar €15. Sostenitur €20.**



ambjentali. Dan ifisser fejn l-aħjar il-bniedem għandu jfittex li jagħti ħajja ġdida li tixraq lir-rabta bejn Alla u l-ħolqien, u hekk jinstab il-post mill-ġdid tal-istess bniedem fejn jidħol l-ordni tal-ħolqien. **Il-Ħadd mhux biss huwa jum reliġjuż jew ta' kult, iżda jawgura b'viżjoni aħjar l-eżistenza umana kollha kemm hi. Dan ifisser ukoll kemm għandu jingħata għarfien ikbar lill-providenza divina fejn wieħed ikun jista' jara aħjar x'valur fih il-ħolqien biex la jagħmillu xi ħsara u lanqas m'għandu jieħu post Alla.**

Mingħajr il-Ħadd anki Għawdex kien ikun jeżisti bħala parti mid-dinja, bħala ħolqien biss. Kien ikun kemm trid int bħala oġġett għal skop ambjentali u għall-istudji tax-xjenzi moderni, iżda kien ikun bla karattru sagru. Jista' jiġrilu hekk kemm-il darba dan jintesa jew jinqabeż. Kien ikun parti mid-dinja mingħajr il-veru mistrieħ u nieqes minn dak il-ferħ kif tassew iridu Alla. Alavolja ħafna kienu jibqgħu jgħidu li jiġu Għawdex biex jistrieħu. Kien ikun iktar post mitluq f'idejn id-deċiżjonijiet u l-gosti tal-bnedmin bir-riskju u l-biżgħat li dawn joħolqu jekk ikunu mingħajr dak l-orjentament lejn Alla, is-Sid ta' kollox. **Il-Ħadd mhux biss ifakkarna li d-dinja hija maħluqa minn Alla, iżda jurina li d-dinja teżisti quddiemu, miegħu u għalih. Fil-mistrieħ ma' Alla u allura fil-preżenza immedjata tiegħu għat-tqaddis tal-Ħadd, il-bniedem ikun qed ifittex u jsib postu flimkien mal-ħolqien kollu biex dan ma jsirx alla ieħor.** Iktar ma Għawdex "jistrieħ ma' Alla", inqas jinħolqu minn dawn l-allat. Ħafna minnhom inisslu firdiet jew qsim saħansitra fl-istess familji minħabba l-ġid li hu misluf lilna, daqslikieku dan se jibqa' tagħna għal dejjem, u mhux iktar ta' min ħalqu u tahulna, u bla ma jimportana xejn mill-aqwa wirt jew teżor li hemm maħsuba għalina.

## Biex ma nfaqqrux il-Ħadd

Jum il-Mulej iċċelebrat u pparteċipat kif jixraq isaħħaħna fir-rabta tar-rieda tagħna ma' dik ta' Alla, biex in-Nisrani li jaħsibha sewwa ma jiġrilux li *"jiġma' l-ġid għalih innifsu bla ma jistagħna quddiem Alla" (Lq 12, 21).* Kull Ħadd imħares b'mod reliġjuż huwa esperjenza mġedda ta' kemm aħna limitati bħala ħlejjaq quddiem Sid il-ħolqien. Il-manna fl-Antik Testment kienet rigal prezzjuż għall-ħajja, għal kulħadd, ġej minn Alla, bil-qies, kemm meħtieġ, imma bil-patt li s-Sibt ma jiġbrux minnha! Ix-xeħħa u l-egoiżmu fil-ġbir minnha kienu jiġu kkundannati, messaġġ għal min jinqeda ħażin bir-riżorsi naturali, jużahom b'mod kapriċċjuż, jew għad-dannu tal-istess sistema ekoloġika, u k'mhux ukoll fil-Jum tal-Ħadd!

Mhux biss. Imma lanqas bl-iskuża tat-tkabbir ekonomiku, l-iżvilupp kummerċjali, il-progress materjali jew l-aspirazzjonijiet għal iktar kumdità jew profitti ġodda, m'għandha taljenana tant li ninsew, fl-aħħar mill-aħħar, aħna min aħna! It-tnikkir, l-indifferenza, in-nuqqas ta' ħeġġa, l-iskużi, t-tixrid tal-moħħ u l-qalb, it-tfixkil, kif ukoll l-iskartar fit-tqaddis tal-Ħdud komplew jiżdiedu. Dan anki ġaladarba żdiedu wkoll l-okkażjonijiet ta' divertiment, ħruġ jew xi delizzju ieħor, attivitajiet jew laqgħat politiċi jew sportivi, xogħol bla waqfien u mistrieħ, ta' kostruzzjoni jew fi stabbilimenti ta' bejgħ, il-ħajja twila u tedjanti ta' billejl, u ħidmiet oħra li jitħallew għal tmiem il-ġimgħa.

**Hawn min qed jistaqsi wkoll: Fejn jinsab il-veru ferħ u mistrieħ f'Jum il-Ħadd f'din il-gżira? X'post fadallu fil-ħajja ta' ħafna? Anki hawn inkunu qed nixtiequ l-ġid lil artna u nibżgħu għal eko-Għawdex, basta mhux minsi fil-pjan ta' Alla Ħallieq.**

Café & Wine Bar
KAPUTA
Pizza & Local Dishes
60 St. Joseph Square Qala, Gozo,
Tel: 27201355, Mob: 99272074

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

# Il-Poter u l-Leġittimità Tiegħu



Dr Alfred Grech

**Il-poter, kull poter għandu problema kbira. Mhix l-unika waħda niftehmu, imma waħda mill-akbar problemi tal-poter hija l-leġittimità tiegħu. Il-poter li mhux leġittimu, huwa abbużiv, m'huwiex aċċettat, mhux ta' min isegwih jew jobdih. Hawnhekk l-istorja qiegħda fuq in-naħa ta' dak li qiegħed ngħid u għalhekk tagħtini raġun.**

Imma ikbar mill-problema tal-leġittimità hija l-problema ta' x'jikkostitwixxi dik il-leġittimità. Għaliex għandna nobdu ċerti ordnijiet u ordnijiet oħrajn ma nobduhomx? Għax dawk l-ordnijiet li ma nħossux li huma leġittimi ma nħossux il-bżonn li għandna nobduhom? Dan jgħodd għal-liġijiet ukoll. Kemm iddum imjassar taħt *regime* ta' liġijiet li tħoss li m'humiex ġusti? Fl-aħħar tirvilla! **Għalhekk seħħew l-irvelli u r-rivoluzzjonijiet fl-istorja. Għax il-poplu ma setax jissaporti aktar. Ħass li min kien qed jikkmandah u s-sistema ta' ordni li taħtha kien qed jgħix, ma kinux ġusti, ma kinux jgħoddu għalih. U meta dak li jkun, jew il-poplu jħossu hekk x'ikun li jiddistingwi bejn dak li hu ġust u dak li mhux ġust fil-kmand u f'min jagħmel il-liġi? Mhux billi tgħid li tobdi l-liġi u 'l min jikkmanda. Min jikmmanda u min jagħmel il-liġi irid ikun qed jagħmel hekk leġittimament. U għaldaqstant, nerġa' nirrepeti: x'jagħmel lil dak li jkun, lil dik l-ordni jew dik il-liġi, leġittimu jew leġittima?**

Mistoqsija kbira din, u t-tweġiba mhix sempliċi, u lanqas toqgħod fil-paġni ta' din ir-rivista. X'jagħmel is-sistema ta' Gvern li għandna f'pajjiżna, bil-kostituzzjoni b'kollox leġittimu u aċċettat, jekk mhux minn kulħadd, talinqas mill-maġġoranza kbira. **Kollox jorbot fuq il-kwistjoni ta' sovranità.**




Ħalli nagħtu ħarsa ħafifa lejn l-Istorja. Is-sovranità tagħna aħna ġibniha bl-indipendenza, għaliex qabel is-sovranità kient fil-monarkija Ingliża. Qabel l-Ingliżi kien hawn il-Franċiżi, iżda mid-dehra l-okkupazzjoni Franċiża ma kinitx aċċettata għaliex kienet użurpazzjoni. Infatti l-kwistjoni kienet ġiet miftehma bejn il-Qawwiet il-Kbar ta' dak iż-żmien bit-Trattat ta' Amies (1802) u mbagħad ikkonfermata bit-Trattat ta' Pariġi (1815). Qabel kien hawn il-Kavallieri, imma dawn kienu ġew hawn Malta taħt id-dritt ta' fewdu mingħand ir-Re Karlu V ta' Spanja ( li kien ukoll l-Imperatur) taħt l-obbligu li ta' kull sena l-Kavallieri jagħtuh bies (*Maltese falcon*) bħala turija ta' dipendenza u sottomissjoni. Għalhekk meta telqu l-Franċiżi minn Għawdex, u Malta baqgħet okkupata minnhom (għalkemm assedjati fil-Belt), il-Kap tal-Għawdxin, Saver Cassar, irrikonoxxa u fetaħ relazzjonijiet diplomatiċi mar-re ta' Napli, għaliex dan tal-aħħar kien suċċessur leġittimu fit-titlu tal-kuruna ta' Spanja li kien Burbon imma ġej mid-dixxendenti tal-Agsburgi bħalma kien Karlu V.

Talli għamel hekk, Saver Cassar, pattija qares. Din il-mossa ma niżlitx tajjeb mal-Ingliżi li ssuċċedew lil Franċiżi, kif għedna, u dawn raw kif warrbuh min-nofs u eliminawh. Imma lanqas iċ-ċessjoni ta' Malta mir-Re Karlu V lill-Kavallieri ma kienet niżlet tajjeb man-nobbiltà Maltija. Infatti tul iż-żmien li damu Malta, l-Kavallieri ta' San Ġwann, in-nobbiltà Maltija ngħalqet ġol-Imdina u ma riditx tikkopera mal-Gran Mastru u l-Kavallieri. Dan għaliex huma ħassew li Karlu V ta' Spanja, bħala suċċessur fit-titlu tar-Re Alfonzu V t'Aragona ma kellux jerġa' jagħti lill-Gżejjer Maltin bħala fewdu. Il-Maltin kienu rvillaw kontra Don Gonsalvo Monroy (irvell li beda minn Għawdex fl-1425, u kompla jinfirex f'Malta fl-1426) u wara wegħda li kienu għamlulu li jifdu lil Malta bit-30,000 Fjorin, ir-Re Alfonsu kien ħareġ Karta Rjali fejn għaqqad lil Malta u Għawdex mad-dominju rjal. Kien wiegħed ukoll li qatt aktar il-gżejjer Maltin ma jingħataw bħala fewdu. Anzi kien ta lill-Maltin u lill-Għawdxin id-dritt li jirvillaw kontra kull suċċessur tiegħu jekk xi wieħed minnhom jazzarda jerġa' jagħti lill-Gżejjer Maltin bħala fewdu. Sinifikanti kien dan id-dritt, ċioè id-dritt tal-irvell. Ma naħsibx li ssibuh f'xi Karta tad-Drittijiet tal Bniedem. Imma Karlu V għamel proprju dan. U n-nobbiltà Maltija baqgħet tiftakru dan id-dritt, imma ma kellhiex saħħa la li tirreżisti u lanqas li tirvilla. Imma l-kwistjoni ta' leġittimità għalihom baqgħet sagrosanta.



Imbagħad trid tara wkoll minn fejn kienu jġibu l-leġittimità l-monarki tal-Istorja li kienu jirrenjaw fuq is-sudditi ta' taħthom. Taħt il-monarka kien ikun hemm ġerarkija sħiha ta' awtorita' li tgħaddi mill-prinċpijiet għall-kontejeti, għall-barunijiet u tibqa' nieżla l-isfel sa l-iżgħar ċittadin – kull wieħed jirrispondi u jkun suġġett dirett għal min ikun ogħla minnu. Imma r-rejiet u l-irġejjen minn fejn kienu jġibuha il-leġittimita'? Il-leġittimità – u mhux l-awtorità, niftehmu – għax l-awtorità tista' tkun sempliċi riżultat tal-forza, u dak li jkun ikollu jobdi mhux għax irid imma għax jibża' mill-qawwa ta' min huwa fuqu. Din kienet dejjem problema.

Meta waqa' l-imperu Ruman fl-Ewropa kien hemm kaos kbir, kien hemm nuqqas ta' ordni. Qtajja' ta' "barbari" invadew dik li qabel kienet il-benniena taċ-ċiviltà Rumana, u għal ħafna żmien il-ġlied kiber, l-għaks u l-instabbiltà żdiedu u barra minn hekk ma kien baqa' l-ebda sens ta' ordni pubbliku. Mhux ta' b'xejn dak iż-żmien baqa' magħruf bħala żmien id-dlamijiet (*the dark ages*). Kien hemm ukoll it-theddida tal-Islam li kien qed iħabbat il-bibien tal-Ewropa Kristjana. L-Islamiċi waslu fi Spanja u bdew biex jinvadu lil Franza li ma kienx għal Karlu l-Martell li bl-eżerċitu tiegħu waqqafhom fil-battalja ta' Tours (magħrufa wkoll bħala ta' Poitiers) tas-sena 733. Imbagħad il-Papa Ljun III fil-Milied tas-sena 800 inkuruna lil Karlu Manju (in-neputi tal-Martell) bħala Imperatur tal-Imperu Sagru Ruman. Minn hemmhekk nibet it-titlu tal-Imperu Sagru Ruman intiż li jgħaqqad kemm jista' jkun lil Ewropa Kristjana, u sa ċertu punt irnexxielu wkoll.

Imma kellu wkoll effett aktar importanti dan l-avveniment. L-imperatur, kellu s-sopravvent fuq ir-renjanti u l-prinċpijiet kollha tal-Ewropa li baqgħu huma wkoll sovrani fit-territorju tagħhom. Imma issa l-leġittimità ma kinitx isserraħ biss fuq is-saħħa tal-armi. Ir-renjant kien issa leġittimu għax irċieva l-vestizzjoni tiegħu mill-Knisja u mill-Papa li huwa r-rappreżentant ta' Kristu fl-art. Issa l-legittimità saret tistrieħ fuq id-divin.

Din is-sistema kellha t-tajjeb u l-ħażin tagħha. Jiddependi mil-liema angolu tħares lejha. Imma żgur li kienet il-fonti ta' ħafna tensjoni minn żmien għal żmien bejn ir-renjanti u l-Knisja, u min għandu dritt jinvesti lil min. Għaliex allura anke l-vestizzjoni tal-isqfijiet tal-lokal kienet ħafna drabi ġġib ukoll jekk mhux il-permess tal-anqas l-akkwijexxenza tar-renjant tal-post. Eżempju ċar kien il-konflitt bejn Neriku II tal-Ingilterra u Thomas a Becket dwar min kellu jinkuruna lir-re tal-Ingliterra fis-sena 1173. Inċidenti oħrajn bħal dawk hemm kemm trid fl-istorja tal-Ewropa kif ukoll ta' Malta. Il-kapitlu aktarx li għalqu Napuljun Bonaparte. Napuljun stieden lill-Papa għall-inkurnazzjoni tiegħu f'Pariġi f'Diċembru 1802. Imma meta wasal il-mument biex il-Papa jinkurunah, huwa qabad il-kuruna u nkuruna lilu nnifsu. Il-leġittimità tal-imperatur ma baqgħetx tiddepenedi mill-attributi divini. Ir-rejiet kollha kien jaqblilhom jgħidu li huma ġabu s-setgħa li jirrenjaw minn Alla – *the divine right of kings*. Imma r-rivoluzzjoni Franċiża li kienet il-frott tal-ideat illuministi tas-seklu ta' qabel kissret dan kollu.

**Illum minn fejn iġibuha l-leġittimità tagħhom il-gvernijiet moderni, bicx jagħmlu liġijiet ankè kontra r-rieda tal maġġoranza tal-poplu?**


# LUMEN CHRISTI BOOKSHOP



Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Kull nhar ta' Ħamis, Ġimgħa u Sibt, mid-9.00a.m. sa' Nofsinhar.*

*Kull xorta ta' Kotba Reliġjużi u Edukattivi għall-kbar u għaż-żgħar, u oġġetti reliġjużi*

# Politika Ġdida…!

## *Kif Jifhmuha u Jixtiequha ż-Żgħażagħ*



Charles Magro

**Iż-żgħażagħ u l-politika: żewġ affarijiet li jidhru tant inkompatibbli fi żmienna. Għaliex? Namrar fallut? Żwieġ impossibbli? Hu fatt li llum iż-żgħażagħ iżommu 'l bogħod mill-politika ….. Iżda, b'danakollu, il-politika ma tgħaddix mingħajr iż-żgħażagħ, u anki ż-żgħażagħ għandhom bżonn politika mfassla għalihom.**



Spiss jiġri li l-politika ma taħsibx biżżejjed għaż-żgħażagħ. Min-naħa l-oħra, b'mod ġenerali, iż-żgħażagħ għandhom rapport pjuttost problematiku mad-dinja tal-politika u ma' dak kollu li għandu x'jaqsam magħha.

L-istituzzjonijiet, il-partiti, il-klassi tal-politiċi 'li ħadd u xejn ma jista' għalihom', għaż-żgħażagħ huma 'l bogħod, separati mir-realtà ta' madwarhom, u għalhekk inkapaċi għal kollox biex iwieġbu b'mod konkret u adegwat għall-aspettattivi taż-żgħażagħ u għall-ħtiġijiet ta' kuljum tas-soċjetà li ż-żgħażagħ jgħixu fiha. Dan minbarra l-wegħdiet li ma jinżammux, l-iskandli kontinwi, l-opportuniżmu, l-abbużi mill poter u n nuqqas ta' kredibbiltà ta' ċerti politiċi li jimlew liż-żgħażagħ b'xettiċiżmu qawwi.

Għalhekk m'għandniex għalfejn niskantaw jekk ir-riċerka turi li ż-żgħażagħ fid-dinja huma dejjem iktar diżinteressati u 'l bogħod mid-dinja tal-politika, b'perċentwali għolja ta'żgħażagħ tiddikjara indifferenza, nuqqas ta' fiduċja, rabja u dwejjaq fil-konfront tal-ġrajjiet politiċi u ta' dak kollu li jiġri fil-quċċata tar-realtajiet istituzzjonali fil-pajjiż.

**Iż-żgħażagħ huma mbegħdin mill-politika mhux għax ma jinteressawx ruħhom mid-destin tas-soċjetà, u anqas għax (kif isostnu ħafna) iż-żgħażagħ illum huma mkeffna għal kollox f'kutra ta' individwaliżmu u, għalhekk ma jħossux ir-responsabbiltà li jagħtu sehemhom għall-ġid pubbliku; li jxammru għall-ġid kollettiv. Fil-verità, dak li jbeżżagħhom hu l-fatt li llum il-politika saret barbarika; hi nieqsa minn ideali awtentiċi li wieħed jista' jemmen fihom, jissielet għalihom; il-biża' li m'għandhomx il-ħila li jroddu lura fil-politika l-funzjoni li kellha: ta' servizz għall-bniedem, għall-komunità. Minflok, jibqgħu involuti fil-logħba maħmuġa tal-poter ta' dawk li jqisu l-politika bħala mezz waħdani li bih jaħdmu biss għall-interessi tagħhom, biex isiru sinjuri minn fuq dahar il-poplu, biex jilħqu pożizzjoni 'l fuq mil-Liġi.**

Iż-żgħażagħ jifhmu li l-politika mhix din. Leħen interjuri, timidu (forsi l-kuxjenza ċivika), tgħidilhom li l-politika hi r-ruħ ta' kull konvivenza ċivili; hi t-tensjoni għall-ugwaljanza u għall-ġustizzja soċjali; hi, fl-istess waqt, kontestazzjoni u riċerka tal-kunsens; kreattività u responsabbiltà; sens ta' unità u djalettika tad-differenzi. Kwotazzjoni li qrajt xi żmien ilu tgħid: il-politika hi *l-arti tal-possibbli u t-tama tal-impossibbli.*

Hu veru: dawn il-valuri llum jintesew kontinwament. Iżda dan ma jfissirx li llum ma jistax ikollna politika li tqiegħed fiċ-ċentru lill-bniedem u l-komunità, ispirata mill-valuri etiċi u mill-kultura tas-solidarjetà. U forsi huma propju l-ġenerazzjonijiet futuri li jistgħu jkunu katalisti għall-bidla bħal din.



Iżda, biex dan iseħħ, jeħtieġ li ż-żgħażagħ jerġgħu jibdew ikollhom fiduċja fil-possibbiltà li tinħalaq mentalità differenti fil-poplu; li tinbena idea ġdida ta' ċittadinanza attiva, li twassal biex il-protagoniżmu u l-parteċipazzjoni diretta jieħdu post l-indifferenza u l-apatija.

**Fuq kollox, hu indispensabbli li ż-żgħażagħ jerġgħu jiskopru l-valur tal-politika bħala impenn ġeneruż u diżinteressat; bħala mħabba u responsabbiltà lejn il-pajjiż u s-soċjetà li ngħixu fiha.**

**Insomma, jridu jkunu ż-żgħażagħ li jbiddlu l-politika, u mhux il-politika li tbiddel liż-żgħażagħ.**

# Għawdex fl-aħħar tas-seklu tmintax



Joseph Bezzina

**Nhar is-16 ta' Settembru 1864, il-Papa Piju IX għoġbu jaqta' l-gżira ta' Għawdex u Kemmuna bħala Djoċesi għal rasha, jiġifieri tana Isqof għalina. Il-kleru u l-poplu Għawdxi kienu ilhom sitta u sittin sena sħaħ jaħdmu ħalli din il-ħolma sseħħ. Din is-sena jaħbat għeluq il-mija u ħamsin sena tal-iktar ġrajja glorjuża fl-istorja tal-Gżira tat-Tliet Għoljiet. Deherli, għaldaqstant, li jkun jixraq li lilkom qarrejja ta' *Il-Ħajja f'Għawdex* indommilkom fil-qosor il-ġrajjiet ta' matul dawn is-sitta u sittin sena. Din li ser taqraw hi ġabra tal-ktieb *Religion and Politics in a Crown Colony. The Gozo Story. 1798-1864.***

Is-sena 1798 kienet waħda mill-aktar imqallba fl-istorja tal-gżejjer Maltin. Nhar l-10 ta' Ġunju, Malta u Għawdex ċedew quddiem il-qawwiet tal-Ġeneral Franċiż Napuljun Bonaparte. Spiċċa għal dejjem ir-renju twil tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Iżda l-Franċiżi fettlilhom imissu l-propjetà tal-għeżież knejjes tagħna, u l-Maltin u l-Għawdxin dlonk qamu kontrihom.

Nhar it-18 ta' Settembru 1798, l-Għawdxin iffurmaw Gvern proviżorju taħt it-tmexxija ta' Dun Saverio Cassar, Arċipriet tal-Matriċi ta' Għawdex. Il-Franċiżi ġew magħluqa fiċ-Ċittadella. Mifxula u mgħakksin minħabba n-nuqqas ta' ikel u ta' armi, il-Franċiżi ċedew nhar it-28 ta' Ottubru 1798. L-għada, il-Kaptan Ingliż Alexander Ball, li kien għen l-Għawdxin fl-imblokk kontra l-Franċiżi, formalment għadda l-gżira ta' Għawdex lill-Arċipriet Cassar.

**L-Arċipriet Saverio Cassar, li kien il-kap spiritwali tal-gżira – għax bħala Provigarju kien jirrappreżenta lill-Isqof ta' Malta – issa sar ukoll il-Gvernatur-Ġenerali ta' Għawdex. Kienet ġiet ix-xoqqa f'moxtha. Qatagħha li jitlob it-twaqqif ta' Għawdex bħala djoċesi.**

Il-gżira ta' Għawdex, twila 14.5 km u wiesgħa 7.25 km, kellha dik il-ħabta popolazzjoni ta' madwar 16,000 ruħ. Jieħdu ħsieb il-ħtiġijiet spiritwali tagħhom kien hemm 122 qassis u 11 il patri. F'Għawdex allura, kien hemm il-Belt taċ-Ċittadella, ir-Rabat, u sitt irħula: ix-Xewkija, l-Għarb, Ta' Sannat, ix-Xagħra, in-Nadur, u ż-Żebbuġ. Ġewwa ċ-Ċittadella kien hemm il-Knisja Matriċi ta' Santa Marija u l-Qorti. Iċ-ċentru tal-gżira kien ir-Rabat. L-uffiċċji tal-Università, jiġifieri l-Gvern ta' Għawdex, kienu hemm. Hemm ukoll kienu ż-żewġ sptarijiet tal-gżira. Ir-Rabat kien ukoll iċ-ċentru reliġjuż tal-gżira. Il-Provigarju kellu l-Kurja tiegħu r-Rabat – sewwa sew fejn illum hemm iċ-Ċentru tal-Katidral. Ir-Rabat ukoll kien hemm il-parroċċa antika ta' San Ġorġ Martri.



Għall-aħħar tas-seklu tmintax, il-popolazzjoni ta' Għawdex kienet bdiet tonqos bil-mod il-mod. Mal-mawra tal-Kavallieri, spiċċaw il-flejjes li huma kienu jonfqu għażżamma tal-gżira u li minnhom kien igawdi kulħadd. Barra dan, il-qoton, l-aqwa industrija tal-Maltin ta' dak iż-żmien, ma kienx qed iġib flus daqs qabel. Minħabba dawn iż-żewġ raġunijiet, żdied ħafna l-faqar. Uħud bdew ifittxu x-xogħol 'l barra mix-xtut tal-gżira. Dawk li baqgħu hawn bosta drabi ma kellhomx biex jiżżewġu. Minħabba n-nuqqas ta' mediċini u raġunijiet oħra, 29% ta' dawk li jitwieldu kienu jmutu qabel jagħlqu sena u 48% kienu jmutu qabel jagħlqu ħames snin. Il-popolazzjoni għalhekk naqset sewwa.

Il-maġġoranza tan-nies kienu jiddependu mill-biedja għall-għajxien tagħhom. Dsatax minn kull mija kienu bdiewa u 29 oħra minn kull mija kienu jgħinu fil-biedja u jaħdmu fil-qoton. Qrib ħamsa fil-mija tal-Għawdxin kienu sajjieda jew baħrin. Madwar tnejn fil-mija kienu jgħixu b'xi ħanut jew bil-kummerċ. F'Għawdex kien hawn ukoll mal-35 professjonist, l-iktar tobba u avukati. 40 biss kienu jaħdmu mal-Gvern. Kollox ma' kollox dan ifisser li nofs l-Għawdxin biss kellhom xogħol fiss.

**Din kienet is-sitwazzjoni tal-gżira Għawdxija, meta l-Arċipriet Cassar talab, għall-ewwel darba, li Għawdex jinqata' Djoċesi għalih.**

*(jissokta)*

# Il-Viżta Pastorali: mal-medda ta' 150 sena



Francesco Pio Attard

## Il-Viżti Pastorali kollha li saru fid-Djoċesi ta' Għawdex

Il-lista li ġejja (mibnija minn Mons. Dr Joseph Bezzina) turi d-data tal-ftuħ uffiċjali fil-Katidral ta' kull Viżta Pastorali li saret kemm Għawdex ilu Djoċesi għalih, jiġifieri f'dawn l-aħħar mija u ħamsin sena.

S'issa saru b'kollox tletin Viżta Pastorali minn seba' isqfijiet differenti, u dettall interessanti hu li parti kbira tagħhom infetħu fix-xahar ta' Ottubru. Kien l-Isqof Agostinjan Giovanni Maria Camilleri l-iktar li għamel Viżti Pastorali (għaxra) tul ħamsa u tletin sena ta' episkopat, u kien ukoll dan l-Isqof li fl-1903 sejjaħ l-Ewwel Sinodu Djoċesan ta' Għawdex. Is-Sinodu, li hu laqgħa tal-Isqof, is-saċerdoti u l-lajċi flimkien biex jiddiskutu bosta temi marbuta mal-ħajja tad-Djoċesi, hu għodda pastorali siewja ħafna fit-tmexxija tal-Knisja lokali.

| | *Isqof* | *Ftuħ tal-Viżta* |
|---|---|---|
| 01 | Mikiel Franġisk Buttigieg | 1 ta' Novembru 1865 |
| 02 | Anton Grech Delicata [I] | 10 ta' Awwissu 1869 |
| 03 | Anton Grech Delicata [II] | 8 ta' Diċembru 1873 |
| 04 | Pietru Pace [I] | 21 ta' Marzu 1878 |
| 05 | Pietru Pace [II] | 7 ta' Ottubru 1883 |
| 06 | Ġwann Marija Camilleri [I] | 6 ta' Ottubru 1889 |
| 07 | Ġwann Marija Camilleri [II] | 16 ta' Ottubru 1892 |
| 08 | Ġwann Marija Camilleri [III] | 13 ta' Ottubru 1895 |
| 09 | Ġwann Marija Camilleri [IV] | 9 ta' Ottubru 1898 |
| 10 | Ġwann Marija Camilleri [V] | 6 ta' Ottubru 1900 |
| 11 | Ġwann Marija Camilleri [VI] | 16 ta' Ottubru 1904 |
| 12 | Ġwann Marija Camilleri [VII] | 20 ta' Ottubru 1907 |
| 13 | Ġwann Marija Camilleri [VIII] | 16 ta' Ottubru 1910 |
| 14 | Ġwann Marija Camilleri [IX] | 18 ta' Ottubru 1914 |
| 15 | Ġwann Marija Camilleri [X] | 17 ta' Ottubru 1920 |
| 16 | Mikiel Gonzi [I] | 18 ta' Jannar 1925 |
| 17 | Mikiel Gonzi [II] | 19 ta' Jannar 1930 |
| 18 | Mikiel Gonzi [III] | 20 ta' Ottubru 1935 |
| 19 | Mikiel Gonzi [IV] | 21 ta' Jannar 1940 |
| 20 | Ġużeppi Pace [I] | 24 ta' Frar 1946 |
| 21 | Ġużeppi Pace [II] | 1 ta' April 1951 |
| 22 | Ġużeppi Pace [III] | 1 ta' Novembru 1955 |
| 23 | Ġużeppi Pace [IV] | 9 ta' April 1961 |
| 24 | Ġużeppi Pace [V] / Nikol Ġużeppi Cauchi [I] | 2 ta' Ottubru 1966 |
| 25 | Nikol Ġużeppi Cauchi [II] | 25 ta' Jannar 1976 |
| 26 | Nikol Ġużeppi Cauchi [III] | 25 ta' Jannar 1981 |
| 27 | Nikol Ġużeppi Cauchi [IV] | 23 ta' Marzu 1986 |
| 28 | Nikol Ġużeppi Cauchi [V] | 2 ta' Diċembru 1990 |
| 29 | Nikol Ġużeppi Cauchi [VI] | 25 ta' Frar 1996 |
| 30 | Nikol Ġużeppi Cauchi [VII] | 4 ta' Marzu 2001 |
| 31 | Mario Grech | 11 ta' Ottubru 2013 |

F'Ottubru 1966, l-Isqof Giuseppe Pace beda Viżta Pastorali li mbagħad tkompliet mill-Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi, li nħatar Amministratur Appostoliku għal Għawdex u ġie kkonsagrat Isqof fid-9 ta' April 1967; fis-16 tal-istess xahar Mons. Cauchi kompla l-Viżta Pastorali li beda l-predeċessur tiegħu. L-Isqof Cauchi sejjaħ ukoll it-Tieni Sinodu Djoċesan fl-1992, kif ukoll kemm-il Missjoni Djoċesana u Kungress Pastorali Djoċesan fuq temi differenti. Fiċ-Ċirkulari li biha ħabbar is-seba' u l-aħħar Viżta tiegħu, hu qal li "għalkemm il-Viżta Pastorali hija drawwa antika fil-Knisja ta' Kristu kemm fil-Lvant u kif ukoll fil-Punent, għadha utli u meħtieġa anki għaż-żminijiet tal-lum" (*Ċirkulari* 400/2001).

Ir-Rapporti tal-Viżti Pastorali, kemm dawk li saru f'Għawdex qabel twaqqaf Djoċesi għalih u kemm ta' dawn l-aħħar tletin waħda – uħud miżmuma fl-Arkivju Arċiveskovili ta' Malta u f'dak tal-Katidral tal-Imdina (1687-1864), u oħrajn f'dak tal-Kurja Veskovili ta' Għawdex – huma għejun ta' valur imprezzabbli, għax jagħtuna stampa ċara – spiss l-unika waħda – tal-qagħda pastorali imma wkoll fiżika tal-parroċċi ta' Għawdex fis-sekli li għaddew. Fuqhom saru u għad ikomplu jsiru għadd ta' studji! Fl-antik iżjed mil-lum, l-Isqof li jkun jagħmel il-Viżta kien jordna li jinġabar inventarju tal-oġġetti kollha li kien ikun hemm fl-knisja parrokkjali, fis-sagristija u fil-bini kollu li kien propjetà tal-parroċċa. Mhux darba u tnejn li ordna xi tiswija jew saħansitra pprofana xi kappella minħabba l-istat ħażin li kienet qed tinżamm fih. Hu kien jingħata lista tal-kleru tal-parroċċa u jinterroga lis-saċerdoti, jeżamina r-reġistri u l-kotba l-oħra tal-parroċċa, jara l-benefiċċji u legati, u jifli l-i*Status Animarum*, jiġifieri lista bit-tagħrif dwar il-familji li jagħmlu parti mit-territorju ta' kull parroċċa. Minn dawn ir-Rapporti, għalhekk, nisiltu tagħrif mitqlu deheb kemm dwar l-istat materjali tal-knejjes tagħna fl-antik, u kemm dwar il-qagħda soċjali u reliġjuża tal-poplu Għawdxi.

## L-implikazzjonijiet ta' Viżta Pastorali fid-dinja tal-lum

Il-Knisja f'Għawdex qiegħda fuq l-għatba tal-mija u ħamsin anniversarju mit-twaqqif tad-Djoċesi. Hu għalhekk li l-Viżta Pastorali minn

Mons. Mario Grech hi okkażjoni ta' tiġdid fil-fidi, meta qegħdin nikkonkludu wkoll is-Sena tal-Fidi ċċelebrata mill-Knisja universali. L-għeruq tal-fidi Nisranija fi gżiritna jeħduna lura sa l-evanġelizzazzjoni tal-gżejjer tagħna minn Missierna San Pawl fis-sena 60 WK, jiġifieri fl-era Appostolika, imma l-komunità Nisranija llum jeħtieġ dejjem tfittex fil-Vanġelu tweġibiet ġodda għall-bosta sfidi li toffri s-soċjetà tagħna.

Ir-realtà djoċesana tagħna diġà tippermetti lill-Isqof li fuq bażi ordinarja jibni relazzjoni pjuttost stretta u personali mas-saċerdoti u l-komunitajiet parrokkjali, imma hi sewwa sew il-Viżta Pastorali li tintensifika u tagħmel iżjed viżibbli din ir-rabta qawwija tar-Ragħaj mal-merħla tiegħu, fejn l-Isqof jidher tabilħaqq bħala l-għerq u l-pedament ta' l-għaqda fil-Knisja djoċesana (ara *Lumen Gentium*, 23). Hu għalhekk li l-Viżta Pastorali hi okkażjoni għar-Ragħaj biex jifhem fejn tħabbat il-qalb tal-poplu, u jkun lest biex jisma', jfarraġ u jdewwi. Barra li tkompli taqdi l-missjoni ta' omm u għalliema fdat lilha mill-Mulej, il-Knisja llum tixtieq tisma' u titgħallem hi wkoll minn dak li għandha x'tgħidilha s-soċjetà. Minn dak li kitbilna fl-Ittra Pastorali, l-Isqof tagħna jidher li jixtieq jagħmlu dan!

It-Tieni Sinodu Djoċesan ta' Għawdex jissuġġerixxi li għall-Viżta, "il-kappillani jieħdu ħsieb sabiex jiltaqgħu mal-Isqof dawk is-saċerdoti u lajċi involuti fil-ħidmiet pastorali tal-parroċċa" (20d), naturalment fi stil iżjed 'pastorali' milli legalistiku kif kien fl-antik! Permezz tal-laqgħat mal-Arċiprieti, il-Presbiterji Parrokkjali, il-Kunsill Parrokkjali u l-kumitati l-oħra tal-parroċċa, il-lajċi impenjati f'kull struttura tal-parroċċa, fl-għaqdiet u fil-movimenti, id-diversi kategoriji u etajiet, imma wkoll billi jħabbat fuq il-bibien tal-periferija lil hemm mis-sagristiji tal-knejjes u ċ-ċentri parrokkjali – bħalma huma l-ambjenti tal-iskejjel, tax-xogħol u tad-divertiment, imma wkoll l-isptarijiet u d-djar tal-familji – l-Isqof irid isir il-preżenza ta' Kristu r-Ragħaj il-Kbir fost il-poplu tiegħu.

Il-Viżta hekk issir okkażjoni ta' verifika fil-fidi u tweġiba għall-eżiġenzi pastorali li dejjem qed jippressaw iżjed lill-Knisja llum. Dan fl-aħħar mill-aħħar għandu jwassal għal tiġdid fil-ħajja tal-Knisja u r-realtajiet tagħha, fejn l-Isqof bħala r-Ras tal-Knisja lokali jippromovi iżjed il-komunjoni ekkleżjali u s-sehem tal-lajċi fil-ħajja tal-Knisja kif tant mixtieq mill-Konċilju Vatikan II. Waqt li biex dan iseħħ permezz tal-Viżta huma meħtieġa forom differenti ta' tħejjija fuq bażi parrokkjali, il-Viżta għandha tiġi akkumpanjata bit-talb tal-fidili kollha.

Il-Viżta Pastorali issa fetħet, u l-Isqof diġà beda jdur il-ħmistax-il parroċċa li għandna fid-djoċesi tagħna. Ix-xewqa tiegħu li jibda mill-Isptar Ġenerali bagħtet messaġġ ċar lis-soċjetà Għawdxija li din il-Viżta la hi limitata biss għall-parroċċi fis-sens strett tal-kelma u lanqas għall-imgħammdin Insara biss, anki jekk huma l-ewwel destinatarji tagħha: "Għandi wkoll nagħaġ oħra, li m'humiex minn dan il-maqjel; lilhom ukoll jeħtieġ li niġbor, u huma jisimgħu leħni, u jkun hemm merħla waħda, ragħaj wieħed" (Ġw 10:16). Nitolbu li minnha joħroġ tassew il-frott mixtieq: dak li fil-gżira ċkejkna tagħna lkoll nistgħu "niltaqgħu mal-Imħabba ta' Alla".

## Bibljografija


ATTARD Francesco Pio, *The Development of St George's Parish from the Pastoral Visitations (1575-1644). A comparative commentary and analysis*, Teżi tal-BA(Hons) fit-Teoloġija fl-Università ta' Malta, mhux ippubblikata, Malta 2011.

*Atti tal-Kurja Djoċesana ta' Għawdex*, April 2001 (221).

BEZZINA Joseph, *L-Istorja tal-Knisja f'Malta*, Malta 2002.

BEZZINA Joseph, *Religion and Politics in a Crown Colony. The Gozo-Malta Story 1798-1864*, Malta 1985.

BEZZINA Joseph, *The Bishop's Archives – Gozo. A descriptive hand-list* (=Gaulitana 12), Malta 1992.

BUTTIGIEG Michele Francesco, Ittra Pastorali *Dal momento che per divina disposizione...*, Gozo, 20 Ottobre 1865, f'ARKIVJU NAZZJONALI GĦAWDEX, CP/02/02.

CORIDEN James A.–GREEN Thomas J.–HEINTSCHEL Donald E., *The Code of Canon Law. A text and commentary*, London 1996.

DJOĊESI TA' GĦAWDEX, *It-Tieni Sinodu t'Għawdex*, Malta 1993.

ĠWANNI PAWLU II, Eżortazzjoni Appostolika Post-Sinodali *Pastores Gregis*, 16 ta' Ottubru 2003.

GRECH Mario, Ittra Pastorali *Il-Viżta Pastorali: Niltaqgħu mal-Imħabba ta' Alla*, 4 ta' Ottubru 2013.

*Il-Ħajja f'Għawdex*, Novembru-Diċembru 1967 (41[594]).

KONĊILJU VATIKAN II, Digriet dwar l-Uffiċċju ta' l-Isqfijiet *Christus Dominus*, 28 ta' Ottubru 1965, f'*Id-Dokumenti tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan II*, Malta 2003

KONĊILJU VATIKAN II, Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja *Lumen Gentium*, 21 ta' Novembru 1964, f'*Id-Dokumenti tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan II*, Malta 2003.

KONGREGAZZJONI TAL-KULT DIVIN U D-DIXXIPLINA TAS-SAGRAMENTI, *Ċerimonjal ta' l-Isqfijiet*, 14 ta' Settembru 1984.

KONGREGAZZJONI TAL-ISQFIJIET, Direttorju għall-Ministeru Pastorali ta' l-Isqfijiet *Apostolorum Successores*, 22 ta' Frar 2004.

WATERWORTH J. (Ed.), *The Council of Trent. The canons and decrees of the sacred and œcumenical Council of Trent*, translated by J. Waterworth, London 1848.



HILITE

HARDWARE STORE

FRANCO - BELGE FIRE PLACES

*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places

113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884



# dun MIKIEL ATTARD

## Dun Mikiel u l-Ħajja Kontemplattiva



Fra Ġorġ Grech OSCO

X'inhi l-ħajja kontemplattiva? Dun Mikiel dejjem bena ħajtu proprju fuq l-istedina: "*Imxi quddiemi u kun perfett*" (Ġen 17,1). Dan għamlu quddiem Alla u ma' Alla, filwaqt li kien iwettaq ir-rieda tiegħu u jkun fidil lejn imħabbtu. Sirt naf lil Dun Mikiel fl-1986 għaddell tas-Santwarju Ta' Pinu. Għal sentejn iltqajna kważi ta' kuljum, ġranet mimlija sbuħija tar-ruħ u ftuħ il-qalb li ma nistax ninsa. Kienet esperjenza unika li wasslitni nara l-libertà interjuri ta' Dun Mikiel, id-dawl divin li kien jgħammar fih u l-imħabba kbira li kellu lejn il-Verġni Marija. Nista' ngħid li l-imħabba tiegħi lejn Marija twieldet meta ltqajt ma' din il-persuna straordinarja. Il-passjoni ewlenija tiegħu, kif ukoll il-qawwa tal-ħajja interjuri tiegħu, kienu ġejjin mill-imħabba kbira li kellu lejn Marija, liema żelu kien jittrasmettih lil kull min kien jersaq lejh.

Dun Mikiel kien raġel sempliċi li jixbah lil tifel ċkejken għas-sempliċità u l-purezza tiegħu. Kien raġel li jxerred kariżma partikulari b'għajnejn mimlija dawl u bi tbissima li tiġbed il-qalb. Sabiex tifhem il-valur tal-ħajja interjuri tiegħu, tal-qdusija moħbija u tal-kobor tal-ispiritwalità tiegħu, kien ikun biżżejjed tħares lejh u tosservah. L-Ewkaristija kienet għalih il-mument l-aktar għoli tal-għaqda mistika ma' Alla. U niftakar kien jgħożż ħafna l-mument ta'



*Dun Mikiel jimmedita l-Kelma t'Alla*

wara t-Tqarbin. Minn hawn wieħed seta' jifhem l-imħabba tiegħu lejn Ġesù moħbi fl-Ostja Mqaddsa. Kien mument mill-isbaħ, taraħ waqt il-quddiesa b'għajnejh, moħħu u l-ispirtu tiegħu merfugħa lejn Alla u lejn id-Dawl tiegħu bla tmiem. Kien proprju waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa li Dun Mikiel, bil-ħlewwa ta' kliemu u bil-ġentilezza fil-ġesti tiegħu, kien iwasslek lejn l-għarfien tal-imħabba t'Alla! Għaddejna żmien twil miegħu fis-skiet. Kien iħobb jgħidli: "Ġorġ, Santa Teresa qalet: 'L-essenzjal ma jinsabx fil-ħafna kliem iżda f'li tħobb ħafna'". Dan kien ikun biżżejjed biex wieħed jagħraf kemm kien jgħix b'imħabba dawn il-mumenti ta' adorazzjoni. Anzi, ninsab persważ li ħajtu kollha kienet tikkonsisti f'att kontinwu ta' mħabba. Għalih ma kienx jgħodd jew jeżisti ħin, iżda l-importanti kienet il-persuna ta' quddiemu li miegħu kienet tiftaħ qalbha. Illum, kieku ngħidu li kien bniedem mingħajr arloġġ, mingħajr ħin u spazju għalih. Mhux ta' b'xejn li San Ġwann Klimaku kien jgħid: "Il-monaku jrid iżomm il-ħeġġa tiegħu sal-aħħar ta' ħajtu mingħajr ma jħalliha tintefa'; ġurnata wara oħra jeħtieġ iżid nar fuq nar, ħeġġa fuq ħeġġa, xewqa fuq xewqa, żelu fuq żelu".

Huwa dan, fl-opinjoni tiegħi, **l-ikona tal-wiċċ umli ta' Dun Mikiel!** Kien jittrasmetti, mingħajr dubju, spirtu ta' umiltà, tjubija u paċi kbira. Hu kien juri li xtaq jilqa' u jħaddan il-ħolqien kollu bl-offerta tiegħu ta' kuljum u bit-talb bla waqfien. Kien spiss jgħidli: "X'misteru kbir! Bil-virtujiet żgħar tagħna, bl-imħabba mgħejxa fil-moħbi, aħna nikkonvertu, għalkemm mill-bogħod, lill-erwieħ u ngħinu lill-missjunarji". Madanakollu, ħajtu kienet spiss mimsusa mit-tbatija minħabba l-mard li spiss ħakem lil ġismu. Minkejja kollox, kien lest iħaddan u jissaporti fis-skiet il-ħafna slaleb li qatt ma naqsu f'ħajtu. Ix-xewqa kbira tiegħu li tinħoloq komunità kontemplattiva fis-Santwarju Ta' Pinu taħt il-mant u l-ħarsien ta' Marija ma kinitx dejjem mifhuma u milqugħa. Kien iħobb jgħid: "Paċenzja! Għadu mhux il-ħin u s-siegħa ta' Alla!". X'ruħ straordinarja! Kien jaċċetta fis-skiet l-umiljazzjonijiet. Anzi ma kien jurihom lil ħadd u kien jafda kollox f'idejn il-Verġni Marija. Kien jifhem illi jekk din hi r-rieda ta' Alla, kollox kellu jseħħ fil-mument u kif Alla jixtieq.

Kellu fidi inkrollabbli u fiduċja bla tarf fil-Madonna Ta' Pinu. Is-saħħa interjuri tiegħu kienet ġejja mit-talb personali, mill-meditazzjoni ta' kuljum, mir-Ružarju mqaddes. Dun Mikiel ma kien miġbud minn xejn jekk mhux minn Alla u mill-imħabba lejn in-nies. Hu kien



*Dun Mikiel ma' P. Ugolin Xerri u Fra Ġorġ Grech*

ipoġġi lill-Mulej qabel kollox u kulħadd, u kienet ħajja fih ix-xewqa li jgħix u jistrieħ biss fih. F'Dun Mikiel konna nħossu l-konvinzjoni li għalih ma ried iżomm xejn, lanqas biċċa żgħira minn qalbu. Anzi, qalbu kienet tixbah lil artal imweffaħ bl-inċens ta' mħabbtu u tbatijietu, għax xejn ma kien isbaħ milli jingħata għall-Mulej li tant kien iħobb.

Dun Mikiel kien jiddistingwi ruħu għall-umanità tiegħu. Kien tassew ta' ferħ tkun fil-kumpanija tiegħu u kellu sensibbiltà li turik li qed jifhmek u miegħek qiegħed iġorr il-piż. Ta' spiss, diversi persuni li kienu jaqsmu miegħu d-dmugħ tagħhom, kienu jmorru lura f'darhom b'ċerta konsolazzjoni, mifhuma u mqawwija. Kellu fuq fommu kliem ħelu u kien kapaċi jifhem u jikkomunika b'mod ċar ħafna, tant li kien jagħti l-impressjoni li qiegħed jifhem il-ħsibijiet moħbija tal-qalb. Meta kien hemm bżonn, kien kapaċi jkun iebes, iżda kien jagħmel dan b'umiltà u tjubija, mingħajr ma jweġġa' jew jaqta' qalb min kellu quddiemu. Għalih kull persuna kienet Alla nnifsu: "Kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi" (Mt 25,40) qalilna Ġesù. **Minn dan kien tassew konvint.**

F'Dun Mikiel kont nara bniedem ta' dehen kbir. Hu kien jippreferi jiskot milli jitkellem, jekk ma kienx hemm bżonn. Kien jagħtini l-impressjoni li bl-ebda mod ma ried itappan ir-rabta li kellu ma' Ġesù. Meta kien ikun magħna fil-kappella tas-Santwarju Ta' Pinu, kien iħoss ferħ smewwi; konna narawh jerfa' ħarstu lejn il-Verġni Mbierka u kien jitlob bil-qalb sabiex isseħħ il-grazzja li dan is-santwarju jkun imdawwar b'patrijiet lebsin l-abjad. Jekk m'iniex sejjer żball hu kien jgħid li l-profezija ta' Karmni Grima kienet proprju din. Bla dubju ta' xejn, dan il-ħsieb ma ħallieh qatt bi kwietu, anzi nistgħu ngħidu li kien ix-'xewka' li kien iġorr fis-skiet u bl-umiltà fil-qalb nobbli u sensibbli tiegħu.

Ta' spiss konna nirreċitaw jew inkantaw il-brevjar. Dan kien ikun għalija mument ta' konfort spiritwali u edifikazzjoni. Ta' min ifakkar ukoll id-drawwa li kellu li jimmarka b'noti u sinjali l-kotba tiegħu li kien jaqrahom aktar minn darba, għax kien jgħid li f'kull meditazzjoni tista' dejjem tiskopri xi kelma ta' Alla għalina għall-mument preżenti.

Kien joħloq djalogu kontinwu u personali ma' Alla. Hu kien tal-konvinzjoni li l-monaċi kellhom ikunu jgħixu fis-Santwarju, taħt il-mant ta' Marija, u mhux x'imkien ieħor. Din kienet il-ħolma li dejjem kellu. Ħadem ħafna biex ixerred din iż-żerriegħa li forsi 'l quddiem, bil-grazzja ta' Alla, għad tinbet u tikber. Bħalma tfakkarna l-Iskrittura, iż-żmien ta' Alla mhuwiex iż-żmien tagħna: "Dan għandkom tkunu tafu, ħuti għeżież: li quddiem il-Mulej jum wieħed hu bħal elf sena, u elf sena bħal jum wieħed" (2Pt 3,8). Qalbu kienet tħabbat dejjem hemm filwaqt li xtaq jgħix kompletament f'kontemplazzjoni f'Alla. Din kienet il-passjoni kbira tiegħu! Dan l-ideal kien seraqlu qalbu għal kollox! Bħal Mosè b'dirgħajh merfugħa, xtaq li jinsa lilu nnifsu u jagħti ħajtu għat-talb, isir il-vuċi tal-Knisja biex jinterċedi sabiex iseħħu 's-smewwiet ġodda u l-art ġdida' u sabiex l-erwieħ jirċievu mit-teżori tas-sema għejun ta' dawl u ta' mħabba permezz tat-talb umli tiegħu. Kien jikkontempla u jsib lil Alla f'kollox u f'kulħadd għax qalbu kienet mimlija bih. Għalhekk, hu kien jaf ibiddel kull ħaġa, anke jekk negattiva, f'xi ħaġa sabiħa; spiss infatti smajtu jirrepeti li "Alla jaf jikteb dritt fuq linji mgħawġa".

Dun Mikiel kien tassew bniedem eċċezzjonali li għex il-ħajja interjuri u spiritwali tiegħu b'dedikazzjoni u sagrifiċċju, fi tfittxija kontinwa ta' Alla. Kien bħal warda tax-xemx; dejjem ifittex id-dawl veru u awtentiku ta' Alla.

**Din is-serje ta' artikli qed tiġi ppubblikata mill-Postulazzjoni għall-Kawża tal-Beatifikazzjoni u l-Kanonizzazzjoni tal-Qaddej ta' Alla Dun Mikiel Attard bil-għan li dan il-Qaddej ta' Alla jsir aktar magħruf fost il-poplu ta' Alla.**


# Imperial Eagle

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

# "Il-Fraternità Hi l-Pedament u l-Għerq tal-Paċi"

*Siltiet mill-Messaġġ tal-Papa Franġisku għall-Jum Dinji tal-Paci – 1 ta' Jannar 2014*

*riflessjonijiet miġbura mill-*
**Arċipriet C. Mercieca**

### Xi tfisser "Fraternità"?

"Il-fraternità twassal biex inħarsu lejn kull persuna bħala oħtna jew ħuna".

### Jista' jkun hemm paċi bla fraternità?

"Mingħajr fraternità mhux possibbli
- li tinbena soċjetà ġusta
- li jkun hawn paċi soda u dejjiema".

### Fejn tiġi mgħallma l-fraternità?

"Il-fraternità tiġi mgħallma fi ħdan il-familja u fuq kollox grazzi għall-irwol komplimentari tal-membri tagħha kollha, speċjalment tal-omm u l-missier.

Għaldaqstant il-familja hija wkoll
- il-pedament
- it-triq ewlenija tal-paċi".

### Qabel xejn, x'hemm bżonn biex isseħħ il-fraternità?

"Biex inqisu lil xulxin bħala aħwa ta' xulxin, irridu naċċettaw li aħna l-bnedmin kollha kemm aħna, **aħwa u wlied tal-istess Missier li huwa Alla**".



### Fil-familja ta' Alla, kif għandna nħarsu lejn xulxin?

Fil-familja ta' Alla, fejn ulied il-bnedmin huma ulied tal-istess Missier... **ma hemm ebda ħajjiet għall-iskart**
- kollha jgawdu dinjità ndaqs
- u dinjità intanġibbli – ma tistax tintmess.
- Kollha maħbubin minn Alla
- Kollha mifdija bid-demm ta' Kristu.

### Hu meħtieġ li jieqfu l-attakki kontra d-dinjità tal-bniedem !

## 1 IL-KSUR TAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI

F'ħafna partijiet tad-dinja, jidher li ma hemmx waqfien
- għall-ksur tad-drittijiet umani fundamentali
- fuq kollox għad-dritt tal-ħajja
- u tad-dritt għal-libertà ta' reliġjon.

## 2 IL- FRATERNITÀ TITFI L-GWERRA

### L-Appell tal-Papa Franġisku :

"Lil dak li llum qed tħarsu lejh bħal **għadu** biex teqirduh, erġgħu ħarsu lejh bħala **ħukom**. Għadaqstant, ražżnu idejkom!

Iċħdu t-triq tal-armi u morru ltaqgħu mal-persuna l-oħra
- bid-djalogu
- bil-maħfra
- bit-tama.

### Appell kontra t-tixrid tal-armi

...Sakemm ikun hawn kwantità hekk kbira ta' armamenti fiċ-ċirkostanzi bħalma hemm illum, dejjem se jinstabu skużi ġodda biex jinbeda l-ġlied.

Għalhekk nagħmel l-appell tal-predeċessuri tiegħi :
- kontra t-tixrid tal-armi
- u favur id-diżarm minn kulħadd u dan jibda mid-diżarm tal-armi nukleari u kimiċi.

# Diskors tal-Isqof Mario Grech fil-Kunsill tal-Konferenzi Episkopali tal-Ewropa

*(Consilium Conferentiarium Episcoporum Europae – CCEE)*

CONSILIUM CONFERENTIARUM EPISCOPORUM EUROPÆ CCEE

F'dak iż-żmien Ġesù qal: "Infaħħrek, Missier, Sid is-sema u l-art, talli inti ħbejt dawn il-ħwejjeġ lil min hu għaref u lil min jifhem, u għarrafthom lil min hu ċkejken. Iva, Missier, għax hekk għoġob lilek."

Dan il-kliem li l-Mulej joffri bħala talba lill-Missier illum jiftħulna tieqa fuq is-sentimenti l-aktar intimi ta' Alla. Nistgħu nidħlu fil-qalb tal-Missier u nagħrfu dak li jogħġob l-aktar lil Alla: il-Missier u l-Iben magħqudin ħaġa waħda fil-ferħ quddiem il-Misteru li jintwera liċ-ċkejknin.

Fil-Grieg oriġinali, Luqa juża l-kelma Νήπιος (népios) biex jirreferi għaċ-ċkejknin. Il-Νήπιος, l-*infans* (bil-Latin), hu dak li għad m'għandux il-fakulta tal-kelma, u peress li dak li ma jafx jitkellem hi t-tarbija, il-kelma allura tfisser tifel żgħir, (*in-fa-ns*, fejn *–fa* ġejja mill-verb *for/faris* li tindika li wieħed jaf jitkellem, għalhekk l-*infans* hi t-tarbija li għadha ma tafx titkellem). Alla juri l-qalb tiegħu liċ-ċkejkni, lil min għadu ma jafx jitkellem.

Il-kelmiet tal-Mulej li smajna ftit ilu fis-silta tal-Vanġelu huma sfida għal min hu għaref u għal min jaf, kemm fis-soċjetà ċivili kif ukoll fil-Knisja, li spiss huma miksija bil-kliem: kliem aktarx vojt li jipprova jfisser b'mod razzjonali ħsibijiet li ma jinftehmux. Peress li l-għerf u l-intelliġenza tad-dinja m'għandhomx post għall-kliem ta' Alla, jifgaw il-qalb u l-moħħ tal-bniedem tal-lum.

Il-Kelma ta' Alla hi stedina biex nagħmlu eżami tal-kuxjenza : x'inhi l-politika u x'inhi t-teoloġia li spiss jagħmluha ta' difensuri mħeġġa tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem?

Għadna kif smajna lil Ġesù ifaħħar lill-Missier għax ħeba l-verità minn għajnejn l-għorrief – huma ma għarfuhiex –, imma rrivelaha liċ-ċkejknin – lil dawk li mhumiex għorrief, li m'għandhomx kultura għolja. Lilhom ġie mgħarraf dan il-misteru. Minħabba f'hekk, sakemm l-għorrief jibqgħu jwarrbu liċ-ċkejknin, m'huma se jaslu qatt biex jagħrfu l-verità.

Waqt li nżommu quddiem għajnejna s-suġġett li qegħdin niddiskutu f'dawn il-jiem, naħseb li l-immigranti u r-refuġjati jagħmlu tassew parti minn din il-kategorija taċ-ċkejknin u tal-aħħar fl-iskala soċjali. Ħafna minnhom jiġu ddisprezzati, jgħixu f'sitwazzjoni ta' vulnerabbilta kbira, u m'għandhom xejn tagħhom għajr in-nuqqas ta' esperjenza. Huwa minnu li dawn il-persuni għandhom ħafna bżonnijiet u jixtieq jibdew ħajja ġdida, imma hu daqshekk ieħor minnu li "l-għorrief" tal-Ewropa jistgħu jitgħallmu ħafna minnhom.

Lil dawn iċ-ċkejknin tonqoshom il-kelma għaliex peress li ma jafux il-lingwi Ewropej, ma jafux jesprimu ruħhom lingwistikament; agħar minn hekk, huma m'għandhomx kliem biex jiddefendu lilhom infushom biex iħaddmu d-drittijiet fundamentali tagħhom.

Meta wieħed iqis li dawn iċ-ċkejknin jeħtieġu l-kelma biex jagħrfu aħjar id-drittijiet tagħhom li ħerġin mill-ġustizzja, is-soċjetà ma tistax ma tgħinhomx biex jakkwistaw dak li Don Lorenzo Milani kien isejjaħ "il-ħakma fuq il-kelma... fuq il-kelma tal-oħrajn biex jaffermaw l-essenza intima u l-konfini eżatti, u fuq l-istess kelma tagħhom biex jesprimu bla tbatija u fil-verità l-għana bla qies li l-moħħ iħaddan."

L-intwizzjoni ta' Don Milani għadha valida llum: mill-kelma għall-Kelma. "L-iskola li taf tgħallem il-kelma, tagħraf tagħti lill-fqar l-istrumenti tekniċi, toffri, biex wieħed jgħid hekk, is-*satellite dish* biex wieħed jaqbad il-*wavelength* ta' Alla, biex wieħed jisma' u jifhem il-kelma Tiegħu fil-ħajja tiegħu u jagħraf jinterpreta l-ġrajjiet umani." Minħabba f'hekk jeħtieġ nikkonvinċu rwieħna li, kif kien qal Beneditu XVI, "il-fenomenu tal-immigrazzjoni hu wkoll opportunita provvidenzjali biex inħabbru l-Vanġelu fid-dinja tal-lum. Irġiel u nisa ġejjin minn diversi nħawi tad-dinja, li għadhom qatt ma ltaqgħu ma' Ġesù Kristu... qed jitolbu li jiġu milqugħa fil-pajjiżi li għandhom tradizzjoni antika Nisranija. Jeħtieġ jinstabu l-modi ġusti biex anke dawn ikunu jistgħu jiltaqgħu u jagħrfu lil Ġesù Kristu."

Sabiex "iċ-ċkejknin" jakkwistaw il-kelma u hekk ikunu jistgħu jesprimu x-xewqat tagħhom u jiddefendu rwieħhom kontra kull tip ta' sfruttament, il-Knisja, li tħares il-Kelma, ma tista' qatt tieqaf mill-impenn evanġeliku tagħha li tagħti leħen lil min m'għandux! Kif osserva l-istess Papa Franġisku, "kemm drabi ma nafux kif jew ma rridux nagħtu vuċi lil min bata u għadu jbati, lil dawk li tgħaffġulhom id-drittijiet fundamentali tagħhom, lil min ġarrab tant vjolenza li tilef saħansitra x-xewqa li jfittex li ssirlu ġustizzja!" L-Insara li jagħżlu li jibqgħu siekta quddiem din il-ġrajja drammatika fejn

iċ-ċkejknin għadhom jintrifsu taħt is-saqajn, iridu jġorru responsabbiltà morali tal-ħtija tagħhom.

"Infaħħrek, Missier, Sid is-sema u l-art, talli inti ħbejt dawn il-ħwejjeġ lil min hu għaref u lil min jifhem, u għarrafthom lil min hu ċkejken." F'dan iż-żmien liturġiku li jħejjina biex niċċelebraw il-ġrajja tal-Inkarnazzjoni, ejjew nitolbu lill-Verb li sar tarbija (*Verbum Infans*) biex isawwab fuqna l-grazzja biex inkunu preżenza li tidwi fi ħdan is-soċjetajiet tagħna biex nagħtu leħen lil min m'għandux u hekk flimkien nagħtu ġieħ lil Alla, Missier kull raġel u mara li jgħixu fuq din l-Art. Ammen.

Qegħdin nirriflettu flimkien fuq kategorija *dgħajfa* tal-Kontinent tagħna Ewropew: l-**immigranti** li jiġu jitolbu kenn fil-pajjiżi tagħna. Dan iġib quddiem għajnejna d-dmir tagħna bħala *rgħajja*, imsejħin biex inwasslu l-imħabba ta' Kristu r-Ragħaj it-Tajjeb lil kull raġel u mara li jsiru l-*proxxmu* tagħna u jħabbat fuq il-bieb ta' qalbna. Bħala isqfijiet (*episkopoi*), imsejħin biex *ngħassu sewwa* l-merħla fdata f'idejna, għandna d-dmir gravi li *ngħassu* sabiex il-komunitajiet tagħna jibqgħu jilmħu fl-immigranti "l-immaġni ta' Kristu", li qal: "Kont barrani u lqajtuni" (*Mt* 25,35).[1] Aħna għandna l-missjoni li ngħinu lill-komunitajiet u lis-soċjeta kollha kemm hi biex iħarsu lejn din ir-realtà billi jitfgħu ħarsithom fuq il-*wiċċ* ta' kull persuna: quddiemna m'għandniex numri, imma persuni, ħajjiet, erwieħ. Nistgħu nieħdu deċiżjonijiet li huma ta' ġid għal kull persuna u għall-persuni kollha billi nitilqu mill-*persuna*, mid-dinjità tagħha.

Illejla se niddiskutu fuq il-koperazzjoni bejn il-Knejjes lokali fuq il-kura tal-immigranti u tar-refuġjati. Fl-Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii gaudium*, il-Papa jħares lejn l-immigranti bħala "sfida partikulari għaliex – huwa jistqarr – jiena Ragħaj ta' Knisja mingħajr fruntieri li tħossha omm ta' kulħadd".[2] Quddiem dan il-fenomenu, il-Knejjes lokali kollha tal-Ewropa jridu jħossuhom parti minn din il-missjoni delikata li jiffaċilitaw l-integrazzjoni biex l-immigranti jħossuhom parti mis-soċjetajiet tagħna.

Dan jista' jseħħ meta kull Knisja lokali taqsam l-esperjenza partikulari tagħha u hekk "tagħni" lill-knejjes l-oħra, u fl-istess ħin issir aktar għanja. Fuq l-ewwel livell, jeħtieġ li tikber il-koperazzjoni bejn il-parroċċi u d-diversi movimenti ekkleżjali jew realtajiet li jaħdmu mill-qrib mal-immigranti. Meta wieħed ma jibqax magħluq fih innifsu, il-missjoni tal-Knisja ssir aktar effikaċi u tingħata xhieda ta' dik l-imħabba ta' Kristu (*Caritas Christi*) li tgħaqqadna flimkien u tħeġġiġna biex naħdmu.

Dan kollu stajt immissu b'idejja stess meta, lejn l-aħħar ta' Awwissu ta' din is-sena, waqqaft fid-Djoċesi tiegħi Kummissjoni favur l-Immigranti u r-Refuġjati bil-għan li tistudja kif il-Knisja lokali tista' twieġeb b'mod effettiv quddiem din ir-realtà ġdida. L-esperjenza ta' djalogu mal-istess immigranti, mal-parroċċi u mar-realtajiet li huma qrib l-immigranti, wasslet biex jitħejja dokument mimli indikazzjonijiet kemm fuq l-istat attwali tas-sitwazzjoni kif ukoll fuq dak li l-Knisja lokali jeħtieġ twettaq biex tiffavorixxi strateġija ta' integrazzjoni.

Fil-qosor, dan ir-Rapport[3] jindika żewġ fatturi li jiffavorixxu l-integrazzjoni. L-ewwel fattur għandu x'jaqsam ma' dak li jien insejjaħlu proċess ta' *inklużjoni* tal-immigranti fil-moħħ u fil-qalb tal-komunita Nisranija. F'dan il-qasam hija fundamentali l-azzjoni tas-saċerdoti li, permezz tal-predikazzjoni u tax-xhieda tagħhom, jgħinu liill-Insara biex iħarsu lejn dan il-fenomenu mhux bħala problema iżda bħala opportunità biex jgħixu l-karita Nisranija. It-tieni fattur għandu x'jaqsam mat-twaqqif ta' enti djoċesana li sservi bħala ċentru ta' kordinament għall-inizjattivi b'risq l-immigranti. Din l-istruttura se jkollha r-responsabbiltà li tanalizza tajjeb is-sitwazzjoni tal-immigranti u l-inizjattivi li diġà qegħdin iwettqu l-komunitajiet, u wkoll biex tara l-possibbiltajiet ta' xogħol biex l-immigranti jkollhom aċċess akbar għad-dinja tax-xogħol. Aktar 'il quddiem, iridu jittieħdu inizjattivi favur l-inkulturazzjoni tal-immigranti, bħal, pereżempju, it-tagħlimi tal-lingwa Maltija, tagħrif fuq Għawdex u fuq is-servizzi disponibbli, u oħrajn. Barra minn hekk, dan iċ-Ċentru se jkun f'kuntatt mal-awtorità tal-Istat u mal-Kummissjoni Emigranti tal-Konferenza Episkopali tagħna biex ikun hemm kollaborazzjoni akbar.

Minn din l-esperjenza li l-Knisja f'Għawdex qed tgħix, wieħed jista' jagħraf kemm il-kollaborazzjoni bejn kulħadd hi meħtieġa biex isir il-ġid. Aktar ma jkun hemm kollaborazzjoni bejn il-Knejjes lokali tagħna, aktar jirnexxilna nsaħħu u nkattru l-ġid favur ħutna l-immigranti. Nawgura li fl-iżvolġiment ta' din il-Laqgħa, nistgħu nidentifikaw punti ċari kif nistgħu naħdmu flimkien biex nagħtu "ix-xhieda sabiħa" ta' dik il-fidi li – kif tgħallimna l-*Lumen fidei* – iddawwal l-arkitettura tar-relazzjonijiet umani u għandha l-qawwa li "tibni, permezz tal-imħabba, belt mibnija fuq ir-relazzjonijiet fejn l-imħabba ta' Alla hi l-pedament."[4]

Grazzi.

---

1 *Erga migrantes caritas Christi*, par. 12.

2 *Evangelii gaudium*, par. 210.

3 The Diocesan Commission for the integration of immigrants in Gozo, *A Church that welcomes. The current situation of migrants in the Maltese Islands and the strategy to effectively face this new reality in Gozo. Report* (24th November 2013).

4 *Lumen fidei*, par. 50.

*Diskors tal-Isqof Mario Grech li sar dalgħodu (09.12.13) waqt Konferenza organizzata mill-Federazzjoni Għawdxija għall-Persuni b'Diżabbiltà fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabbiltà*

# EBDA PERSUNA MA HIJA ĠEBLA SKARTATA

"Biex nifhmu liema direzzjoni nixtiequ nagħtu lis-soċjetà f'dak li għandu x'jaqsam mal-persuni b'diżabbiltà, hu importanti li nżommu quddiem għajnejna minn fejn tlaqna – għax mhux dak kollu li nkiseb fis-snin li għaddew huwa garantit li jibqa'.

Per eżempju, fi Sparta, tfajjel li kien ikollu xi nuqqas kien jinqatel; imbagħad f'kulturi oħra – anke dawk aktar reċenti – persuna b'diżabbiltà kienet tiġi skartata u moħbija. Irridu nammettu li llum mhux biss għad għandna ħjiel ta' din il-kultura li termaġina lill-persuni b'diżabbiltà – kultura li tkaxkar saqajha biex tagħraf id-drittijiet fundamentali ta' dawn iċ-ċittadini bi bżonnijiet speċjali; imma saħansitra qed jerġa' jerfa' rasu l-ispettru tal-qerda tal-ħajja li, skont ċerti kalkoli, titqies li mhix perfetta! Biżżejjed insemmu l-proposta ta' liġi approvata dan l-aħħar mis-Senat tal-Belġju li tirrikonoxxi d-dritt tal-ewtanasja lill-minuri li jkunu f'qagħda ta' tbatija fiżika, inkurabbli u f'fażi terminali. F'dawn il-każijiet, il-kunsens tal-minuri jrid ikun akkumpanjat b'ċerifikat tal-psikologu li jiċċertifika li l-minuri għandnu "kapaċità ta' ġudizzju". Naqbel ma' min sejjaħ din il-liġi bħala "qabża lura fil-livell taċ-ċiviltà."

Għalkemm fis-soċjetà tagħna rajna żviluppi dwar l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà fid-dinja tal-adulti, jibqa' l-fatt li hemm ħafna li jista' jnissel tħassib fil-ġenituri dwar il-futur ta' wliedhom li għandhom diżabbiltà. Huwa fatt li sal-lum il-familja kienet toffri assikurazzjoni solida lil dawk li għandhom diffikultà biex jgħixu ħajja indipendenti waħidhom. Għalkemm mal-medda tas-snin il-politika soċjali mħaddma f'pajjiżna rrikonoxxiet il-kontribut li tagħti l-familja f'dawn il-każijiet, jibqa' però fatt li jista' isir aktar ma' dawn il-familji biex bis-sussidji li jirċievu mill-Istat ikunu jistgħu jkomplu jgħinu fil proċess ta' formazzjoni u soċjalizzazzjoni ta' dawn il-persuni.

F'dan il-kuntest, l-akbar preokkupazzjoni hija l-instabbiltà tal-familja. Għalhekk kull miżura maħsuba biex tgħin għat-tisħiħ taż-żwieġ u l-familja hija waħda li indirettament tgħin biex il-persuni b'diżabbiltà jkollhom kemm jista' jkun moħħhom mistrieħ li mhux ser isibu ruħhom "depożitati" jew "ipparkjati" f'xi istituzzjoni.

F'dawk il-każijiet, fejn imbagħad is-sapport familjari jiġi nieqes, illum aktar huwa rrikkmandat li jinħolqu ċelluli żgħar fejn jilqgħu lil dawn il-persuni u joffrulhom ambjent familjari possibilment fl-istess ambjent li fih ikunu telgħu u laħqu bnew relazzjonijiet.

Qed isir ħafna fil-qasam tal-edukazzjoni biex persuni diżabbli jirċievu formazzjoni akkademika u teknina li tħejjijhom biex bil-mod il-mod jinserixxu ruħhom fid-dinja tal-kbar. Ftit li xejn jagħmel sens l-argument ta' min isostni li dawn il-persuni għandhom dritt għall-għajnuna biss sakemm għadhom fil-livell ta' edukazzjoni obbligatorja, liema għajnuna tieqaf jekk dawn ikollhom ikomplu edukazzjoni terzjarja. Soċjetà verament ħanina ma tistax tkun xħiħa ma' dawn iċ-ċittadini li għandhom ħtiġijiet speċjali.

Dan kollu jitlob investiment qawwi mill-Istat. Wieħed mill-modi kif l-Istat għandu jiġġenera fondi għal dawn il-proġetti huwa billi jindirizza l-fenomenu inġust ta' dawk li *taparsi diżabbli* jew *diżabbli foloz*. Ma nistgħux nibqgħu nagħlqu għajnejna quddiem prassi ftit jew wisq mifruxa ta' ħruġ ta' ċertifikati ta' *diżabbiltà immaġinarja*. Min jipparteċipa f'din il-prassi korrotta qiegħed jisfrutta lil dawk li l-aktar jeħtieġu l-għajnuna biex iħarsu b'fiduċja lejn il-futur.

Fattur ieħor li jgħin lill-persuni b'diżabbiltà ħalli jiksbu ċerta awtonomija u jħossuhom realizzati huwa l-qasam tal-impjieg. Huwa fatt li llum għandna liġijiet li jindirizzaw l-inseriment ta' dawn il-persuni fid-dinja tax-xogħol; imma hemm bżonn li din l-għodda leġiżlattiva tiġi infurzata aktar, ukoll fis-settur privat, għax sfortunatament il-liġi tas-suq u d-dettami tal-ekonomija xi drabi jitolbu kwalifiki li b'mod pulit jeliminaw lill-persuni b'diżabbiltà.

F'dan il-kuntest jidher dejjem aktar il-bżonn ta' rivoluzzjoni kulturali "Kopernikana" – li mhux il-bniedem huwa għas-Sibt, imma s-Sibt huwa għall-bniedem; mhux il-bniedem huwa rota fl-ingranaġġi tal-ekonomija, imma l-ekonomija hija għall-bniedem, partikularment għall-bniedem dgħajjef.

Il-futur tal-persuni b'diżabbiltà qiegħed miktub fuq il-ħajt quddiemna. Inridu nkunu konvinti li ebda persuna ma għandha tħoss li hija xi ġebla mwarrba; imma aħna lkoll ġebel midnun ma' xulxin b'sens qawwi ta' solidarjetà u għalhekk flimkien niffurmaw *binja sħiħa*.

Il-Knisja f'pajjiżna għandha passat sabiħ meta wieħed iqis dak li hija għamlet biex tħares u tippromovi lill-persuni b'diżabbiltà u lill-familji tagħhom. Biżżejjed insemmi lil Dun Manwel Curmi, pijunier f'dak li għandu x'jaqsam mal-emanċipazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà. Anke fil-Knisja hemm futur għal dawn il-persuni. Meta sitt snin ilu waqqaft fid-djoċesi l-Kummissjoni biex il-persuni b'diżabbiltà jkollhom aktar aċċessibbiltà fil-

Knisja, ma kontx qed nirreferi biss għall-aċċessibbiltà fiżika, imma wkoll kif dawn il-persuni ser jieħdu sehem attiv fil-ħajja tal-komunità ekkleżjali. Mhux biżżejjed dak li għamilna. Hemm aktar x'isir. Nagħti żewġ eżempji:

i) Dan l-aħħar akkwistajna l-Bibbja bil-Braille għal-librerija tas-Seminarju Maġġuri u nittama li din tiffaċilita biex dawk neqsin mid-dawl ikunu jistgħu jeżerċitaw il-ministeru ta' Letturi fil-liturġija.

ii) Nixtieq nara rappreżentanza tal-persuni b'diżabbiltà fl-istrutturi parrokkjali u djoċesani, bħalma huma l-Kunsill Parrokkjali u l-Kummissjonijiet Djoċesani biex dawn jieħdu sehem fil-fażi ta' riflessjoni u ta' deċiżjoni fil-ħajja tal-Knisja.

Mumenti bħal dan tal-lum huma meħtieġa għaliex jagħtuna l-possibbiltà li nagħmlu appell lis-soċjetà, partikularment lil dawk li għandhom funzjoni ta' tmexxija u leġiżlattiva, biex tkompli tinħoloq kuxjenza favur il-ħajja umana, speċjalment b'risq dawk li huma żgħar u dgħajfa".

---

# MESSAĠĠ TAL-ISQOF MARIO GRECH FL-OKKAŻJONI TAL-FTUĦ TAD-DAR TA' KARMNI GRIMA 7 TA' DIĊEMBRU 2013

Bir-restawr li sar fuq din id-dar ta' Karmena Grima, ix-xebba li rċeviet il-messaġġ mingħand il-Madonna Ta' Pinu, qegħdin irroddu lura lis-soċjetà parti mill-patrimonju nazzjonali tagħna. Għaliex kif jixhdu l-eluf kbar ta' pellegrini li ta' kull sena jżuru s-Santwarju Ta' Pinu, mal-ġrajja tal-Madonna Ta' Pinu hemm minsuġa ħafna esperjenzi umani, kemm ta' individwi kif ukoll ta' komunitajiet. Infatti, huma ħafna dawk li jqisu s-Santwarju Ta' Pinu bħala punt ta' riferiment għal ħajjithom. Meta nitkellmu mis-Santwarju nkunu qed nitkellmu wkoll minn din id-dar għaliex l-esperjenza mistika li Karmni għexet fil-kappella Ta' Pinu tkompliet f'din id-dar, li kienet ir-residenza tagħha.

Fil-fehma tiegħi huma tlieta d-"dokumenti" li jirreġistraw il-ġrajja ta' Pinu:

a) L-ewwel nett, għandna *d-dokument tal*-ġebel. Ninsabu hawn f'din id-dar ta' Karmni. Kieku r-Rettur Fr Gerard Buhagiar ma daħalx għal dan il-proġett ta' restawrazzjoni, kieku din id-dar kienet tiġġarraf u tinqered, u hekk konna nitilfu dan *id-dokument tal-ġebel*.

b) Jeżisti wkoll *id-dokument tal-karti*. Ftit snin wara li seħħ dan il-fenomenu, l-Isqof Pietru Pace kien ordna li ssir inkjesta u għalhekk kien ġabar għadd ta' xhieda, inkluża dik ta Karmni u ta' Franġisku Portelli. Però b'dispjaċir illum intenni li dak il-manuskritt għeb! Jien għandi tagħrif li dan id-dokument kien f'idejn il-predeċessur tiegħi imma sparixxa u qatt ma wasal għandi. Dan huwa dokument importanti ħafna għall-istorja tal-Knisja lokali. Dokument ta' din ix-xorta li jagħmel parti mill-wirt storiku u reliġjuż tagħna, qatt ma jista' jiġi aljenat. Min għandu dan id-dokument jaf li dan jappartjeni lill-Knisja f'Għawdex. Fil-lingwa Maltija għandna kelma eżatta li tiddeskrivi l-azzjoni ta' min qed iżomm għandu dan id-dokument! Għal darba oħra nagħmel appell biex min qiegħed jostor dan id-dokument iroddu lura.

c) Imbagħad hemm *id-dokument tal-fidi*, it-twemmin ta' ġensna. Matul il-medda tas-snin, mill-1883 'l hawn, dejjem kompla joktor l-għadd tal-pellegrini li jagħtu widen lill-Madonna, li fil-kuxjenzi tal-bniedem tal-lum għadha ssejħilhom biex jinviżtaw is-Santwarju tagħha. Id-devozzjoni tan-nies lejn il-Madonna Ta Pinu hija "rakkont" ħaj li mas-snin jagħmel eku ta' din il-ġrajja.

Inħossni grat lejn dawk kollha li kkollaboraw mar-Rettur Buhagiar biex dan il-progett tar-restawr tlesta. Nemmnu li b'dan il-proġett aħna mhux biss qegħdin ngħinu biex Ta' Pinu jkompli jkun oasi ta' spiritwalità u ċentru ta' evanġelizzazjoni, imma nixtiequ wkoll insostnu t-turiżmu reliġjuż f'Għawdex.

Bl-interċessjoni tal-Madonna Ta' Pinu nitlob lil Alla jbierek din id-dar, bit-tama li dawk li jżuruha jixxennqu biex ikollhom dik l-intimità li Karmni kienet temmen li kellha mal-Madonna.

**✠ Mario Grech**
**Isqof ta' Għawdex**

**Nota tad-Direzzjoni:**
Dawn l-erba' paġni ta' dokumentazzjoni qed jingħataw bħala suppliment mar-rivista u b'rigal lill-qarrejja tagħna, fuq talba ta' ħafna, biex jiġu miġbura u kkonservati l-aqwa diskorsi, omeliji u ittri pastorali ta' Mons. Isqof Mario Grech. Dawn il-folji kulur safrani jistgħu faċilment jinqalgħu minn ġo nofs ir-rivista biex jiġu miġbura flimkien u llegati separatament mir-rivista.





## 3 IL-KORRUZZJONI U L-KRIMINALITÀ ORGANIZZATA JOPPONU L-FRATERNITÀ

Dawn

- joffendu lil Alla serjament
- iweġġgħu lill-aħwa
- jagħmlu ħsara lill-ħolqien.

**Il-Papa jagħti xi eżempji :**

- qed naħseb fid-drama tad-droga li taqsamlek qalbek
- qed naħseb fil-ħerba tar-riżorsi naturali u fit-tniġġis
- qed naħseb fit-traġedja tal-isfruttament tax-xogħol
- qed naħseb fit-traffikar illeċitu tal-flus u fl-ispekulazzjoni finanzjarja
- qed naħseb fil-prostituzzjoni li ta' kuljum taħsad vittmi innoċenti speċjalment minn fost iż-żgħażagħ
- qed naħseb fit-traffikar infami ta' esseri umani
- qed naħseb fil-kriminalità u abbużi ta' minorenni
- qed naħseb fil-jasar li għadu jeżisti f'ħafna pajjiżi
- qed naħseb fit-traġedja, ħafna drabi moħbija, tal-emigranti li huma inġustament suspettati bi ksir tal-liġi.

## 4 INĦARSU N-NATURA

Il-familja umana rċeviet minn għand il-Ħallieq rigal in komuni – in-Natura.

Wieħed għandu juża bil-għaqal ir-riżorsi tan-natura, b'vantaġġ ta'kulħadd filwaqt li jirrispetta

- is-sbuħija
- u l-għan
- u l-użu tal-esseri ħajjin singoli fiha, kollha kemm huma.

In-natura hija għad-dispożizzjoni tagħna u aħna msejħin biex namministrawha b'mod responsabbli.

### Għeluq

Il-fraternità jeħtieġ li

- nsibuha
- inħobbuha
- nisperimentawha
- inħabbruha
- u nagħtu xhieda tagħha.



# 'International Visitors Leadership Program'



Ryan Mercieca

Ftit tal-ġimgħat ilu wasalt mill-esperjenza li kelli gewwa l-iStati Uniti wara li ġejt magħżul mill-Gvern Amerikan fuq il-programm prestiġjuż "*International Visitors Leadership Program*" fejn għamilt ħames ġimgħat f'diversi Stati u kelli l-oppurtunità li niltaqa' kemm ma' nies prominenti fil-Gvern Amerikan kif ukoll ma' familji u żgħażagħ Amerikani minn entitajiet diversi. Fil-qosor ser insemmi diversi avvenimenti minn din l-esperjenza unika.



Fil-bidu tal-programm iltqajt mal-Ambaxxatur ta' Malta għall-Ġnus Magħquda u anke mal-Ambaxxatriċi ta' Malta għall-Istati Uniti. Attendejt ukoll xi sessjoni f'diversi kumitati tal-Ġnus Magħquda. Matul il-programm kellna diversi *lectures* u diskussjonijiet ta' kif jaħdem il Gvern Amerikan bis-sistema federalista kif ukoll dwar il-*policies* tal-Gvern Amerikan dwar iż-żgħażagħ, ix-xogħol u oqsma oħrajn importanti. Parti mill-programm kien jinkludi ukoll diskussjonijiet mar-rappreżentanti taż-żewġ partit ewlenin kif ukoll mar-rappreżentati żgħażagħ ta' dawn il-partiti. Diskussjonijiet oħra kienu dwar kif iseħħu l-elezzjonijiet fid- diversi stati u anke osservajna d-diversi modi biex iħeġġu liż-żgħażagħ jivvutaw. Kelli l-oppurtunità li nkun bħala *observer* għall-elezzjoni tal-gvernatur tal-Istat ta' Virginia.

Parti oħra interessanti mill-programm kienet li kelli l-opportunità li jkolli sessjoni ta' diskussjoni mal-'*Global Youth Advisor*' tas-Segretartju tal- Istat Amerikan fejn hemmhekk iddiskutejna l-irwol tal-Gvern Amerikan bħala sapport għaz- zgħazagħ madwar id-dinja u kif ukoll, permezz tal-ambaxxati fil-pajjiżi diversi tad-dinja, l-iStati Uniti tfassal programm ta' taħriġ għaż-żgħażagħ

Il-programm kien jinkludi ukoll taħriġ ma' diversi '*lobbyist groups*' fosthom dawk li qed jippruvaw iwasslu l-messaġġ tagħhom fuq xi kawża speċifika u anke dawk li jirrappreżentaw il-gruppi etniċi. Ma' dawn iddiskutejt l-istrateġiji li huma jużaw mal-politiċi sabiex is-suġġerimenti tagħhom isiru leġiżlazzjoni.

Apparti mil-laqgħat formali għamilt xi ftit ġranet ma familja Amerikana fejn esperjenzajt il-ħajja u ir-rutina tal-familji Amerikani, il-ħsibijiet u x-xewqat tagħhom għal pajjiżhom. Żjarat fid-diversi istituzzjonijiet, universitajiet u skejjel ma naqsux fejn iltqajt ma' studenti ta' etajiet differenti u tkellimt fuq Malta kif ukoll iddiskutejt magħhom għaliex hemm bżonn ikunu persuni attivi fis-soċjetà u anke kif jaraw min-naħa tagħhom lir-rwol tal-iStati Uniti fid-dinja. F'din l-esperjenza servejt ukoll bħala voluntier fit-tqassim tal-ikel għan-nies fil-bżonn u anke ma' żgħażagħ li kellhom xi problema fit-tfulija tagħhom.

Fost l-istati li mort kien hemm New York, Washington D.C., Virginia, Reno ġewwa Nevada, Huston ġewwa Texas u Jacksonville u Miami ġewwa Florida. Il-fatt li jkollok l-opportunità li tmur ġewwa dawn id-diversi Stati tkun tista' tesperjenza id-diversità Amerikana u tapprezza l-fatt li din d-diversità hija parti essenzjali ta' dak li jagħmel dan il-pajjiż b'saħħtu u magħqud.

Fost l-alumni prestiġjużi tal-IVLP hemm aktar minn 1,500 ministri tal-kabinett u 200 kapijiet preċedenti u attwali tal-Istat. Dawn jinkludu l-Presidenti Nicolas Sarkozy ta' Franza, Ħamid Karzai tal-Afganistan, il-Prim Ministri Gordon Brown, Tony Blair u Margaret Thatcher tar-Renju Unit, Mario Monti u Romano Prodi tal-Italja, Indira Gandhi tal-Indja u Julia Gillard tal-Awstralja. Minn Malta attendew Ugo Mifsud Bonnici, Guido De Marco, Eddie Fenech Adami, Dom Mintoff, Lawrence Gonzi u Joseph Muscat.

Ċertament kienet esperjenza intensiva u li tgħallimt ħafna minnha u li dak li tgħallimt ser inkun qed nużah għal pajjiżna kif ukoll għal Għawdex tagħna.

# Ġieħ Għawdex 2013

Bħalma sar f'dawn l-aħħar snin, iċ-*Circolo Gozitano*, din is-sena wkoll żamm iċ-Ċerimonja tal-għoti tal-unur "Ġieħ Għawdex" lil xi Għawdxin li għollew l-isem ta' Għawdex u li ħidmiethom swiet ta' sliem u ġid f'xi qasam jew ieħor tas-soċjetà Maltija jew Għawdxija.

Din is-sena dan l-unur ingħata lis-sur Anton F. Attard, lil Onor. Giovanna Debono, lis-sur Anton Farrugia u lis-sur Alvin Scicluna.

Fl-assenza tal-E.T. il-President ta' Malta, il-preżentazzjoni, f'Palazzo Palina, Ta' Ċenċ, saret mill-President taċ-*Circolo Gozitano*, is-sur Frank Masini fil-preżenza tal-Ministru għal Għawdex, Anton Refalo, l-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni, Simon Busutil u l-Membri Parlamentari Għawdxin.

Anton F. Attard twieled u joqgħod ir-Rabat Għawdex. Ex-Għalliem u Ex Direttur fiċ-Ċivil. Riċerkatur, kittieb, u kien u għadu jieħu sehem f'*features* fuq it-televiżjoni. Huwa wkoll kittieb regolari fuq il-ġurnali lokali. Huwa wkoll poeta. Anton ippublika diversi kotba, sewwa tal-poeżiji kif ukoll fuq il-folklor.

L-Onor Giovanna Debono twieldet u toqgħod in-Nadur Għawdex. Ex-għalliema u ilha fil-politika għal dawn l-aħħar 26 sena. Hija serviet bħala Membru Parlamentari, Segretarju Parlamentari, u f'dawn l-aħħar snin bħala Ministru għal Għawdex. Giovanna fil-Parlament ħadmet ma' erba' Prim Ministri.

Anton Farrugia twieled iż-Żebbuġ Għawdex u joqgħod ir-Rabat Għawdex. Ex-għalliem ta' diversi suġġetti, kien l-ewwel wieħed li daħħal it-tagħlim tal-*Chemistry* fl-iskejjel Għawdxin, u fundatur ta' entitajiet fosthom *Aurora Folk Group*, il-Librerija tal-Katidral t'Għawdex, – librerija li llum mgħammra b'aktar minn 150 elf ktieb. Għalkemm Anton daħal fl-età ta' 88 sena, għadu kuljum jagħti l-kontribut tiegħu lis-soċjetà Għawdxija.

Alvin Scicluna twieled u joqgħod ir-Rabat Għawdex. Ex-għalliem, ilu għal dawn l-aħħar snin impenjat professjonalment fil-kamp tax-xandir nazzjonali u anke għamel diversi *features* barra minn xtutna. Alvin, f'dawn l-aħħar snin kellu u għad għandu programm partikolari fuq Għawdex. Kien ko-fundatur ta' għaqda sportiva u għamel żmien Viċi-President taċ-*Circolo Gozitano*. Preżentament Alvin huwa Direttur tal-kumpanija li waqqaf hu stess, *CVC Media*.












# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(Is-66 Parti )*

## *IL-ĦABSIJIET TA' GĦAWDEX U XOGĦOL IL-KALZRIERA U L-GWARDJANA*



**Anton F. Attard**

Fil-Belt il-qadima ta' Għawdex, illum magħrufa wkoll bħala ċ-Ċittadella, li minn żmien l-Ordni ssejħet ukoll Kastell jew Gran Kastell, u li popolarment innies jafuha wkoll bħala "il-Belt" jew "is-Sur", minn dejjem kien hemm xi xorta ta' ħabs. Fi żmien il-Medjuevu f'nofs din il-Belt kien hemm bini amministrattiv iffortifikat, imsejjaħ *Castrum terre Gaudisii,* il-kastell tal-Belt ta' Għawdex. Dan il-*Castrum* ma kienx il-belt kollha, bħalma l-kelma saret tfisser fi żmien il-Kavalieri, imma kien biss dak it-torri, id-dar tal-Kastellan fejn kien hemm ukoll l-uffiċċju tas-*Secreto*, il-Qorti tal-Kastellan u l-ħabs. Dan aktarx kien jinsab fejn illum hemm id-Dar Normanna, u li bħalissa qiegħda sservi ta' Mużew tal-Folklor.[1]

Fil-Medjuevu kien jiġri ta' spiss li Għawdex kienu jinqdew bih bħala gżira tal-eżilju. Ħafna nies importanti Sqallin, li kien ikollhom xi jgħidu mal-mexxejja tagħhom, kienu jiġu eżiljati hawnhekk. Għalhekk ħafna kunjomijiet ta' nies nobbli u kbarat oħra l-ewwel kienu jitfaċċaw f'Għawdex, imbagħad igħaddu għal Malta. Wieħed minn dawn l-eżiljati, li kien jinsab Għawdex fis-seklu 12, kien kiteb poeżija bil-Grieg. Din il-poeżija li kien fiha riferenzi għall-qagħda tiegħu f'Għawdex, issemmi wkoll il-ħabs li kien hemm fil-*Castrum.* Nikkwotaw issa minn din il-poeżija kif ġiet maqluba għall-Ingliż bit-titlu ta' *Tristia Ex Melitogaudo.*[2] Il-kwotazzjoni rilevanti hija din:

***"If ever perhaps one transmitted accurately in writing***
***[for the performance at] the theatre up in the mountain, the horrible situation***
***through the depravation of sandals, garments,***
***- and may cold reach them when they shed them -***
***red fleas[3], wild lice,***
***having a tail a span long***
***the selfsame ones which the races of the West breed***
***a host of bugs and indeed of certain parasites***
***which a tower itself breeds up from the deep,***
***biting the flesh....".[4]***

Din id-deskrizzjoni turina li l-ħabs fejn kien alluġġat dan l-eżiljat kien fit-torri, li kellu fih il-ħabs taħt l-art u xi bir fond fejn jintrema l-ħmieġ, l-istess bħalma kien hemm fil-Kastell Sant'Anġlu u bħalma għandu l-ħabs il-qadim li għad hemm fejn il-bini tal-Qorti. Jidher li dan il-ħabs kien infestat bl-insetti bħala parti mill-kastig għall-eżiljat li kien obbligat jinġabar fih għal bil-lejl.

Il-qorti tal-kastellan fl-antik kienet tissejjaħ il-klistanija *(castellenia)*, u l-ħabs tagħha, il-ħabs tal-klistanija, ħabs li kien jikkonsisti f'guvi jew fosos taħt l-art, fejn il-priġunier kien jintefa' bla ebda tama li jista' jaħrab minn hemm

### Il-Ħabs Medjevali

Il-ħabs medjevali ta' Għawdex li baqa' jeżisti sal-ewwel snin ta' żmien il-Kavalieri kien wieħed ferm differenti minn dawk il-ħabsijiet li għadna nistgħu naraw illum. Prominenti kien hemm erba' livelli ta' sigurtà u għeluq. L-aktar waħxija kienet id-detenzjoni f'żewġ jew tliet **guvi** jew **ċelel taħt l-art**. Dawn kienu: il-*Covea* jew *fovea maioris*[5], il-*covea parva,* u possibbilment it-tielet waħda deskritta bħal *in deteriori covea insulae Gaudisii*[6], għalkemm din tista' tkun l-agħarr waħda mill-guvi msemmija.

It-tieni livell kien il-ħabs tad-dar tal-għassa fil-Kastell, *in carceribus Gaudisii.*

Wara dawn kien hemm it-tielet livell – ir-restrizzjoni li wieħed irid joqgħod fl-inħawi tal-belt b'ordni li ma jistax iħalli d-dawra tas-swar tal-Belt.

Ir-raba' livell kien dak tal-eżilju f'Għawdex, jiġifieri joqgħod jiġġerra f'Għawdex ma jagħmel xejn, kastig fih innifsu, *standum* jew *manendum in insula Gaudisii,* inkella *exilium in insula Gaulitana.*[7]

Dwar it-tieni livell għandna dan il-każ: Fl-1583 Fra

Domenico Albertini kien spiċċa l-ħabs għal tliet xhur fit-torri (fuq imsejjaħ "id-dar tal-għassa'), talli kien ta daqqa ta' debbus lil wieħed suldat f'Għawdex.[8]

Il-ħabs fil-guva ta' taħt l-art f'Għawdex jissemma l-ewwel darba erba' snin wara li ġew il-Kavalieri. Fl-1534 Fra Giovanni Ortis ġab ruħu vjolentement fil-Berġa tiegħu u Fra Filiberto Lobes (Lopez) fiera Kavalier ieħor fi drieghu b'ħafna tixrid ta' demm, il-Kunsill ta' l-Ordni bagħat lit-tnejn li huma fil-ħabs jew fil-guva ta' taħt l-art f'Għawdex *in covea seu carceribus Gaudisii.*[9]

Persunaġġ prominenti li ntefa' fil-guva ta' Għawdex kien La Valette meta kien għadu Kavalier. Fl-1538 il-Kunsill tal-Ordni tilef sabru bl-imġiba vjolenti *cum maximo scandalo* tal-Kavalier Fra La Valette kontra bniedem u kkundannah biex igħaddi 4 xhur fil-guva f'Għawdex u wara, sentejn eżiljat fil-Kastell ta' Tripli.[10]

M'hemm ebda dubju li l-guvi bħala ħabs kienu jinsabu fil-Belt jew Ċittadella ta' Għawdex li fil-Medjuevu kienet tissejjaħ *terra.* Fl-1542 il-Kunsill tal-Ordni sab lil Fra Bartolomeo Vasco ħati li ta daqqa ta' ħarta lill-Imħallef Ortensio Spatafora fil-Birgu u weħel xahrejn ħabs fil-guva ta' Għawdex, *in covea parva que est in terra Gaudisii,* fil-guva ż-żgħira li hija fil-Belt ta' Għawdex.[11]

Li l-guvi kienu taħt l-art jista' jiġi ppruvat għax ġieli jissejħu fossa. Fra Francesco Barrile fl-1559 ammetta li kien ħati ta' adulterju mal-mara ta' Battista de Turino. Weħel sena ħabs fil-*fossa* u sena oħra fil-Kastell ta' Għawdex.[12] Fra Giacomo Filippo Meneghini li fl-1549 stupra tfajla u qabad lill-qaddej tiegħu biex jisfigura l-wiċċ ta' mara oħra, weħel tliet snin fil-*fossa* ta' Għawdex.[13]

L-aħħar kavalier li ntbagħat fil-guva ta' Għawdex kien Fra Jean de Plessiasse.[14]

Hawn ta' min jenfasizza li l-guvi ma kinux jinstabu fejn hemm il-Ħabs il-Qadim illum, imma aktarx fl-inħawi tad-Dar Normanna fejn kien hemm it-Torri jew *Castrum,* bini ffortifikat, iċ-Ċentru Amministrattiv ta' żmien il-Medjuevu.



*Il-Ħabs il-Qadim ta' Għawdex b'sitt ċelel.*

Fis-26 ta' Ottubru, 1548, il-Kunsill tal-Ordni ddeċieda li jibni ħabs suret in-nies f'Għawdex f'post li jixraq, *edificetur et costruatur carcer et locus ad hoc optus et idoneus.* M'hemmx dubju li dan il-ħabs kien inbena u tlesta kif ippjanat għax kif ighidilna Bosio fl-istorja tiegħu aktar tard dik is-sena kienet qamet sedizzjoni kbira bejn il-Kavalieri Franċiżi u dawk Spanjoli, meta l-Kavalieri vvolontarjaw bil-ħerqa biex joqtlu kull suldat Spanjol li kien sfidahom. "Għalhekk", igħidilna l-istorjografu, "kien meħtieġ li l-biċċa l-kbira tagħhom jintbagħtu fil-guvi u fil-ħabs li kien għadu kif inbena f'Għawdex fejn damu magħluqa għal żmien twil, isofru u jitherrew."[15]

Dan il-bini għadu jeżisti sal-lum u għadu magħruf bħala "Il-Ħabs il-Qadim".

## Il-Ħabs il-Qadim

Il-ħabs il-qadim li nafu bih illum jinsab fi Triq il-Kwartier, fiċ-Ċittadella. Dan nafu li nbena fl-1548, qabel l-Assedju ta' Għawdex. Meta nbena l-palazz tal-Qorti ta' Għawdex, jingħad li fil-bidu dan il-ħabs kien jinfed mal-Qorti biex malli l-ħati jiġi kkundannat għall-ħabs kienu jinżlu jiġru bih il-ħabs bla ma jkollhom għalfejn joħorġu bih barra fit-triq. Imma l-bini tal-Qorti ta' Għawdex nafu li l-aħħar li nbena kien tlesta fl-1687, aktar minn 100 sena wara.

*(jissokta)*

A Whole New Look
**Sharmain's Styling Salon**
Our Lady of Victory
Crt/1
Triq ta' Kassia
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

**ĦALLI F'IDEJN MIN JIFHEM!**

*Ħamsa u għoxrin sena esperjenza fit-tiswija ta' bjut li joqtru jew li jimmoffaw bl-ilma tax-xita...*
**GREZZJU BONELLO**
*lest li jiġi jagħtik parir u stima b'xejn!*
Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

# Ministru għal Għawdex – "Hekk Alla Jgħinni!"



**Anton Tabone**
*anton.tabone@onvol.net*

Mhux darba u tnejn niġi mistoqsi kif u meta sirt Ministru tal-Gvern. Qabel xejn il-ħatra ta' Ministru hija prerogattiva assoluta tal-Prim Ministru magħżul mill-President tar-Repubblika biex jifforma Kabinett u Gvern wara r-riżultat ta' elezzjoni ġenerali. Ħadt il-ġurament ta' Ministru f'Mejju 1987 u spiċċajt minn Ministru meta nbidel il-Gvern wara l-elezzjoni tal-1996, meta rġajt mort fuq il-bankijiet tal-Oppożizzjoni. Jiġifieri għamilt mad-disa' snin u nofs f'dak l-inkarigu u li issa ilni nieqes mas-17-il sena. Kont ittantajt nagħti speċi ta' risposta f'rakkont li deher fi ktieb u li ma kellu x'jaqsam xejn mas-serje t'artikoli tiegħi fil-'Il-Ħajja f'Għawdex'; imma li bħala rakkont baqa' validu u rilevanti għax jesprimi dak li ġara u li ma jinbidilx minkejja l-annati li jgerrbu fuq il-ħajja tal-bniedem. Se nislet għalhekk partijiet mir-rakkont msemmi biex inwasslu fuq din ir-rivista, u b'hekk inkun qed inwieġeb il-mistoqsija msemmija hawn fuq.

Mill-Oppożizzjoni, wara li l-PN tilef l-elezzjoni ġenerali li saret f'Ġunju 1971, kien ġie deċiż li jitwaqqaf dak li bl-Ingliż jissejjaħ '*shadow cabinet*'. Sistema użata fil-'*House of Commons*' imma li kienet idea pjuttost ġdida għalina hawn Malta sa dik l-epoka. Saret elezzjoni fi ħdan il-grupp parlamentari u min ġie elett ġie assenjat lilu inkarigu li jobbligah isegwi l-operat tal-Ministru tal-Gvern bl-istess portafol li jkun ġie nominat bih fix-'*shadow cabinet*'. Ġejt elett biex nifforma parti minn dan il-grupp ristrett u nominat biex insegwi lill-Ministru inkarigat mill-qasam tal-Agrikoltura u Sajd.



Madankollu dan l-arranġament ma damx ma nbidel, minħabba l-fatt li ftit ta' zmien wara, f'Diċembru 1973, il-Gvern Laburista kien abolixxa lill-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex li kien l-uniku kunsill elett fil-pajjiż dak iż-żmien u li kien imwaqqaf fis-sena 1961. Jien ilħaqt servejt ta' membru tal-kunsill bħala rappreżentant tal-Fontana. L-Oppożizzjoni Nazzjonalista rraġunat li bit-tneħħija tal-Kunsill Ċiviku nħoloq vakwum fil-pajjiż fir-rigward ta' ħwejjeġ Għawdex, u allura bħala reazzjoni għall-azzjoni tal-Gvern, iddeċidiet timla dan il-vojt billi toħloq post fi ħdan ix-'*shadow cabinet*' u tassenjah għall-affarijiet t'Għawdex, anki jekk f'dik il-Leġiżlatura ma kienx jeżisti membru tal-Kabinett Laburista b' dak il-portafol speċifiku. Għalhekk infetħet tieqa potenzjali li xi darba fi żmien, Għawdex ikollu Ministru tiegħu u għalih. F'dawk iċ-ċirkostanzi l-Grupp ħatarni '*shadow minister*' għal Affarijiet ta' Għawdex, u ħelisni mill-inkarigu preċedenti. Għaldaqstant fil-perijodu bejn is-sena 1974 sal-1987 għamiltha ta' portavuċi fil-Parlament fuq kull ma jolqot lil Għawdex fid-disinn politiku tal-Gvern tal-ġurnata, u sintendi dan ridt nagħmlu minn fuq il-bankijiet tal-Oppożizzjoni.

Sa meta waslet l-elezzjoni tant mistennija tal-1987 meta il-PN, din id-darba mill-Gvern li rebaħ, kien determinat li jibda japplika l-politika li emmen li kienet fl-aħjar interess tal-pajjiż, wara li kien ħejja ruħu għal dan fi żmien twil li kien għamel fl-Oppożizzjoni. Il-Gvern ried li l-pajjiż jgħaddi għan-normalità fl-iqsar żmien possibbli. L-għada tar-riżultat elettorali, filgħaxija pjuttost tard, waqt li kont man-nies id-dar, irċevejt telefonata biex nattendi għall-laqgħa urġenti f'Kastilja u ġejt infurmat li kien hemm ħelikopter tal-militar jistennini fuq il-pad tal-isptar. Dak iż-żmien ma kienx hawn ħeliport f'Għawdex. Irkipt u tlaqt waħdi, ħlief li ġarrejt f'moħħi ħafna ħsibijiet u mistoqsijiet. F'Kastilja kien hemm grupp ta' nies li bħali kienu ġew msejħa biex jingħataw l-inkarigu il-ġdid: x'uħud bħala Ministri u oħrajn bħal Segretarji Parlamentari. Wara diskussjoni li ħadet il-ħin tagħha, kull wieħed minna kien assenjat lilu l-inkarigu ministerjali u ntlabna mmorru lkoll lejn il-Palazz ta' Sant'Anton biex nieħdu il-ġurament mill-Aġent President, Pawlu Xuereb. Il-ħin kien qrib nofsillejl. U hekk bdiet ħajja ġdida mimlija sfidi għal kull wieħed minna. Hekk Alla jgħinna!

Mill-Palazz ta' Sant'Anton ħaduni fil-mitjar fejn kien qiegħed jistenna l-ħelikopter biex jeħduni lura lejn Għawdex. Kont sejjer lura bħala Ministru, anzi bħala l-ewwel Ministru għal Għawdex. Nistqarr li f'dak il-mument ta' ħajti waqt dik it-titjira lura ħassejt it-toqol tad-doveri ġodda jaqgħu kollha fuqi waħdi. Ħassejtni iżolat u tlabt għal kuraġġ. X'ħin wasalna fuq Għawdex kelli seba' mitt sena biex nidħol id-dar u ningħaqad mal-familja. Sa dak il-ħin kienu saru s-sagħtejn ta' filgħodu. F'ħin bla waqt il-bdot tal-ħelikopter nfurmani li minħabba iċ-ċpar qawwi li kien qed jaħkem l-inħawi, kien se jkun diffiċli ħafna biex jinżel fuq il-pad tal-isptar. Tlabtu jipprova jinżel fil-Qortin in-Nadur fejn hemm stazzjonati l-AFM f'Għawdex. Qalli li se jipprova iżda jekk ifalli kien ikollu jerġa lura lejn Malta minn fejn konna tlaqna. Dak il-ħin, kieku stajt kont nordnalu jiftaħ il-bieb, jitbaxxa kemm jista' jkun, sabiex naqbeż minnu!

Fortunatament bil-ħila tal-bdot, il-ħelikopter niżel fil-Qortin minkejja l-kondizzjonijiet mċajprin. Irringrazzjajt lill-membri tal-ekwipaġġ u dħalt f'jeep tal-militar biex twassalni sa dari r-Rabat. Waqt il-vjaġġ skoprejt li dik il-vettura kienet għamlet żmienha tant li x'ħin konna telgħin fit-triq tal-Għonq fil-periferija tar-Rabat, il-jeep waqfet. Ma kienx fadalli wisq distanza għad-dar u kont nieżel mill-vettura biex nimxiha, iżda dak il-ħin is-suldati li kienu miegħi, irnexxielhom iqabbdu l-magna u komplejna fi triqitna lejn Pjazza San Franġisk fejn noqgħod. Irringrazzjajt lis-suldati Għawdxin wara dan il-vjaġġ avventuruż u x'aktarx riskjuż iżjed mit-titjira bl-inżul fl-art fiċ-ċpar b'kollox!

Dak il-ħin ħlift ġo qalbi li mal-ewwel okkażjoni li tiġini niltob lill-AFM jakkwistaw vetturi għal Għawdex f'kondizzjoni aħjar. Ma stajtx naħrab is-suspett li daħalli f'moħħi u ċioè li sa dak iż-żmien, għal Għawdex kollox kien jgħaddi u t-tendenza kienet li dak mixtri ġdid jinżamm Malta u s-sekonda jintbagħat Għawdex. Mhux biss fl-AFM, imma fid-dipartimenti tal-gvern ukoll. X'aktarx bħala Ministru novell dik l-okkażjoni ta' dak il-lejl laqqgħatni wiċċ imb wiċċ ma' esperjenza karatteristika ta' dik l-epoka, imma li nistqarr b'sodisfazzjon li dak il-wirt ma baqax jintiret, almenu sakemm domt responsabbli. U nixtieq naħseb li hekk baqa' jiġri.

Il-Ministeru għal Għawdex kien xi ħaġa ġdida fjamanta u ma kienu jeżistu l-ebda strutturi amministrattivi biex il-Ministeru jibda jiffunzjona minnufih. Ngħid biss li lanqas kelli fejn ndaħħal rasi kieku mhux għax għamluli wisa' l-impjegati fis-Segretarjat fi Triq ir-Repubblika. Sakemm b'impenn kbir ġiċ rranġat bħala Ministeru l-bini li kien iservi qabel ta' sptar tal-gvern fi Pjazza San Franġisk. Madankollu, ħarsa ħafifa lejn ir-rapport tal-Ewwel Sena ta' Ħidma jurik b'liema ħeġġa, ħeffa u reqqa saru x-xogħlijiet meħtieġa għall-bini infrastrutturali tal-ministeru u l-ħidma sfiqa li bdiet minnufih titwettaq minn ġo fih.

Il-'*Mission Statement*' tal-Gvern il-ġdid fir-rigward ta' Għawdex kien dan li ġej – "Jinħatar Ministru għal Għawdex bir-responsabbiltà li jikkoordina l-ħidmiet tad-diversi ministeri u jieħu inizjattivi speċifiċi għall-ġid tal-gżira." Il-programm elettorali kien jipproponi stqarrija importanti oħra u ċioè li l-ħidma tal-Ministeru kellha l-għan biex " fl-iqsar żmien possibbli titneħħa kull differenza li teżisti fil-livell ta' żvilupp bejn Malta u Għawdex." Nittama li qdejt dmiri.







# L-għasfur ta' Għawdex

*(Dan huwa t-tielet artiklu minn sensiela ta' kurżitajiet dwar xi speċi ta' flora u fawna li għandhom x'jaqsmu ma' Għawdex u l-istorja tiegħu).*

*kitba u ritratti ta'*
**Joe Sultana**



Madwar 280 sena ilu, Għawdxi ta' etá żgħira beda jistudja l-Latin, it-Taljan u l-Franċiż. Meta kellu sbatax-il sena kien diġà laħaq kanonku. Kompla jistudja l-filosofija u t-teoloġija fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti f'Malta, u wara anke ggradwa fil-liġi fl-Università ta' Padova, fl-Italja. Lanqas titwemmen. Fil-bidu tas-seklu tmintax, minn qiegħ din il-gżira tagħna, jinħoloq studjuż Għawdxi ta' fama kbira. Ippubblika diverżi kotba u kiteb numru ta' manuskritti li kienu u għadhom importanti ħafna fl-istorja u l-letteratura ta' pajjiżna. Għawdex għandu għax jiftaħar bih. Dan ma kien ħadd ħlief Giovanni Pietro Francesco Agius de Soldanis (1712 –1770).



*Gian Piet Agius de Soldanis*

F'manuskritt bit-titlu *Il Gozo Antico-Moderno e Sacro-Profano Isola Mediterreanea adiacente a Malta Africana*, miktub fis-sena 1746, u li waħda mill-kopji tiegħu tinstab fl-Arkivji Nazzjonali ta' Għawdex, Agius de Soldanis isemmi xi għerien: ta' spanjol, ta' martin, tal-fakma, tal-ħajt, tal-arpa, tal-ikbiex, ta' ħamiem u għar ilma. Dawn l-għerien jinstabu fin-nofsinhar ta' Għawdex taħt is-sisien għoljin taċ-Ċnus, Ta' Ċenċ, ta' Ras il-Ħajt, u tal-Qortin il-Kbir. Kiteb li f'dawn l-għerien ibejtu ċerti għasafar żgħar tal-baħar li joqgħodu fi xquq matul il-jum, u joħorġu jittajru billejl fuq il-baħar ifittxu l-ikel. Numru ta' sajjieda qalulu li fl-ebda għar ieħor f'Għawdex u f'Malta ma jinstabu jbejtu dawn l-għasafar. Agius de Soldanis iddeskriva dawn l-għasafar u kiteb li kien fihom daqs Malvizz, b'munqar iswed qisu tal-ħamiem, b'għajnejn qegħdin 'l fuq fir-ras, u bi swaba magħqudin b'rita bħal tal-papri.



*Is-Sisien f'Ta' Ċenċ.*

Agius de Soldanis isemmi li f'dak iż-żmien kien ġie Għawdex kavallier Franċiż (Etienne François Turgot) biex jiġbor speċi rari ta' pjanti u għasafar. Ġabar tmienja minn dawn l-għasafar. La Agius de Soldanis, la Turgot, u lanqas is-sajjieda li kienu infurmawh bihom, ma kienu jafu x'inhuma jew x'jisimhom. Fil-fatt, f'manuskritt ieħor bit-titlu ta' "*DAMMA tal-Kliem Kartaġiniż mscerred fel Fom tal-Maltin u Għauċin*", dizzjunarju li jinsab fil-biblijoteka nazzjonali ta' Malta, Agius de Soldanis kiteb li ma kienx hemm isem għal dan l-għasfur fil-lingwa Maltija, u niżżlu bl-isem "**Għasfur ta' Għawdex**". Agius de Soldanis, li kien


DAMMA

Tal Kliem Kartaginis

mscerred fel Fom tal Maltin u Ghaucin

magħmula

Mel Kanoniku Gianfrangisku Agius u Ghauci u Sultana

Colligite quae superaverunt fragmenta, ne pereant.

Joan. c. VI.

*L-ewwel faċċata tad-Damma ta' Agius de Soldanis*

fittex fil-kotba ta' Pliny the Elder (awtur, filosofu u naturalista Ruman), sab deskrizzjoni li kienet ftit jew wisq tixbah lil dan l-għasfur, u kiteb li l-"**Għasfur ta' Għawdex**" setgħa kien *Folica* li l-Franċiżi kienu jsejħulu *Foulque*. *Folque* bil-Malti hija Tiġiega tal-Baħar - bl-Ingliż *Common Coot* u xjentifikament *Fulica atra*). Minħabba f'hekk, fid-dizzjunarju (*Maltese English Dictionary*) ta' Ġużé Aquilina (1911-1997), awtur, lingwista u lessikografu Għawdxi magħruf, insibu "**Għasfur ta' Għawdex**" imniżżel bħala "Coot" *Fulica atra*. Imma l-"Għasfur ta' Għawdex" ta' Agius de Soldanis mhuwiex it-Tiġieġa tal-Baħar, li tbejjet fl-għadajjar tal-ilma ħelu jew kemxejn salmastru.

Mid-deskrizzjoni li jagħti Agius De Soldanis fil-manuskritt dwar Għawdex wieħed jista' jikkonkludi li l-"**Għasfur ta' Għawdex**" huwa l-**Kanġu ta' Filfla**, li sa ftit snin ilu kien magħruf, li fil-Gżejjer Maltin kien ibejjet biss fuq Filfla. Fl-1994 saret tfittxija bir-reqqa fl-għerien ta' taħt is-sisien tan-nofsinhar ta' Għawdex. F'wieħed mill-għerien li Agius de Soldanis semma u kiteb li jbejjet l-"**Għasfur ta' Għawdex**", instabet kolonja żgħira tal-**Kanġu ta' Filfla**. Il-Kanġu huwa ftit akbar minn għasfur tal-bejt, iżda bi ġwienaħ twal ħafna, għax iqatta' l-biċċa l-kbira ta' ħajtu jittajjar fuq il-baħar. Għandu titjira tixbah lil dik ta' farfett il-lejl. Kollu kemm hu iswed minbarra dabra bajda li għandu fuq ir-riħ ta' denbu. Saqajh suwed, bis-swaba' magħqudin b'rita bħal tal-papri, kemxejn dgħajfa u fuq l-art ma jimxix tajjeb fuqhom. Munqaru wkoll iswed, b'imnifsejh fuq barra forma ta' tubu żgħir. Fuq Filfla hemm waħda mill-akbar kolonji fil-Mediterran iżda f'Għawdex s'issa nafu li jbejjet biss f'kolonja żgħira ta' madwar 25 par f'wieħed mill-għerien li jsemmi Agius de Soldanis.

Kotba, rivisti u manuskritti li qdewni:


**Aquilina, J.** *Maltese English Dictionary.* Vol 2 M-Z and Addenda. Midsea Books Ltd, Malta.

**Agius de Soldanis, G.P.** *Il Gozo Antico-Moderno e Sacro-Profano Isola Meditereanea adiacente a Malta Africana.* National Archives Gozo Misc. ZM/01,001.

**Agius de Soldanis, G.P.** *DAMMA tal-Kliem Kartaġiniż mscerred fel Fom tal-Maltin u Għaucin.* National Library MS 143/i-iv.

**Borg, J.J. u Sultana, J. 1992-94.** Storm Petrel *Hydrobates pelagicus* found breeding at ta' Ċenċ, Gozo. *Il-Merill* 28: 24-24.

**Sultana, J. 2001.** *L-Għasafar ta' Malta.* PIN.

**Sultana, J.** *Sannat, de Soldanis u l-G*ħasfur ta' Għawdex. Soċjetà Mużikali Santa Margerita V.M. Festa 2013: 41-43.

**Sultana, J., Borg., J.J., Gauci, C. U Falzon, V. 2011.** *The Breeding Birds of Malta.* BirdLife Malta/BDL.

**Vella, G. u Vella, O. (Edituri) 2012.** *De Soldanis an eighteenth century intellectual.* Heritage Malta/ Ministry for Gozo.




*Ferħ ta' Kanġu ta' Filfla ta' ġimgħatejn*



*Kanġu ta' Filfla adult*



*Ritratt ta' Kanġu f'għar f'Ta' Ċenc meta nstab fl-1994 li għadu jbejjet hemm.*




# 'The Granny Project'

## *L-aħħar produzzjoni tal-Klabb Kreattiv Għawdxi*

B'kollaborazzjoni mal-Uffiċju tal-Kultura u Informazzjoni fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, il-klabb teatrali Għawdxi tella' kummiedja satirika miktuba mill-awtriċi ta' fama kbira, Anne Fine.

Din l-istorja tittratta dwar is-sitwazzjonijiet emozzjonali ta' dawk imdaħħla fiż-żmien u tippreżenta l-istampa ta' kif familja partikulari tieħu ħsieb lin-nanna. Ivan, Sophie, Tanya u Nicholas huma determinati li jagħmlu intopp sabiex il-ġenituri ma jkomplux sejrin bil-pjanijiet tagħhom li jpoġġu n-nanna ġo dar tal-anzjani. Iżda s-sitwazzjoni ssir diffiċli meta Natasha u Henry jiftehmu man-nanna li biex il-pjan tat-tfal jiġi mwettaq, it-tindif, ħasil u ħafna xogħol ieħor irid jibda jsir mit-tfal stess. It-tfal jippruvaw iżommu dan il-kompromess iżda sabuha diffiċli ħafna.

Din id-drama li tappella għall-familja kollha ħadu sehem fiha: George Camilleri bħala Henry Harris, Mariella Cassar bħala Natasha Harris, Jamie Camilleri bħala t-tabib, Andre Cassar bħala Ivan, Laura Galea bħala Sophie, Clara Sciberras bħala Tanya u Joseph Mario Grech bħala Nicholas. Din il-produzzjoni kienet f'idejn id-direzzjoni ta' George Mizzi, id-direttur artistiku tal-*Klabb Kreattiv Teatrali Għawdxi.*

*The Granny Project* saret fis-sala ta' San Ġwann, iċ-Ċentru tal-Kultura u l-Arti, iċ-Ċittadella Rabat Ghawdex nhar il-Ġimgħa 29 u s-Sibt 30 ta' Novembru. Id-dħul kien b'xejn u din id-darba tal-ewwel ġew l-ewwel!








Magie de Beautè

☆ Facials ☆ Makeup ☆ Manicure ☆ Pedicure ☆
☆ Nail Extensions ☆ Electrolysis ☆ Waxing ☆
☆ Relaxing & Sport Massages ☆ Body Treatments ☆

**Irina Xerri**
*Beauty Therapist*
C.I.B.T.A.C. C.I.D.E.S.C.O.

Zewwieqa Road, Qala, Gozo • Tel: 2155 7771 • Mob: 9924 9568

# Is-Siġġu Vojt tan-Nannu*

George N. Cassar

Martina marret għand il-Kappillan, Dun Salv, u talbitu jagħti titwila lil nannuha. Wara l-operazzjoni li kien għamel f'dahru, baqa' kemxejn mgħaxxex u ma rifes qatt mill-għatba 'l barra. Dakinhar stess Dun Salv mar għandu. Isibu mimdud, b'żewġ imħaded wara dahru, u b'siġġu vojt maġenb is-sodda.

"Bonġu, Nann, ikolli ngħid kont qed tistennieni," beda biex qallu l-kappillan. "Ara, xbin, diġà lestejtli s-siġġu maġenbek."

"Qed issemmi s-siġġu," qatagħlu kliemu x-xwejjaħ. "Jimporta, kappillan, tagħlaq daqsxejn il-bieb?"

Dun Salv mill-ewwel ħaseb li Ġanni xtaq iqerr.

"Kappillan, dan li ser ngħidlek jibqa' bejnietna," qallu Ġanni. "L-anqas in-neputija ma taf. Forsi ħa titkaża bija b'li sa ngħidlek , imma jiena ċert li int m'intix ħa tmur tpaċpaċ. Jiena l-fidi f'Alla ma tliftha qatt, u l-quddiesa tal-Ħadd, kull meta stajt, sa fejn naf jien, dejjem kont immur nismagħha, imma, emminni, nitlob ma kontx. U taf għaliex? Għax qatt ma tgħallimt. Fi żmieni ġie li smajt xi qassisin jippritkaw fuq it-talb, imma għalija kienu qishom qed jitkellmu bil-Grieg; minn widna jidħol u mill-oħra joħroġ. M'ilux wieħed ħabib tiegħi li għadda għomru u żmienu l-Awstralja, ġie jarani u tani dal-parir. Qalli, Ġann, jekk trid verament titlob, aqbad tkellem ma' Ġesù qisek qed titkellem miegħi. U kompla jgħidli; l-aħjar toqgħod bilqiegħda, tpoġġi siġġu vojt maġenbek; sTħajjel li Ġesù qiegħed ħdejk u oqgħod kellmu kif qed tkellem lili. Dil-biċċa pprovajtha u dawn l-aħħar xhur, dejjem maqful id-dar, bqajt nagħmilha kuljum; nagħmel daqs siegħa nitlob b'dan il-mod. Imma, Kappillan, dejjem bqajt attent biex ma nħallix lil Martina taqbadni nitkellem ma' siġġu. Għandha mnejn taħseb li moħħi bonswa u ma ntihiex tort jekk ifettlilha tibgħatni ta' Frankuni."

Dun Salv ħass ruħu kommoss b'dak li qallu Ġanni, u ħeġġu biex ikompli jitlob b'dal-mod. Imbagħad wara li qalu xi żewġ talbiet flimkien, il-kappillan, billi rah kemxejn magħdur, għamillu l-griżma u ngħabar lura d-dar.

Xi tlitt ijiem wara, Martina reġgħet sabet lill-kappillan u bid-dmugħ f'għajnejha qaltlu li nannuha kien ħalliena.

"Nisttħajjel li miet fil-paċi," qalilha.

"Hekk naħseb jien ukoll," weġbitu. "Lbieraħ, għal xi s-sitta ta' filgħaxija mort nittawwallu bħas-soltu. Sejjaħli ma' ġenbu u qalli kemm tassew iħobbni. Sa għannaqni u biesni fuq ġbini. Meta rġajt lura xi sagħtejn wara, insibu mejjet. Imma," kompliet tirrakkonta Martina, "donni rajt bħal xi ħaġa stramba fil-mewt tan-nannu. Miskin, miet b'rasu mistrieħa fuq is-siġġu li dejjem kellu maġenb is-sodda."

Il-kappillan mesaħ demgħa minn għajnejh, tbissem u qalilha: "Mhux li jien u int immutu bħalu!"

* *Din l-istorja smajtha waqt irtir li kont attendejt għalih xi snin ilu.*



# Mill-Karru għall-Kompjuter

MJX

Il-kompjuter ivvintawh fi żmien il-gwerra u meta kien fil-bidu tiegħu serva għanijiet militari. Kien xi ħames metri għoli u twil xi tnejn u għoxrin metru. Min kien jgħidilhom lil dawk li vvintawh li kellu jiġi żmien meta l-kompjuter jidħol ġo basket żgħir u saħansitra fil-but tal-ġlekk.

**Illum min ma jafx juża l-kompjuter hu meqjus bħala analfabeta, bla futur ta' xogħol. Min ma jafx l-informatika jiġi ostraċizzat mid-dinja tal-komunikazzjoni virtwali u mix-xogħol.**

**Il-kompjuter iġib paradoss fl-imġiba tal-bniedem tal-lum. Minn banda jgħinna nikkomunikaw u min-naħa l-oħra jifridna mill-oħrajn li qegħdin fil-qrib. Idaħħalna f'relazzjoni virtwali. Ngħaddu sigħat nivvjaġġaw, fi vjaġġi simili bħal dawk li nagħmlu bil-karozza: dejjem għaddej imma fil-fatt ma tiltaqa' ma' ħadd. Ikollna mijiet ta' "ħbieb" imma fir-realtà lil dawk ma ssibhomx fil-mument tal-ħtieġa.**

Nibża' minn dawk li jgħidu li wliedhom ma jinkwetawhom xejn. "Lanqas joħorġu; jibqgħu d-dar fuq il-kompjuter. M'għandi xejn minnhom!" Ma ninsewx li anki ż-żgħar għandhom bżonn li jilgħabu ma' sħabhom, li joħolmu li jgħixu b'mod san dak il-mument fil-ħajja fejn ftit jagħmlu għażla bejn verità u fantasija.

**Għall-grazzja t'Alla, hawn ġenituri li jikkontrollaw l-użu tal-mobajl u tal-kompjuter minn uliedhom żgħar. Hekk għandu jkun. Mhux sewwa li t-tfal iduru mal-mejda għall-ikel u ma jikkomunikawx għax kulħadd mehdi fil-*games*, *facebook*, *internet news*... Biex ma nsemmix lil dawk li jidħlu għall-quddiesa fil-knisja u jmorru fin-navata biex jibagħtu l-messaġġi.**

**Alla u t-tfal jixirqilhom aħjar. Dak kollu li jivvinta l-bniedem hu għodda li trid tintuża sewwa!**

# Siġar u Pjanti fil-Bibbja



**Fr Charles Buttigieg**

## Fil-Pjan tas-Salvazzjoni

Alla joħloq il-ħajja tas-siġar u tal-pjanti qabel l-annimali u l bniedem fit-tielet jum. Hu hawnhekk diġà naraw is-sinifikat tat-tielet jum marbut mal-ħajja, it-tielet jum marbut mal-Qawmien ta' Kristu Rxoxt. Is-siġar u l-pjanti mimlijin ħajja bil-kulur aħdar jindikaw il-kulur liturġiku taż-żmien ordinarju tal-Knisja li huwa żmien mimli ħajja u fidi. Il-bniedem maħluq minn Alla kien proprju impoġġi fil-ġnien mimli ħajja u kollu siġar u pjanti tal-ġenna tal-art, fil-ġnien tal-Eden (bl-Ebrajk: *Gan Eden*). L-użu tas-siġar fuq kollox huwa sabiex jipproduċu l-frott u l-injam li għandu diversi użu għall-bniedem kemm biex jibni bih, jagħmel l-għodod u l-għamara u jkebbes in-nar. Il-pjanti fuq kollox jintużaw bħal ħwawar fl-ikel, fil-fwieħa, fil-produzzjoni tal-kuluri u fil-mediċina (ara Eżek 47:12 u Sir 38:4-8). Il-ħajja u l-ħidma agrikola huma parti mill-istorja tal-Bibbja. Hawnhekk insemmu ż-żebbuġ, it-tewm, it-tin, it-tamar, l-issopu, il-kemmun u ż-żejt estratt mill-pjanti u mill-frott. Il-gomma u s-sapun hu magħmul ukoll mis-siġar. Il-mediċina mill-ħxejjex kienet diġà pprattikata fl-Egittu sa 10000 sena Q.K u fid-dinja Griega fit-tempji tal-alla tal-fejqan 'Asklepios'.

Naraw is-siġar marbuta ma' diversi personaġġi bibliċi u mal-laqgħa tagħhom ma' Alla, per eżempju l-arka tas-salvazzjoni ta' Noè kienet magħmula mill-għawwied tal-gomma u tal-qasab. Id-dell tas-siġar mis-sħana u mix-xemx tal-Palestina u l-ħajja tagħhom hija marbuta ma' Alla u mal-preżenza tiegħu (anke għall-Ispirtu s-Santu). Għalhekk is-siġar fiha huma marbuta mas-sagru, il-post qaddis, tal-offerti tas-sagrifiċċju u tal-orakli. Hekk naraw is-siġra tal-Għerf fl-episodju ta' Adam u Eva (ara Ġen 2:17). Insibu l-balluta ta' Morija fejn waqaf Abram, l-istess siġra tissemma f'Imħallfin 9:37 bħala *'Elon-meonenim'*. Abram jiltaqa' mat-tliet persuni misterjużi għad-dell tal-balluta ta' Mamre: "U l-Mulej deher lil Abraham ħdejn il-balluta ta' Mamre; u hu kien fil-bieb tal-għarix fl-aqwa tas-sħana tal-jum" (Ġen 18:1). F'Ġenesi 21:33 naraw lil Abraham jinvoka l-isem ta' Alla meta ħawwel is-siġra ta' tamarisk f'Beer-Sheba. F'Ġenesi 35:8 insibu l-balluta tal-biki f'Bethel imsemmija bħala *'Allon-bacuth'* u ftit qabel naraw lil Ġakobb jidfen l-allat foloz taħt il-balluta f'Sikem. Għandna ukoll is-siġra taqbad bla ma tinħaraq fuq il-Horeb fil-laqgħa ta' Alla ma' Mose, il-manna li kien jibgħat Alla mis-sema (skont xi botanisti kienet: *'Alhagi camelorum'*) f'Num 11:7. Insibu ukoll is-siġra tar-riġnu marbuta ma' Ġona quddiem il-konverżjoni ta' Ninwe, is-siġra tat-tin marbuta mal-konverżjoni ta' Żakkew u l-ġnien taż-Żebbuġ u fuq kollox l-għuda u s-siġra tal-glorja tas-salib ta' Kristu. Tajjeb li ngħidu li s-Sumeri kellhom l-alla tal-veġetazzjoni *'Dumezi'*. Il-pjanta tal-issopu jew zuf (bl-Ebrajk: *ezob* u bl-Għarbi: *zufa*, *'sorgħum vulgare L.'* jew *hyssopus*) hija marbuta mat-traxxix tad-demm fil-Bibbja (Eżodu 12:22, Lev 14:6). Debora kienet tgħallem lil poplu taħt palma kif naraw f'Imħallfin 4:5.

> *"U l-Mulej deher lil Abraham ħdejn il-ballut ta' Mamre; u hu kien fil-bieb tal-għarix fl-aqwa tas-sħana tal-jum"*
> *(Ġenesi 18:1)*

## Fl-Antik Testment

Ta' min jgħid li fil-bibbja nsibu 125 tip ta' pjanti u siġar. Dan meta nqisu li fil-Palestina jesiżtu 2300 speċi ta' pjanti differenti u għalhekk fil-bibbja nsibu biss 5 fil-milja tal-pjanti li jeżistu fil-Palestina. Tajjeb li ngħidu li l-ewwel sitt xhur minn nofs ix-xahar ta' Tishri (bidu Ottubru) sa nofs Nisan kienet issir il-kultivazzjoni tal-prodotti tar-raba' waqt li fis-sitt xhur l-oħra kien isir il-ħsad u l-ġbir tal-frott. Dt 16:21 u Ġos 6:25-30 jitkellmu mill-post qaddis mimli siġar bl-isem ta' Asera. Insibu l-ewwelnett is-siġra tat-tuffieħ (mill-verb Ebrajk *'tappuach'* li jfisser 'tiġġieled għan-nifs' jew 'tonfoħ', ara ukoll Ġen 2:7; Ġob 31:39 u Ġer 15:9). Insibu fuq kollox fl-industrija tal-inbid, id-dielja (vitis vinifera) li hija msemmija ħafna drabi fil-bibbja sa mill-ewwel ktieb tal-Ġenesi 9:20 fl-episodju ta' Noè. F'Ġen 30:14 naraw lil Reuben li sab pjanta narkotika bl-isem 'tuffieħ l-imħabba' jew mandragoli (bl-Għarbi: *tuffah el majanin* jew *'beid el Jinn'*; mandragora officinarum). Il-qamħ għall-produzzjoni tal-ħobż, huwa msemmi f'Dewt 8:8. Huwa kien jiġi esportat lejn il-Libanu (1 Re 5:11). Il-ħsad tiegħu kien isir fix-xahar ta' Sivan. It-tiben huwa msemmi f'Eżodu 5 fi żmien il-Farun, li kien jitħallat mat-tajn sabiex jagħmel il-ġebel għall-bini. Fil-ktieb tal-Eżodu ukoll niltaqgħu mal-papiru f'2:3; l-għollieq (*'Loranthus acaciae'*) jew settembrina fl-episodju fejn Mosè kien qed jirgħa l-merħla ta' ħatnu Ġetro li kien qassis ta' Midjan wara li kien iżżewweġ lit-tifla tiegħu Siffora u kellu tifel Ġersom; mal-għadiba magħruf bħala 'it-tut ta' Abraham' jew sigret il-Virgi f'3:2, il-kosbor f'16:31; mal-akaċja jew gazzija f'25:10; il-ferla u r-raza f'30:14 u 37:17 u l-gazel f'35:25. Il-ktieb tal-Levitiku f'14:2 isemmi l-issopu u l-merqtux huwa msemmi f'14:14. Il-ktieb tan-Numri jsemmi x-xgħir u s-silla f'5:15; iċ-ċikwejra f'9:9; il-ħjar u t-tewm, il-kurrat f'11:5 u r-raza f'11:7. Il-Ktieb tal-Imħallfin f'9:15 isemmi l-għollieq. Eżekjel f'4:9 isemmi l-fażola. Isaija f'28:23 isemmi l-arzell, il-kemmun iswed u ċ-ċitru; f'28:27 insibu l-kemmun (*'Cumimum cyminum'* li minnu ġej l-isem tal-gżira ta' Kemmuna). Isaija 40:6 isemmi l-kammumilla u l-ward tax-xemx; 41:19 isemmi r-riħan u f'43:24 il-kannamieli; f'44:1 insibu ċ-ċipress (bl-Ebrajk *'gopher'* u aktarx intuża ukoll fl-arka ta' Noè). Il-Profeta Amos f'6:12 isemmi l-luq, it-terebint u l-ballut.

Il-Profeta Oseja 4:13 isemmi l-inċens. Fit-Tieni Ktieb tal-Kronaki nsibu l-gniebru f'2:8; u 9:10-11. Fl-ewwel Ktieb tas-Slaten insibu l-kappar f'4:33, iċ-ċedru tal-Libanu (*Cedrus libani*) f'5:10 li jikber fil-Libanu u fis-Sud tat-Turkija, li kien jipproduċi injam tajjeb li ma kienx imur bis-susa fejn kien ġie użat ħafna

fl-għamara tat-tempju ta' Salamun (ara 2 Sam 5:11, instab dan l-injam fil-moskea Al-Aqsa) u fil-bini tad-dgħajjes tas-sajjieda, il-ġilju jew susan f'7:22 (fl-opra ta' Gilgamesh iċ-ċedru huwa meqjus sagru f'Enlil, għaliex l-alla Tamnuz twieled taħt iċ-ċedru), u s-siġra tas-sandal f'10:11 u l-ġniebru f'10:12. It-tieni Ktieb tas-Slaten f'12:12 isemmi l-injam tas-siġar. Fit-Tieni Ktieb ta' Samwel isemmi l-għads f'17:28. Fil-Ktieb tal-Proverbji nsibu s-sabbara u l-kannella f'7:17 u l-kittien f'31:13. Is-Salm 120:4 isemmi il-ġummar. Il-kassja hija msemmija fis-Salm 45:8. Fil-Ktieb ta' Ġona nsibu s-siġra tar-riġnu jew is-siġra ta' Ġona u f'Ġon 30:4 isemmi l-qarabali. Il-Ktieb ta' Ester isemmi l-qoton f'1:5. L Għanja tal Għanjiet f'4:13 isemmi ż żagħfran selvaġġ, ir-rummiena (bullar) u t-tamar u l-palm f'5:11 u 7:7. Il-bajtar u t-tin huma msemmiha fil-Ktieb tal-profeta Ġoel 1:7. Insibu ukoll it-tulipan (Għan 2:1); il-fostoq (Għan 6:11); il-qamħ, dragant, lawdnu f'Ġen 43:11, is-seder (lotus, li tikber ħdejn ix-xtut) u ż-żafżaf li jikber fil-widien f'Ġob 40:22; iċ-ċawsli f'2 Sam 5:23-24); ir-rummien f'Għan 7:12; il-luq f'Salm 137:2; il-qasab f'Eżek 40; il-kemmun f'Is 28:25; u l-warda f'Ġen 43. Is 28:23 isemmi l-agrostemma li hija ħaxixa velenuża. 1 Slaten 6:25 isemmi ħalib it-tajr li tgħamel fjuri bojod. Il-Lamentazzjonijiet 3:19 isemmi x-xaħxieħ jew papavru u għandha użu narkortiku. Amos 6:12 isemmi l-konju jew ċikuta jew ferla selvaġġa. Din hija pjanta velenuża u jingħad li l-filosofu Sokrate nqatel biha.

Il-mirra (*'commiphora abyssinica'*) hija msemmiha f'Għan 4:6; il-ħurrieq u r-riħan f'Is 55;13; in-nard f'Għan 4:13; ix-xewk f'Is 28:6; il-ġewż u l-pistaċċi f'Għan 6:11; il-ballut f'Ġos 24:6, iż-żebbuġ f'Imħallfin 9:9; il-palm f'Għan 7:8; il-basal f'Num 11:5; r-ruvlu u ż-żnuber jew is-siġra tal-prinjoli f'Is 44:14, is-simar f'Is 9:14; iż-żagħfran f'Għan 4:1, salvja f'Esodu 37:17; ħwawar f'2 Kronaki 9:1; il-basal f'Esodu 30:34, il-bruka f'Gen 21:33; il-balluta f'2 Sam 18:9, u ix-xewk f'Ger 4:3. Tajjeb li ngħidu li mill-papiru kienu jinħadmu d-dgħajjes (Is 18:12) u qfief (Es :3). U l-weraq tagħha kienu jiktbu fuqha fosthom siltiet mill-bibbja u kienet tiġi esportata. Skont il-Midrax, Debora kienet mara sinjura kbira, kellha ħafna siġar tal-palm f'Ġeriko, ħafna dwieli f'Rama u ħafna siġar taż-żebbuġ fil-pjanura ta' Betel. Fil-fatt Ġeriko kienet meqjusa bħala l-belt tal-palm. Is-salm 120:4 isemmi l-ġenista safra li minnha jsiru l-qfief u għall-insiġ.

Il-Proverbji 5:4 isemmi ukoll in-narċis. Insibu l-għads f'2 Sam 23:11, il-millieg u l-ispelta (Eżek 4:9) u x-xgħir (Dt 8:8). F'Isaija 1:8 insibu ukoll l-bħajra u d-dullieħ. F'Sir 24:15 jissemma l-galbanu bħala simbolu tal-fwieħa tal-Għerf. Ġen 2:12 isemmi l-gomma tfuħ. U l-ward irqiq u ifuħ tal-henna jissemma f'Għan 1:14. Issemmew ukoll is-siġar tal-ebbanu (Eżek 27:15) u s-siġra tal-gazzi Eż 25:10 li minnha saret l-arka tal-patt. Insibu l-mirtu jew riħan, il-platanu jew luq u siġra tal-għargħar f'Ġer 17:6. Jissemma ukoll il-balzmu, il-balzmu ta' Gilejad, il-karfa, il-gangmu, l-għalf, qargħa, ħuxlief, xagħri, ħliefa, l-absint (xitla b'togħma morra), għawseġ li fih ix-xewk, lubien (incense), moffa, żbib, kolofon, injam tal-Efrajm, il-ħaxixa selvaġġa, mandragoli u l-ħaxix morr (Num 9:11) Jissemma x-xgħir, ħannewija, sieq il-brimba, deru, bullar, xadokk, kafè, ġunġlien, milju, ħlewwa, il-warda tal-blat, ġlata, buda, qoton, skornabekk, ħabb il-qamħ, għosfor, sagħtar, ġewż, zinzell u ċikwejra. L-isem ta' Nazareth ġej minn rimja *'nezer'*, Ġesù kien minn Nazareth (*Nazraios*) li minnha ġejja l-kelma Maltija 'insara'.

## Fil-Ġdid Testment

Diversi siġar u pjanti tal-Antik Testment nergħu nsibuhom fil-Ġdid Testment. Mattew 6:28 isemmi s-sbuħija tal-ġilji tal-għelieqi. Il-ħarrub huwa msemmi f'Luqa 15:16 fl-istorja tal-Iben il-Ħali. Mattew 3:1 u Luqa 17:5 isemmi l-qastan. Mark 15:15 isemmi l-kuruna tax-xewk (*'Paliurus spina-christi'*). L-inċens li jiġi mill-pjanti partikulari *'Boswellia thurifers'* insibuh fl-episodju tas-slaten maġi (Matt 2:10). Il-kaħwiela jew anemone bil-ward vjola hija msemmija f'Matt 6:28. Il-bużbież u n-nagħniegħ huwa msemmi f'Matt 23:23. Matt 27:3 isemmi s-siġra ta' Ġuda jew l-Għarus tal-widien. L-assenzju jew erbjanka huwa msemmi f'Apok 8:10; ir-rand 'laurus nobilis' f'1 Kor 9:25, il-mustarda (*brassica nigra*) f'Matt13:31; il-fejġel f'Luqa 11:42; iċ-ċawsli f' Luqa 17:5; u s-sikrana (bis-Sirjak: *zawan*; bil-Grieg: *zizanion*; *'lolium temulentum'*) f'Matt 13:24. Jissemma ukoll il-karmus li huwa tin ċkejken ħadrani. Luqa 13:19 jsemmi ż-żerriegħa tas-senapa li ssir siġra kbira.

## Simboliżmu botaniku bibliku

Il-palm ('phoenix dactylifera') li bih il-poplu ta' Ġersualemm laqa' lil Ġesù huwa s-simbolu tar-rebħa u trijonf, fil-fatt huwa applikat ukoll fir-rebħ tal-martirju. Ix-xewk fil-bibbja huwa marbut mad-dnub u l-konsegwenzi tiegħu (Ġen 3:17-18). It-tin, iż-żebbuġ, il-qamħ u l-għeneb huma simboli tat-tjubija ta' Alla. Il-ġilju huwa marbut mal-bniedem ġust u għat-tjubija ta' Alla. Il-lewż huwa s-simbolu tal-għerf u l-prosperità. It-tuffieħa hija s-simbolu tal-fejqan u l-immortalità. Iċ-ċipress huwa marbut mal-ħajja eterna u fl-art biżantina meqjus bħala *'arbor vitae'*. It-tut huwa marbut mal-protezzjoni. Il-balluta hija s-simbolu tas-saħħa. Il-qastan huwa s-simbolu tal-imħabba. Il-bużbież huwa simbolu tal-purifikazzjoni. It-tina hija s-simbolu tad-divinità u tar-rikonċiljazzjoni. Fir-reliġjonijiet orjentali hija marbuta mal-alla 'Vishnu'. Il-mustarda hija s-simbolu tal-fertilità, kif ukoll il-qamħ. San Ċirillu ta' Lixandra jqabbel iċ-ċipress mal-ġisem rxuxtat ta' Kristu. Iż-żebbuġ huwa s-simbolu tal-fejqan. In-nard huwa s-simbolu tal-imħabba. Ġesù nnifsu fit-tagħlim u fil-parabboli jsemmi l-pjanti u s-siġar imxebbħa mas-Saltna ta' Alla (ara Matt 6:25). Fl-aħħarnett, it-Talmud 'Eruvin' tal-Lhud iqabbel is-siġra tat-tin mal-Liġi: "Għaliex it-Tora nxebbħuha mas-siġra tat-tin, għax din is-siġra ma ssajjarx il-frott tagħha fi żmien wieħed. Kull meta xi ħadd jersaq lejn din is-siġra jsib dejjem xi frotta fiha. Hekk it-Torah: kull meta timmeditaha, issib xi ħaġa ħelwa fiha".

### *Biblijografija*


Avalos, H., "Ancient Medicine", in *Bible Review* 11 (1995) 26-48.

Bauks, Michaela, "Sacred Trees in the Garden of Eden and Their Ancient Near Eastern Precursors." *Journal of Ancient Judaism* 3/3 (2012) 267-301.

Charlesworth, James H., "The Eternal Planting, the Eden of Glory." *American School of Oriental Research Blog* (2012)

Davis, E., "Aspects of medicine in the Hebrew Bible", in *Koroth* 9 (1985) 265-268.

Jensen, H.A., "Plant world of the Bible", in *Kirkus Reviews* 80 (2012).

Lanfranco, Guido, *Duwa u Semm fil-Hxejjex Maltin*, Lux Press, Malta 1975.

Liphschitz, N., "Cedars of Lebanon: Exploring the roots", in *Biblical Archaeology Review* (May/June 2013).

Royle, J.F., "On the hyssop of Scripture", in *Journal of the Royal Asiatic Society*, 7 (1846) 193.

Steinmetz, D., "Vineyard, farm and Garden: The Drunkenness of Noah in the context of primeval history", in JBL 113 (1994) 193-207.

Yamauchi, E.M., "Magic in the biblical world", in *Tyndale Bulletin* 34 (1983) 169-200.

Zohary, M., *Plants in the Bible*, New York 1982.

# Interess fil-Ġgantija mill-barranin

John Cremona




Żgur li l-aktar suġġett ta' inċiżjonijiet u litografiji li ġie ttrattat minn artisti u li ġie stampat f'kotba li jittrattaw dwar Għawdex kien il-Ġgantija. L-istampi ta' dan il-monument preistoriku bdew jiġu mxandra saħansitra qabel ma t-tempji ġew imnaddfa mit-terrapien li kien jgħatti parti sostanzjali minnhom. Meta mbagħad fil-bidu tas-seklu dsatax it-Tempji tal-Ġgantija kienu l-ewwel monumenti preistoriċi li ġew mikxufa kompletament, l-interess dwarhom kiber b'mod sorprendenti u dan l-interess ma kienx limitat biss għal Malta u Għawdex iżda b'mod partikolari f'diversi pajjiżi Ewropej.

Jeżistu tal-anqas 47 inċiżjoni jew litografija differenti li jittrattaw dwar il-Ġgantija jew suġġetti relatati magħha. Uħud minn dawn l-istampi huma oriġinali filwaqt li oħrajn huma kkupjati minn fuq stampi ta' artisti oħrajn.

Litografija interessanti u sabiħa tal-ewwel absida fuq in-naħa tal-lemin fit-tempju l-kbir ġiet ippubblikata flimkien ma' litografiji oħra tal-Ġgantija minn Luiġi Mazzara fil-ktieb tiegħu *'Temple ante-diluvien dit des geants decouvert dans l'isle de Calipso aujurdhui Gozo, pres de Malte'* stampat f'Pariġi bid-data tal-1827.

Din il-litografija kbira u sabiħa ġiet ikkupjata minn artisti oħrajn u ġiet ippubblikata tal-anqas tliet darbiet oħra f'kotba oħra f'qisien u formati differenti. Fl-1832 ġiet ippubblikata bħala inċiżjoni kbira minn Attilio Zuccagni Orlandini fil-ktieb *'Atlante Geografico dell'Italia'* f'Milan filwaqt li tliet snin wara ġiet ippubblikata f'Pariġi minn L.E. Audot fil-ktieb *'L'Italie, la Sicile, les Iles Eoliennes, l'Ille d'Elbe, La Sardigne, Malte, L'Ille de Calypso ecc.'* f'format żgħir ħafna. Fl-1839 reġgħet ġiet inċiża minn Morgese u stampata fil-perjodiku *'L'Omnibus Pittoresco'* li ħareġ fit-13 ta' Jannar ta' dik is-sena ġewwa Napli. Din l-inċiżjoni wkoll hija ta' qies żgħir ħafna ta' 82 x 105mm.

Interessanti li Mazzara taħt din il-litografija jikteb li huwa skopra t-Tempju tal-Ġganti kif kienet magħrufa l-Ġgantija fi żmienu meta kien fuq vjaġġ lejn l-Afrika fil-15 ta' Lulju 1827. F'din il-litografija Mazzara juri t-tiżjin ta' ġot-tempju li ħafna minnu llum m'għadux jidher jew għax spiċċa bl-elementi jew bil-vandaliżmu matul is-snin qabel ma t-tempju ġie protett. F'din l-istampa huwa juri l-ġebla bis-serp imnaqqax fuqha, waħda mill-ftit oġġetti oriġinali li nstabu fil-Ġgantija u li għadhom jeżistu. Illum din il-ġebla interessanti tinsab għall-wiri fiċ-Ċentru tal-Viżitaturi tal-Ġgantija. Mazzara juri din il-ġebla mimduda mal-art, madankollu nafu fi żgur li din il-ġebla kienet instabet fl-absida ta' ġewwa ta' fuq il-lemin tal-istess tempju u li x'aktarx il-pożizzjoni oriġinali tagħha kienet wieqfa għaliex il-ġebla hija mżejna b'burdura fuq iż-żewġ naħat.

Il-litografija hija *intitolata 'Vue d'un des Autels du Temple des Geants dans l' Ile de Calypso decouvert par l' Auteur dans son voyage en Afrique le 15 Juillet 1827'* u għandha qisien ta' 190 x 292 mm. Ta' min jgħid li hemm edizzjoni oħra tal-istess litografija li hija intitolata sempliċement *'Vue d'un des Autels du Temple des Geants dans l' Ile de Calypso'*.

*Għawdex 400 sena ilu*

**Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 219**

Riċerka ta' **Joseph Bezzina**

© 2014

Għat-**TLIETA U GĦOXRIN** sena konsekuttiva qegħdin noffru lill-qarrejja ta' *Il-Ħajja f'Għawdex* ir-rubrika dwar Għawdex fil-qedem. Tul l-ewwel tmien snin (1992-1999) ippubblikajna dokumenti ta' 400 sena ilu, mid-disa' sad-dsatax-il sena (2000-2010) ġibna dokumenti ta' 300 sena ilu, għax ta' 400 sena ilu nqerdu. Mis-sena 2011 bdejna mill-ġdid b'dokumenti ta' 400 sena ilu. Id-dokumenti, bħas-snin ta'qabel, huma meħudin mill-*Acta* ta' l-Universitas, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann. Dawn jinsabu miġbura fil-NAG, l-Arkivju Nazzjonali, sezzjoni ta' Għawdex. Hu ttamat li 'l quddiem dawn il-paġni storiċi jiġu stampati fi ktieb.

# B'tabib Għawdxi, ikunu iktar moqdija

**Id-dokument numru mitejn u dsatax li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu rikors imressaq erba' mit sena ilu mill-ġurati tal-Università ta' Għawdex lill-Granmastru Alof de Wignacourt (1601-1622) dwar il-ħatra tat-tabib tal-Gvern. Jinsab reġistrat fit-tielet volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii,* il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), folju 130r (NAG, UG, *Acta,* 3/1613–1614, 130r).**

Din hi t-traskrizzjoni tar-rikors:

*Li giurati della sua Isola del Gozzo, fidelissimi vassalli et servitori di V[ostra] S[ignoria] Ill[ustrissi]ma, a quella umilmente supplicando;*

*esponero qualmente havendo loro inteso come V.S. Ill.ma ha già provisto per medico fisico della Città Vittoriosa al Dottor Consalvo Abela; viene perciò a vacare il loco suo del medico della sudetta sua Isola del Gozzo dove conviene che V.S. Ill.ma proveda d'un altro fisico per detta Isola et popolo del Gozzo;*

*ma perchè vostri servitori fedelissimi s'aspettano di giorno in giorno, anzi di hora in hora, il Dottor Pietro Francesco Pontremoli, fisico, figlio di Paulo Pontremoli, patrioto di detta Isola dal quale oltre che è dottore sufficiente come se intende, detto popolo sarra anche più ben servito che da qualsivoglia altro forestiero, stante la povertà et necessità di detto popolo, perchè con un patriotto si escusano e non si scomodano tanto quanto si scomodarebberò come un forestiero;*

*supplicano pertanto a V.S. Ill.ma, si degna far gratia ad un popolo con dare et conferire il sudetto loco et carrico di medico di detta sua Isola del Gozzo in persona del supradetto Pietro Francesco Pontremoli conforme era in persona del detto Dottor Abela;*

*e resteranno di continuo pregare il Signore la sanità e vita longa d'Ill.mo et suo felicissimo stato.*

Fit-tmiem is-sena amministrattiva 1613, jiġifieri fl-aħħar ta' Awwissu, kien sejjer jisfa vojt il-post tat-Tabib tal-Gvern f'Għawdex. It-Tabib Consalvo Abela, Malti li kien jokkupa din il-kariga, inħatar it-tabib tal-Gvern ġewwa Vittoriosa (il-Birgu), Malta. Il-Granmastru kien qiegħed għalhekk fil-proċess li jaħtar ieħor.



Il-ġurati ta' Għawdex – Marcello Burlò, Salvo Refalo, u Pietro Gambino – ħatfu l-okkażjoni biex jitolbu lill-Granmastru Alof de Wignacourt ħalli jaħtar minfloku tabib Għawdxi. Għarrfuh li l-Għawdxin qegħdin jgħoddu l-jiem, anzi s-sigħat, li jaraw bħala tabib tal-Gvern ġewwa Għawdex lil Pietro-Francesco Pontremoli.

Pietro-Francesco kien bin is-Sinjur Paolo Pontremoli u s-Sinjura Maddalena Giacoba. Twieled nhar it-21 ta' Lulju 1588 u kien mgħammed fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex (GM/01/01, 332). Missieru u ommu jingħataw it-titlu ta' Sinjur u Sinjura għax kienu ġejjin minn familja nobbli.

Pietro-Francesco hu deskritt fir-rikors bħala *dottore sufficiente come se intende;* jiġifieri kien tharreġ ta' tabib kif suppost. Aktarx li rċieva t-taħriġ mediku fis-Sagra Infermerija, l-Belt Valletta. L-Infermerija bdiet tinbena fis-sena 1574 mill-Granmastru Jean de la Cassiere u hekk kif bdiet tiffunzjona l-istudju tal-mediċina f'Malta għamel qabża kbira 'l quddiem. Pietro-Francesco kien jipprattika bħala tabib b'mod privat. Skont dan ir-rikors, il-poplu Għawdxi kien sodisfatt ħafna bih. Jekk jinħatar tabib tal-Gvern seta' jibda jaqdi 'l kulħadd anki lill-fqar Għawdxin li ma kellhomx minn fejn iħallsu għal tabib.

Il-Ganmastru fil-fatt laqa' t-talba tal-Università u ħatar lil Pietro-Francesco, ikkwalifikat *Artium et Medicina Doctorem,* bħala t-Tabib tal-Gvern f'Għawdex, b'effett mill-1 ta' Settembru 1613. Ħuh Salvatore, mwieled fit-3 ta' Frar 1597, inħatar arċipriet tal-Knisja Matriċi ta' Għawdex fid-9 ta' Ottubru 1621.



# Gozoviews.com



**Salvu Felice Pace**
*sfelicep@go.com.mt*

**www.gozoviews.com** mhix xi websajt elaborata. Fiha ftit paġni li fihom hemm miġbura fatti dwar Għawdex. Il-paġna tal-merħba tikkonsisti f'żewġ mistoqsijiet: fejn huwa Għawdex? u kif tista' tivvjaġġa biex tiġi Għawdex?

Iż-żewġ mistoqsijiet huma mwieġba b'mod fattwali. L-ewwel mistoqsija titwieġeb bi preżentazzjoni ta' fatti ġeografiċi, b'dettalji li jinteressaw lil min ikun sama' b'Għawdex għall-ewwel darba. It-tieni mistoqsija tagħti tagħrif komprensiv dwar kif tista' tasal f'Għawdex. Fl-istess paġna ssib l-aħħar aħbarijiet ta' Malta, li ma jħallux l-Għawdex barra. Issib ukoll rapport tat-temp u r-riżultati ta' żewġ *polls* li għamlet is-sit dwar kif iħarsu lejn Għawdex il-viżitaturi tagħha.

Interessanti ħafna f'din is-sit hija t-taqsima *Gozo History* għax hawn fi tlett paġni tingħata l-istorja tal-gżira b'*timeline* li jibda minn żmien pre-5600 BC u jispiċċa bis-sena 1987, is-sena li fiha twaqqaf il-Ministeru għal Għawdex. Is-sit għandha taqsima oħra bl-isem *Well Known People*. Din it-taqsima kull ma fiha hu żewġ ritratti ta'żewġ persunaġġi Għawdxin b'biografija qasira ħafna.

L-impressjoni tiegħi hi li din il-websajt hija x'aktarx mitluqa u ftit li xejn għandha viżitaturi. Dnub.



## Lura għall-Ikonografija fi Knejjes Għawdxin (14)

Fil-ħarġa ta' Novembru li għadda kont ktibt dwar il-pittur Dun Carlo Zimech (1696 – 1766). Saċerdot Malti li kien spiċċa joqgħod Għawdex, fin-Nadur, għal raġunijiet ta' saħħa. Fir-riċerka tiegħi *online* kont sibt li dan il-pittur kien ħalla pittura waħda fil-Bażilka ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur, dik tal-evanġelista San Mark. Irċevejt *email* minn għand Dun Dumink Camilleri minn Nadur b'tagħrif ferm aktar komplet. Dun Carlo Zimech għandu pitturi tal-erba' evanġelisti (ara Patri Alexander Bonnici, l-ewwel volum dwar in-Nadur). Għandu wkoll żewġ kwadri laterali fil-kor tal-Bażilka bit-tema tal-martirju ta' San Pietru u San Pawl. Ħalla warajh ukoll il-kwadru tal-Kunċizzjoni jew parti minnu. (Ara *Luminaria* Settembru 1986). F'diversi puntati tas-serje kont ktibt li bl-ebda mod ma kont qed niżvela l-ikonografiji kollha fil-Knejjes Għawdxin. It-tagħrif li bgħatli Dun Dumink huwa prova ta' dan. Nirringrazzjah tat-tagħrif li għaddieli u għall-interess tiegħu.

gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073




# 8. Iż-Żmien tad-Deheb tal-Iżlam u r-Rinaxximent fl-Ewropa

## L-Assedju ta' Kostantinopoli (1453)

Kull meta l-Insara kienu jifirxu saqajhom 'l barra mill-Ewropa kienu jsibu lill-Mislem iwaqqafhom. Dawn iż-żewġ reliġjonijiet kienu ilhom sekli sħaħ imqabbdin ma' xulxin fi gwerer kbar. Il-kruċjati Kristjani kienu intenzjonati biex l-Insara jieħdu kontroll tal-Art Mqaddsa u l-Belt ta' Ġerusalemm imma min-naħa l-oħra kien hemm il-Musulmani Torok, l-Ottomani, li kienu qed jinfdu f'artijiet nsara. Minkejja l-gwerer ta' bejniethom il-kummerċ ma' kienx jonqos. Din ir-relazzjoni kienet evidenti fl-iktar mument epiku tal-istorja ta' dawn iż-żewġ reliġjonijiet waqt l-Assedju ta' Kostantinopoli f'Mejju tas-sena 1453.



Il-kap tal-Ottomani, Mahmet II sa minn meta kien għadu żagħżugħ kien jixtieq li jaħkem lill-Belt ta' Kostantinopoli. Din il belt kienet vitali fil qasam tal kummerċ peress li kienet tinsab f'salib it-toroq tal-kummerċ bejn il-Lvant u l-Punent. Barra minnhekk kienet imħarsa sewwa minn ħitan għoljin li kienu bnew ir-Rumani. Imħarsa minn dawn is-swar kien hemm knejjes kbar u sbieħ li għadhom jeżistu sal-lum. L-ikbar u l-isbaħ hija l-knisja magħrufa bħala Hagja Sofija, li għadha wieqfa sal-lum, imma kienet ġiet mibdula f'moskea kbira għall-Musulmani. Għal iktar minn elf sena s-swar ta' din il-belt kienu joffru protezzjoni mill-iktar effettiva lil din il-belt u l-Musulmani qatt ma kienu għadhom irnexxielhom jidħlu f'din il-belt. Fis-sena 700 w.K armata massiva ta' Għarab ma rnexxilhiex tegħleb dawn is-swar u hekk l-Iżlam kien mċaħħad li javanza 'l fuq lejn il-Punent mit-Turkija għal ġol-Ewropa.

Mehmet, minkejja l-eta' żgħira tiegħu, kien mexxej intelliġenti. Huwa kien Musulman rett u għaqqad armata ta' iktar minn erba' mitt elf suldat li fosthom kien hemm numru kbir ta' nsara wkoll. Minn naħa l-oħra Kostantinopoli kellha nuqqas ta' suldati biex jgħassuha. Kien hemm biss madwar ħamest elef suldat. Biex tkompli tagħqad l-Ewropa Nisranija ma' tantx kien moħħha biex tiddefendi lill-Belt ta' Kostantinopoli mill-Mislem għax kien ħsiebha fil-kummerċ u l-ġid. Wieħed mill-ftit Ewropej li għen lin-nies ta' Kostantinopoli kien il-merċenarju Ġenoviż, espert fl-assedji, Giovanni Giustiniani Longo.

L-assedju fuq Kostantinopoli dam għaddej għal ġimgħat sħaħ. In-nies ta' Kostantinopoli iktar ma' għadda ż-żmien iktar bdew iħossuhom mirbuħa. Il-qassisin biex jagħmlu qalb lin-nies, bdew jirrikorru għat-talb u ħarġu kwadru tal-Madonna u bdew idawruh mal-belt biex in-nies titlob lill-Verġni Marija biex tidħol għalihom. Biex l-affarijiet imorru għall-agħar l-inkwatru milli jidher kien tqil wisq u waqt li kienu jġorruh fuq l-ispallejn kien kważi waqalhom fl-art. Dan kien sinjal ħażin ħafna u l-affarijiet komplew sejrin għall-agħar billi kien hemm maltempata kbira fuq il-belt u bwieb is-sema nfetħu u kważi għarqu lill-belt fl-ilmijiet. Fl-aħħarnett, skont ma' jingħad, fuq il-knisja ta' Santa Sofija deher ċirku aħmar jixgħel li kien jindika li kien ser ikun hemm ħafna tixrid ta' demm. Ovvjament it-tixrid ta' demm ma jonqosx f'assedji bħal dawn. Għan-nies ta' Kostantinopoli dan kien sinjal mis-sema li Alla kien warrab lil din il-belt u għalhekk it-telfa kienet żgura. Fis-siegħa u nofs ta' filgħodu tad-29 ta' Mejju 1453 il-belt ta' Kostantinopoli kienet taħt attakk tremend mill-Misilmin.

## Straġi sħiħa... Iżda

Gustiniani għamel minn kollox biex jiddefendi l-belt. Iżda ħaġa tal-għaġeb l-Ottomani kienu qed jattakkaw lill-belt billi għamlu użu minn teknoloġija Kristjana permezz ta' kanuni li kienu magħmula għal Meħmet minn tekniċi Ungeriżi u Ġermaniżi! L-insara żammew għal ħames sigħat sakemm Gustiniani ndarab għall-mewt. F'dan il-ħin l-insara qabadhom paniku kbir u ċedew l-armi.

L-Ottomani nifdu s-swar tal-belt u daħlu bi ħġarhom fil-belt. It-tempju qaddis ta' Santa Sofija kien mimli bin-nies jitolbu u jkantaw flimkien mal-qassisin biex il-Verġni Marija tidħol għalihom. Flimkien mat-talb tal-miġemgħa kien jinstema' l-ħoss tat-taħbit permezz ta' travi kbar li s-suldati Ottomani kienu qed jużaw biex ikissru l-bieb tal-knisja. Fl-aħħar id-daqqiet tas-suldati faqgħu l-bieb mastizz u daħlu fit-tempju kbir u maestuż.

Hekk il-Belt ta' Kostantinopoli kienet mirbuħa u l-katidral l-iktar għażiż għall-insara sar tempju Musulman. Dan il-kaditral baqa' tul is-sekli kollha sal-ġurnata tal-lum bħala moskea Musulmana. Mas-sebħ Meħmet għadda trijunfanti riekeb fuq iż-żiemel tiegħu madwar il-belt ta' Kostantinopoli. Hekk din il-Belt wara elf u mitt sena ta' Kristjaniżmu saret Musulmana. L-aħbar tar-rebħa Musulmana xterrdet madwar l-Ewropa bħal leħħa ta' berqa. Ir-rebħa ta' Kostantinopoli kienet l-ikbar rebħa tal-Ottomani fuq l-Insara u l-agħar telfa tal-Krisjaniżmu.

Minkejja li Kostantinopoli issa saret Musulmana, il-kummerċjanti ta' Ġenova u Venezja xorta reġgħu bdew jibgħatu x-xwieni tagħhom biex jinnegozjaw mas-Sultan. Naturalment is-Sultan kien jaqbillu jinnegozja magħhom u hekk il-kummerċ baqa' sejjer xorta waħda. Fejn jidħlu l-flus u l-kummerċ m'hemmx reliġjon fin-nofs! Hekk kien u hekk għadu. Dan kien iż-żmien tad-debeb tal-Iżlam.

## L-Istati Papali

Fl-Ewropa s-saħħa militari kienet f'idejn il-Papa u r-Rejjiet li kienu fi gwerra bejniethom min jaħkem l-aktar artijiet u ġid. Fosthom kien hemm stati fl-Italja li kienu mmexxijin minn Prinċpijiet u Rejjiet li saħansitra kienu kontra l-istess Papa li dak iż-żmien kellu ħafna setgħa temporali, artijiet u ġid flimkien ma' armata biex iħares dan il-ġid. Ġara li ħafna mill-insara sinjuri jew ta' skola li kien hemm Kostantinopoli marru f'dawn l-istati u bdew iħaddmu l-ġid u t-talenti tagħhom hemm. Permezz ta' dawn in-nies l-Ewropa reġgħet bdiet tieħu r-ruħ u dan il-qawmien jew rinaxximent baqa' sejjer għal mitejn sena sħaħ.

## Ir-Rinaxximent

Il-perjodu tar-Rinaxximent kien beda fl-Italja fis-seklu erbatax u minn hemm infirex mal-Ewropa u baqa' għaddej sas-seklu sbatax. Dan kien perjodu fejn il-bniedem reġa' sab l-għerf u t-tagħlim klassiku. Il-Latin u l-Grieg reġgħu ħadu spinta u saru l-lingwi tat-tagħlim fl-Universitajiet imferrxa mal-Ewropa. Ir-Rinaxximent ma' kienx biss fit-tagħlim imma affettwa wkoll il-mod kif kienu jibnu l-palazzi, l-arti tal-pittura u l-iskultura. Ir-rejjiet ta' din l-epoka kienu bdew jinvestu bil-kbir fl-arti u l-kultura u kienu jimpjegaw l-aqwa artisti ta' dak iż-żmien u jikkommissjonawlhom xogħlijiet kbar għall-palazzi tagħhom. Fost dawn insibu r-rejjiet u l-prinċpijiet li kienu jmexxu l-Istati Papali fl-Italja ta' Fuq bħal Ġenova, Venezja, Milan, Pisa u Firenze, imma mhux inqas f'Ruma u f'Napli.

Wieħed mill-aqwa artisti, inventur, u xjentisti kien Leonardo da Vinci. Dan dam tlettax-il sena impjegat mid-Duka Ludoviku Sforza li kien imexxi lill-Istat ta' Milan. Leonardo kien litteralment iġennen lid-Duka bid-disinni ta' pontijiet, armi innovattivi, ideat ġodda u anke saħansitra libsa tal-ħadid li permezz tagħha wieħed ikun jista' jinżel f'qiegħ il-baħar. Leonardo da Vinci kien bniedem ġenju fil-veru sens tal-kelma. Kellu talenti straordinarji. Kien pittur, inventur prolifiku, xjentist, mużiċist, enġinier, u saħansitra għamel ktieb bi tpinġijiet ta' partijiet tal-ġisem li l-anqas l-anatomisti ma' kienu kapaċi jagħmlu bħalu. Leonardo da Vinci apparti t-talenti kbar tiegħu kien xortih tajba ukoll għax sab lid-Duka Sforza galantom prima u tah l-opportunita` li juri dak kollu li kien jaf. Huwa kien iħallsu tajjeb u tal-flus li kien jagħtih Leonardo kien itih il-valur kollu tagħhom b'xi opra tal-arti meraviljuża, bħal numru kbir ta' pitturi famużi bħal tal-Aħħar Ċena, il-Mona Lisa, San Ġwann Battista, Il-Madonna tal-Blat, u l-Annunzjazzjoni. Għamel ukoll mudelli ta' kanuni, pontijiet, strumenti mużikali, qaws, u diversi oġġetti oħra fosthom arjuplan! Pitter ukoll diversi partijiet tal-ġisem b'mod l-iktar preċiż peress li kien juża katavri bħala mudelli. Dawn kienu jintużaw saħansitra għat-tagħlim tal-anatomija.



Il-familja Sforza kienet waħda mill-iktar familji sinjuri u li kellhom poter dak iż-żmien. Huma kienu jinnegozjaw ma' kulħadd basta kien jibqa' qiegħ għalihom! Missier Ludoviku kien merċenarju u kien jiġġieled għal kulħadd basta jaqla' l-flus u ftit ftit irnexxielu jaħkem lil Milan taħt idejh. Huma ma kinux xi familja nobbli imma bil-ġid li kellhom irnexxielhom joħolqu stampa sabiħa tagħhom infushom quddiem il-poplu ta' Milan li aċċettahom bħala mexxejja tiegħu. Huma sfruttaw nies bħal Leonardo biex ħolqu kultura u ċertu wirt artistiku li poġġihom fuqnett tal-klassi ta' dak iż-żmien.

Forsi l-aqwa xogħol li għamel Leonardo għad-Dukat ta' Milan kien l-"Aħħar Ċena". Leonardo dam kważi sena jdur madwar it-toroq ta' Milan biex isib il-mudelli li fuqhom pitter it-tnax l-appostlu u lil Kristu. Iżda kif kien stqarr huwa stess l-iktar persunaġġ li dam ifittex kien dak ta' Ġuda. B'kollox dam tlett snin biex lesta din il-pittura famuża tal-Aħħar Ċena. Din il-pittura tgħaqqad flimkien l-arti u x-xjenza, għax barra l-ġenju artistiku hemm ukoll il-preċiżjoni xjentifika rappreżentata fid-dettall tal-uċuħ u l-espressjoni tagħhom. Il-pittura, tħares kif tħares lejha, għandha perspettiva unika u meta tkun quddiemha ssibek qed tieħu sehem fl-aħħar ikla ma' Sidna Ġesù Kristu mhux bħala spettatur imma bħala sieħeb attiv.

Dan il-ġid fl-Ewropa u dan il-qawmien fl-arti, xjenza u kultura speċjalment fl-Italja, wassal biex jinħoloq iktar ġid, ikun hawn iktar tagħlim u l-moħħ tal-bniedem ma' baqax iktar magħluq u mudlam. Diversi ħassieba u kittieba influwenzaw il-filosofija u l-letteratura u ġabu bidla flimkien mal-avanzi fix-xjenza u t-tagħlim li kien hemm. Hekk l-Ewropa kienet fl-aqwa tagħha u firxet saqajha 'l hemm mix-xtut tal-Mediterran u kienu skoperti kontinenti oħrajn, kif ser naraw iktar 'l quddiem.

*(jissokta)*

# Fi Triqti lejn il-Vjetnam

**Angelo Portelli (037)**

## Il-Gwerra tal-Vjetnam

Wara tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija, Franza kompliet tespandi l-kolonji li kellha, u fosthom ippruvat taħkem il-Vjetnam ta' Fuq. Imma l-Vjetnamiżi, taħt ir-reġim Komunista ta' Ho Chi Min, iġġieldu bi qlubija kbira kontra l-Franċiżi tant li reġġgħuhom lura lejn il-Vjetnam t'Isfel. Hawn inħolqot żona de-militarizzata bejn iż-żewġ pajjiżi u għal xi żmien il-ġlied naqas. Madankollu, il-Vjetnamiżi ta' Fuq flimkien mal-Vjetkong (Komunisti li kienu jgħixu fil-Vjetnam t'Isfel) bdew jagħmlu minn kollox biex jifirxu l-ideoloġija Komunista fil-Vjetnam t'Isfel. Huma kellhom l-għajnuna tar-Russja u ċ-Ċina, l-akbar żewġ pajjiżi Komunisti. Bis-saħħa ta' dawn, il-Komuniżmu kien qiegħed jifrex għeruqu f'ħafna pajjiżi dik il-ħabta, kemm fl-Ewropa u anke fl-Asja.

Fis-snin 50, l-Istati Uniti kienu diġà bdew jippruvaw jikkontrollaw il-firxa tal-Komuniżmu u minħabba f'hekk kienu daħlu fil-Gwerra tal-Korea, pajjiż li kien spiċċa maqsum. Issa kien qiegħed jiġri l-istess fil-Vjetnam. L-Amerikani beżgħu li jekk il-Komunisti jaħkmu l-Vjetnam kollu, jduru għall-pajjiżi ġirien: il-Laos, il-Kambodja u t-Tajlandja. Għall-ewwel huma intervjenew billi bagħtu xi konsulenti militari biex jgħinu lill-Franċiżi u lill-Vjetnam t'Isfel. Imma meta l-Franċiżi rtiraw, il-piż waqa' kollu fuq l-Amerika li bdiet tibgħat ħafna truppi biex iħarsu t-territorju Vjetnamita. It-tgerfix u l-korruzzjoni li kien hemm fost il-membri tal-Gvern tal-Vjetnam t'Isfel xejn ma għen is-sitwazzjoni u sal-1964, l-Amerikani spiċċaw jiġġieldu gwerra mill-iżjed ħarxa fil-ġungla tal-Vjetnam.



*L-ewwel taħriġ intensiv f'Fort Gordon Smith*

## Is-Snin ta' Tfuliti

Jien emigrajt lejn l-Amerika meta kelli biss 11-il sena u mort ingħaqadt mal-bqija tal-familja. Kienet is-sena 1958, meta l-Istati Uniti kienu f'nofs il-Gwerra tal-Korea. Fl-1965, meta kelli 20 sena, temmejt kors ta' *panel beater* u bdejt naħdem. Issa bejn is-snin 50 u 70, is-servizz militari kien obbligatorju u jien u sħabi tal-kwartier fejn kont noqgħod, (34th f'Astoria) kellna tberren f'moħħna l-gwerra f''Nam' (il-Vjetnam) għax konna nafu li llum jew għada se jiġbruna bil-lieva. Is-servizz kien idum sentejn. Ħija l-kbir, George, kien l-ewwel li ssejjaħ, imma lilu ħallewh l-Amerika.

Ma damx ma mess lili wkoll, u f'Ġunju tal-1967 irċevejt ordni biex nirrapporta għat-taħriġ militari f'Fort Gordon Smith, f'Carolina. Malli wasalt hemm, l-ewwel ħaġa li għamlu kien li qaxxruli xagħri. L-għada bdew tmien ġimgħat ta' taħriġ intensiv: eżerċizzji fiżiċi, mixi, u ġiri. Kellna wkoll taħriġ fuq ir-*rifle* M14, arma tqila li aħna ridna nitħarrġu biha bħala grupp, nisparaw biha, nitgħallmu nżarmawha u narmawha fl-iqsar żmien u nitħarrġu fil-ġlied bil-bajunetta. Tgħallimna nisparaw f'kull pożizzjoni: bil-wieqfa, għarkupptejna, mimdudin. Kellna wkoll taħriġ fuq korsa ta'ostakli, fit-tfigħ tal-*handgrenade*, u kif nixxabbtu. L-agħar taħriġ kien fl-użu tal-maskra tal-gass.

## Aktar Taħriġ

Meta temmejna l-kors bażiku, il-grupp tagħna ġie sparpaljat għaliex kull wieħed minna kellu jsegwi taħriġ individwali aktar avanzat (*Advanced Individual Training*). Uħud minna ntbagħtu fuq kors fl-iskola tal-enġinerija, oħrajn fl-iskola tal-artillerija jew fuq it-tankijiet jew fl-iskola tal-infanterija. Jien ġejt magħżul għall-iskola tal-avjazzjoni. Dan kien ifisser li kelli nitħarreġ fuq il-ħelikopters u fuq ajruplani żgħar. Għaldaqstant intbgħatt Fort Rucker, Alabama. Parti mit-taħriġ kien l-istess bħal dak bażiku, imma mbagħad kellna lezzjonijiet fi klassijiet. Wara l-kolazzjon ta' filgħodu, konna



*Bħala crew-chief kien meħtieġ tkun mgħallem fuq il-mekkaniżmu tal-ħelikopter*

nimmarċjaw għall-klassijiet tagħna. Ta' kuljum kien ikollna *instructors* li jgħallmuna fuq kif inhu mibni l-ħelikopter UH-1 *Huey*, kif jaħdem u kif nistgħu nindunaw b'xi problema li setgħet tinqalagħlu. Ġejna mħarrġa biex fil-futur inkunu mekkaniks u *Crew-Chiefs* fuq dawn l-istess ħelikopters. Il-*Huey* kien l-aktar ħelikopter li ntuża fil-gwerra u kien jintuża għal kwalunkwe xogħol. Kellna enfasi kbira fuq is-sigurtà; ma kienx hemm lok għal żbalji għax żball wieħed kien ifisser ħajjiet.

Kemm domt Fort Rucker tgħallimt ukoll kif nidderieġi l-ħelikopter biex jillandja, kif jinżel fuq tagħbija u kif jigganġaha biex jerfagħha fl-ajru. Kellna wkoll taħriġ fuq il-ħelikopter waqt li jkun itir. Tgħallimna nużaw ir-*rifle* M16 (li hi eħfef mill-M14), u nisparaw bil-*machine guns* mill-għoli ta' 25 pied. Tħarriġna fil-ġlied bil-lejl u kif nipproteġu l-vista tagħna mid-dawl qawwi tal-*flares* fid-dlam. Kien hemm korsa ta' mitt pied bil-*barbed wire* u aħna kellna nitkaxkru minn taħtha bir-*rifle* f'idejna, qalb dħaħen u splużjonijiet ta' bombi, filwaqt li żewġ *machine guns* kienu jisparaw balal ta' veru fuq rasna.

## Il-Waqfa Li Jmiss – Il-Vjetnam

Meta temmejna l-kors, kollha kemm aħna nħkimna minn tensjoni u sens kbir ta' antiċipazzjoni dwar fejn konna se nispiċċaw. F'qalbna konna nafu li l-verdett kien se jkun 'Nam'. U fil-fatt kollha rċevejna l-ordni biex immorru l-Vjetnam. Ingħatajna permess li nqattgħu xi jiem mal-familji tagħna u jien għaddejt il-Milied tal-1967 ma' tad-dar. Fi tmiem il-vaganza tiegħi, wassluni JFK Airport u minn hemm qbadt triqti lejn il-gwerra. F'qalbi għedt: "Nerħi ruħi f'idejn il-Mulej u b'Ommu, il-Madonna ta' Loretu ħdejja, minn min għandi nibża'!"



*Taħriġ fl-użu tal-machine guns*

Fil-vjaġġ lejn il-Vjetnam waqaft California, il-Hawai u Guam, il-gżira minn fejn kienu jtiru l-bombers il-kbar biex jibbumbardjaw il-Vjetnam. Minn hemm tlaqna lejn il-belt ta'Saigon, fil-Vjetnam t'Isfel. L-ewwel impressjoni li ħadt kienet ta' belt kaotika b'kull tip ta' vettura, ċivili




*Maintenance fuq 'Huey' f'ħangar fil-Vjetnam*

u militari, tiġri 'l hawn u 'l hemm, filwaqt li s-sema kien mimli ajruplani u ħelikopters militari.

X'ħin inżilt l-art sibt li kont ġejt stazzjonat mat-*25th Infantry Division*. Lili u lil dawk li kienu miegħi fl-istess vjaġġ rikkbuna fuq trakkijiet kbar u ħaduna lejn l-*airstrip* fejn konna se nkunu stazzjonati. Il-vjaġġ ħa xi sagħtejn. Minn kull fejn għaddejna kont tara *compounds* imdawrin bil-*barbed wire* u suldati għassa, filwaqt li l-ħelikopters ma qatgħu xejn jittajru fuqna. Meta wasalna sibna li l-post kien Cuc Chi, il kamp bażi tat *25th Infantry Division*, magħrufa wkoll bħala "*Tropic Lightning*". Jien u xi tlieta oħra ġejna assenjati mat-*25th Aviation Infantry Division*, id-"*Diamondhead's*", taqsima li ttajjar il-*Helicopter Gun Ships* u li xogħolha hu li tagħti sapport lis-suldati tal-infanterija waqt xi attakk.

Il-post fejn kienet allokata l-kumpanija tagħna kien jikkonsisti f'*Mess Hall* (fejn nieklu), il-*bunker* tal-Kwartieri Ġenerali (taħt l-art) u l-*Houches* (fejn konna nghixu u norqdu). F'kull *Houche* kienu jghixu sitt persuni u l-*Houche* kellu bunker taħt l-art fejn konna nistkennu waqt l-attakki. Dan konna nużawh l-aktar bil-lejl meta Charlie (kif kienu magħrufa l-Vjetkong) kien ifettillu jattakkana bil-*mortars* (tip ta' bombi). Mal-għajta: *In Coming! In Coming!*, kulħadd kien jitkaxkar għal ġol-*bunker*.

Fl-ewwel ħmistax li kont hemm, ma ġara xejn. Imma fit-tielet ġimgħa qamu l-irwiefen kollha. Jum wieħed, għal xi t-tlieta ta' wara nofsinhar, sar attakk għall-għarrieda. Il-kalma għebet hekk kif ħażna ta' munizzjon li kienet tforni l-ħelikopters tal-attakk splodiet. Dak il-lejl stess, Charlie reġa' attakkana biex ma jħalliniex norqdu. Kienet l-ewwel esperjenza tiegħi ta' attakk bil-*mortars*.

## Nitħejjew Għal Gwerra Totali

Nhar il-31 ta' Jannar tal-1968, il-Vjetkong wettqu attakk massiċċ fuq Saigon biex iwaqqgħu l-Gvern tal-Vjetnam t'Isfel. L-għada bdew jattakkaw il-bażijiet Amerikani. It-*25th Infantry Division* kienet involuta sew f'dan l-attakk billi kienet waħda mid-diviżjonijiet li kienu jipproteġu Saigon. F'Cue-Chi kellna ħafna x'nagħmlu, l-aktar bil-lejl, billi ta' spiss konna fil-mira ta' *rockets* u *mortars* u minħabba f'hekk għaddejna ħafna sigħat fil-*bunkers* taħt l-art. Charlie kien jaf li l-ħelikopters kienu s-sinsla tal-armata Amerikana u għalhekk għamel minn kollox biex jeqridhom. Lejla minnhom kont għassa flimkien ma' suldat ieħor fil-*Mess Hall* xħin sar attakk bla mistenni. Bomba laqtet il-*Mess Hall* u lilna tajritna minn fejn konna imma ma ġralna xejn ħlief għal xi ftit sturdament. Kienet waqgħet xi 100 pied biss bogħod minna.

L-akbar dispjaċir li kelli kien ftit ġimgħat wara dan l-inċident. Id-*Diamondhead's* kienu fuq missjoni b'żewġ ħelikopters u 8 membri tal-ekwipaġġ. Kienu qed jittajru fuq Saigon u kienu involuti fi ġlied aħrax. Wara li attakkaw lill-għadu kemm-il darba, wieħed mill-ħelikopters kien qiegħed idur xħin intlaqat minn tiri ta' *machine gun*. Il-ħelikopter ikollu l-bibien tal-ġnub miftuħa biex il-*Crew-Chiefs* ikunu jistgħu jisparaw. It-tiri mmirati lejn il-ħelikopter jgħaddu żbrixx minn ma' *Crew-Chief* minnhom u jolqtu lill-ieħor tan-naħa l-oħra. Miet tal-kolp u ma waqax għal isfel għax kien marbut. Aħna li konna nafuh sewwa nħsadna għal din l-ewwel aħbar ta' mewt. Tassew li xi wħud kienu ntlaqtu minn tiri imma dan kien l-ewwel vittma fatali. Kellu 19-il sena. Il-kmandant laqqgħana u għamlilna l-qalb imma wissiena li ħwejjeġ bħal dawn jiġru spiss f'kamp tal-battalja.



*Il-'Purple Heart'*

## Il-Gwerra Tiħrax

Il-ġimgħat u x-xhur bdew igerrbu u Charlie beda jiħrax aktar. Beda jagħmel minn kollox biex iwaqqa' l-Gvern tal-Vjetnam t'Isfel. Minn Frar sa Awwissu s-sitwazzjoni bdiet teqliel miż-Żona Demilitarizzata sad-Delta tal-Mekong. Il-ħelikopters tad-*Diamondhead's* kienu dejjem sejrin jagħtu s-sapport lill-infanterija waqt li Charlie jattakkana bil-lejl biex ma jħalliniex nistrieħu. Xi drabi kien jispara *mortar* wieħed, sempliċement biex iqajjimna. Il-Vjetkong kienu makakki ħafna. Kienu jimxu fuq l-istil tal-gwerilli billi jwettqu attakk u jaħarbu. Terġa', huma lanqas kienu jilbsu uniformi u għalhekk ma kontx tagħrafhom min-nies l-oħra tal-post. Ikunu madwarek u ma tintebaħx. Fil-kamp fejn kont jien darba nqabad wieħed minn dawn ikejjel il-post bil-passi. Dan kien arrestat, u wara li kien interrogat, inżamm priġunier.

Il- *Huey* kien l-aktar ħelikopter li ntuża fil-Vjetnam. Konna nużawh għat-trasport tal-merkanzija u tal-feruti (Medvic), u bħala *Gun Ship*. Imma maż-żmien postu bdew jeħduh ħelikopters oħra aktar veloċi bħall-*Cayuse* (għas-sorveljanza) u l-AH-1*Cobra*. Dawn kollha kellhom il-mekkanik tagħhom. Jien kont wieħed minn dawn. Aħna kellna l-kaxxa tal-għodda tagħna, imma għal xi għodda speċjali konna mmorru f'kamra tal-għodda qrib l-*Avionics Room*. Issa kull mekkanik kien jixtieq li jkun *Crew-Chief* fuq il-*Gun Ships*, inkluż jien. Tkellimt dwar dan mas-Surġent ta' fuqi u xahar wara kont aċċettat bħala *Crew-Chief*. Il-ħelikopter tiegħi kien il-*Huey* #442 *Gun Ship*. Xogħli ma kienx biss li nispara l-M60 *machine gun* ta' fuqu, imma wkoll li nara dan jirċievi l-*maintenance* regolarment. Qabel kull titjira, kelli wkoll nara li l-ħelikopter ikun f'kundizzjoni tajba li jtir, u f'każ ta' dubju nordna li ma jtirx.

Wasal il-jum tal-ewwel titjira tiegħi. Wara ftit minuti fl-ajru, il-ħelikopter għaddas rasu u l-pilota spara r-*rockets* li kellna. Wara kien imiss lili li nispara l-*machine gun*, imma l-arma kultant bdiet taqta' tort ta' munizzjon difettuż. L-għada kont se nerġa' fuq missjoni oħra, imma fl-aħħar minuta ġie uffiċjal li talabni biex imur floki, u għalkemm kontra qalbi, għedtlu iva. It-tielet ġurnata kont se nerġa' mmur fuq missjoni oħra, imma waqt li kont nispezzjona l-ħelikopter qabel it-tluq intbaħt b'tagħtina fuq l-iskrun ta' wara. Minħabba f'hekk kelli nordna li t-titjira ma ssirx.

Sadattant kienu waslu l-ewwel ħelikopters *Cobra*. Il-Vjetkong saru jafu bihom u ddeċidew li jwettqu attakk qawwi binhar. Dakinhar jien kont naħdem fuq il-ħelikopter tiegħi meta f'daqqa waħda bdew neżlin xita ta' *rockets* Ċiniżi fuq ir-*runway*. Tlieta ġew fil-qrib ta' fejn kont. Wieħed m'għamilx ħsara, imma wieħed laqat ħelikopter u qatel żewġ uffiċjali u l-ieħor waqa' qrib l-*Avionics Room*. Ix-xrapnel (il-frak) tal-bomba għadda mill-kamra tal-għodda u laqat tlieta min-nies. Is-Surġent intlaqat f'partijiet differenti ta' ġismu, suldat ieħor (G.I) intlaqat fi spalltu u jien intlaqatt f'għonqi u bil-blast spiċċajt mal-art. L-ambulanzi ħaduna kollha l-isptar. Allaħares kont fil-kamra tal-għodda għax min jaf x'kien isir minni! Fl-opinjoni tiegħi, il-Mulej u l-Madonna ta' Loretu riduni nkun *Crew Chief* biex ħelsuni minn mewta ċerta. Fl-istess ħin iddeċidejt li jekk ma kellix xorti bħala *Crew Chief*, ma kellix inkompli nipprova nibqa' f'din il-linja. Jekk il-ħajja ta' suldat fuq l-art hi perikoluża, kemm hi aktar meta jkun jittajjar f'ħelikopter. Għalhekk ħsibt li jkun aħjar nittanta xortija fl-art....

Iltqajt ma' ħafna aktar inċidenti kemm domt il-Vjetnam. F'dawn il-paġni ppruvajt nagħtikom idea żgħira ta' kif kienet il-ħajja ta' suldat wieħed, mill-miljuni li servew fil-Vjetnam. Kull wieħed minnhom għandu l-istejjer tiegħu x'jirrakkonta u l-ebda storja mhi bħall-oħra. Jien niddedika dan l-artiklu lil dawk il-miljuni miż-żewġ naħat li tilfu ħajjithom fil-gwerra, l-aktar dawk il-pajżana li sabu ruħhom f'nofs il-ġlied.

*(Dan l-artiklu bl-isem 'On My Way to Vietnam' deher l-ewwel darba bl-Ingliż fir-rivista tal-**Għaqda Mużikali San Ġużepp, Għajnsielem**, fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna ta' Loretu 2011. Ġie maqlub għall-Malti u addattat għal **Il-Ħajja f'Għawdex** minn Carm C. Cachia.)*

**Xerri l-Bukkett**



***Bar***

***Restaurant Pizzeria***

*Dine while enjoying the best view in the Maltese islands*

Triq iż-Żewwieqa Qala

**Tel. 21553500**

# Futbol - Gozo Cup

## *Valletta jżommu għandhom il-Gozo Cup*



**Joe Bajada**

Il-*holders* Valleta rnexxielhom jerġgħu jirbħu edizzjoni oħra tal-*Gozo Cup* wara li huma rebħu 3-1 fil-finali lil *Sliema Wanderers*. Is-sena l-oħra Valletta kienu għelbu fil-finali lis-Selezzjoni Għawdxija bil-*penalties*. Din ir-raba' edizzjoni offriet għal darb'oħra finali eċċitanti fejn assistejna għall-futbol tajjeb quddiem attendenza numeruża. Kienet finali li ġiet deċiża b'gowls fit-tieni fażi.

Appena għaddew erba' minuti tat-tieni taqsima, Valletta fetħu l-iskor meta minn azzjoni ta' korner tas-sostitut Jean Pierre Mifsud Triganza, l-ballun wasal għand Luke Dimech li mill-viċin ma falliex. Sliema wettqu reazzjoni minkejja li kellhom jistennew sal-20 minuta biex kisbu d-*draw* meta Pietro Marino banalment ma żammx il-frikik ta' Barbetti biex approfitta Pape Gueye li kompla jixħet fil-lasti vojta. Iżda Valletta ma damux ħafna ma reġgħu marru minn fuq fejn żewġ minuti biss wara Mifsud Triganza kompla lejn Abdelkarim Nafti li daħal fil-kaxxa u b'xutt fil-baxx xeħet ġewwa. Fid-29 minuta Valletta aċċertaw permezz ta' Jean Pierre Mifsud Triganza li avanza waħdu fil-kaxxa fejn qabbeż il-ballun minn fuq il-gowlkiper għal ġo lasti vojta.

Fi tmiem il-finali kkontrollata b'awtorità mir-referi Mario Apap, il-Ministru għal Għawdex Dr. Anton Refalo, assistit minn Uffiċjali Għolja tal-GFA ppreżenta l-Gozo Cup lil Ian Zammit *captain* ta' Valletta fost il-ferħ tal-partitarji numerużi tagħhom.

Biex għaddew għall-finali, Valletta kienu għelbu lil Hibernians 5-3 f'partita divertenti. Konfront tant mistenni bejn tnejn mill-aħjar timijiet Maltin tal-*Premier* irriżulta ferm interessanti fejn wara li daħlu jistrieħu fi *draw*, fit-tieni taqsima l-Beltin kienu aħjar biex kisbu rebħa tajba. Minn naħa l-oħra protagonista għall-Pawlisti kien Obinna Obiefule li skorja tripplettta.

Valletta ħarġu fuq l-attakk fejn fis-7 minuta fetħu l-iskor b'xutt tal-akkwist il-ġdid Raimi Bakere. Hibernians naqqsu li jwettqu reazzjoni minkejja li kisbu d-*draw* fis-37 minuta meta ġew mogħtija penalti wara li Manwel Bartolo waqqa lil Obinna Obiefule, bl-istess Niġerjan jikseb id-*draw* mill-ħdax-il metru. Wara l-intervall il-Beltin ħarġu ferm determinati fejn wara ħames minuti reġgħu mill-ġdid marru minn fuq b'daqqa ta' ras ta' Lateef Elford wara kross tas-sostitut Denni. Fit-18-il minuta wasal it-tielet gowl Belti b'xutt mill-viċin tas-sostitut Denni Dos Santos. Mbagħad man-nofs siegħa logħob Denni Dos Santos approfitta minn nuqqas fid-difiża li naqset li tikklerja l-kross mill-lemin ta' Nafti, biex b'xutt qawwi fuq id-dawra kiseb doppjetta personali. Fil-35 minuta *Hibernians* naqqsu l-iskor meta frikik angulat ta' Lima, Obinna Obiefule mill-viċin reġa' għeleb lil Bartolo. U fit-42 minuta Obinna Obiefule fetaħ tamiet ġodda għall-Pawlisti meta b'xutt angulat fuq il-ġirja kiseb tripplettta personali. Madankollu l-Beltin neħħewlhom kull tama għax minuta mit-tmiem Luke Montabello b'daqqa ta' ras perfetta wara kross mill-lemin ta' Nafti ssiġilla l-passaġġ għall-finali.

*Sliema Wanderers* minn naħa tagħhom biex għaddew għall-finali għelbu lis-Selezzjoni Għawdxija b'gowl bikri f'dan id-debutt tagħhom fil-*Gozo Cup*. Kienet partita interessanti fejn l-Għawdxin għamlu tentattiv li għal darb'oħra jerġgħu jgħaddu għall-finali. Iżda żball difensiv kien fatali għalihom għax il-*Wanderers* approfittaw minn dan biex kienu huma li kkwalifikaw. Il-gowl deċiżiv wasal wara erba' minuti logħob meta wara li Farrugia naqas li jikklerja, Alex Xuereb li b'xutt fil-baxx għeleb lil Grima.

### Is-Selezzjoni Għawdxija tispiċċa t-tielet

Is-Selezzjoni Għawdxija rnexxielha tikseb rebħa u tispiċċa fit-tielet post ta' din il-kompetizzjoni. Huma wettqu partita tajba fejn wara l-mistrieħ prattikament iddominaw u kien għal interventi deċiżivi tal-bravu Daniel Balzan li huma ma kisbux rebħa ferm ikbar. Għal din il-partita *Hibernians* taw iktar spazju liż-żgħażagħ tagħhom.

*Hibernians* fetħu l-iskor fis-26 minuta meta Jackson Lima għadda b'azzjoni personali, d-difiża Għawdxija waqfet għal *offside* bil-ballun jispiċċa għand Obinna Obiefule li waħdu quddiem Grima ma żbaljax biex spiċċa bħala l-aqwa skorer tal-kompetizzjoni b'erba' gowls. Għat-tieni taqsima s-Selezzjoni Għawdxija ħarġet bi grinta ikbar fejn fis-seba' minuta Saturday Nanapere għeleb lil Balzan wara li kien irċieva pass ta' Baala. Dan il-gowl kompla jimla lil Għawdxin b'iktar kuraġġ fejn fetħu sensiela ta' attakki iżda Daniel Balzan kien il-protagonista b'diversi *saves* diffiċli fuq konklużjonijiet ta' Nanapere u Sunday Baala. Finalment fil-21 minuta l-Għawdxin qalbu r-riżultat meta Saturday Nanapere baqa' dieħel mal-linja lemenija fil-kaxxa u mill-kross fil-baxx tiegħu, d-difensur Pawlist Dunstan Vella fl-attentat li jikklerja xeħet fil-lasti tiegħu stess għal awtogowl. Fit-32 minuta s-Selezzjoni Għawdxija aċċertat mit-tielet post meta Milos Stojanovic żmarka lil Sunday Baala li ħarab waħdu fejn antiċipa fil-lasti vojta l-ħarġa tas-sostitut gowlkiper Rudy Briffa.

F'JANNAR, FRAR U MARZU
NAĦSBU BIEX INĠEDDU
L-ABBONAMENT
GĦALL-2014

# IL-MASTRUDAXXA

*versi ta'*
**Fr Geoffrey G. Attard**



Xogħol li jitlob saħħa u ħila
Huwa xogħol il-mastrudaxxa
Li jaf jaħdem mill-benniena
Sal-injam tat-tebut kaxxa.

Kont issibu f'bliet u rħula
Dari żgur aktar mil-lum
Meta l-magni kienu ħolma
U bl-idejn kollox maħdum.

Mill-imgħaqad ta' ġol-kċina
Li nsejħulhom siġġijiet
Sal-għamara qrib is-sodda
Għal kull bżonn idejh imidd.

U jekk tidħol għand l-antiki
Mal-ħajt kwadru ssib, sabiħ,
Li fih il-qaddis Ġużeppi
Lil Ġesu' iżomm fuq driegħ.

Illum għand il-mastrudaxxa
Mal-martell u mas-serrieq
Tara magni kbar, imdaqqsa
Jaqtgħu kollox fin u rqiq.

# IL-ĦADDIED

*versi ta'*
**Fr Geoffrey G. Attard**



Bil-kemm għadek tara minnhom
Il-ħaddieda ġol-ibliet
Forsi tilmaħ bi żbrixx wieħed
Ġo ta' raħal xi ħariet.

B'qawwa kbira kont int tilmħu
B'mazza jagħti b'saħħa u qies
Fuq l-inkwina biex il-forma
Jagħti l-ġanċ u t-tagħnijiet.

Minn ġol-forġa tilmaħ ħiereġ
In-nar qawwi biex l-azzar
Irodd sura skont ir-rieda
lix-xerrej jagħti l-aħjar.

Kultant tilmħu wkoll iniegħel
Wara ż-żiemel, milwi tnejn,
Biex lil sidu jikkuntenta
Waqt li jgħidu xi kelmtejn.

San Bastjan, taħt ħarstek ibqa'
Lill-ħaddieda żomm fis-sliem
Biex lil ħuthom jaqdu dejjem
Tul tas-sena x-xhur u l-jiem.

# Djamanti ta' Għawdex

*Ritratti ta' Joe Attard*

## MADWAR GĦAWDEX FIX-XITWA (1)













# TERRY'S FABRICS

## The one-stop shop for ALL your fabric and crafting needs!

We cater in fabrics for all occassions, be it Carnival, Easter, Christmas, etc.

Find a wide selection of *crafts for kids*, *scrapbooking*, *haberdashery*, *card making accessories and embellishments*, *quilting*, *bucilla*, *ganutell*, *jewellery making* and lots more!

We also manufacture and sell uniforms and embroidered badges.



Sole agents and distributors for
**Darice**, **Cranston**, and **DCWW** craft products.

*Visit us at:*
**Tiġrija Palazz, Level 2 Republic Street, Victoria, Gozo**

*Opening hours:*
Mon-Fri from 08:30 - 12:00 and 16:30- 19:00
Saturdays mornings only
Closed on Sundays and Public Holidays

Tel: **21559329** Fax: **21561498** email: **ddts1279@gmail.com**
**www.terryfabricscoltd.com**